**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

*Kumpilazzjoni Nru. 712/2015*

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**
**(Spettur Carlos Cordina)**

**-vs-**

**Malcolm Zammit, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 575979M,**
**u**
**Christopher Callejadetentur tal-karta tal-identità bin-numru 281364M.**

**Illum: 9 ta' Mejju, 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati **Malcolm Zammit** u **Christopher Calleja** u cioe` talli:

F'Birzebbuġia, fix-xahar ta' Awwissu 2015, flimkien ma persuni oħra, irrendew lilhom infushom kompliċi ta' serq u delitti oħrajn, b'xi mod li jkun, xjentement, għenu jew assistew lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt/i fl-atti li bihom id-delitt/i ikun/u ġie/ġew ippreparat/i jew ikkunsmat/i, u cioe:

1) f' serq ta' *container* bin-numru CAXU 9139325 mimli sigaretti minn ġewwa l-Freeport f'Birzebbuġia, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, lok u valur, u li l-valur tiegħu jaqbeż il-mitejn u tnejn u tletin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€232.93);
2) f'serq ta' 1050 ***master case*** sigaretti, li fihom kien hemm 10,500,000 sigarett, li kienu ġewwa dan il-*container*, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, lok u valur, u li l-valur tiegħu jaqbeż il-mitejn u tnejn u tletin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€232.93);

Lil **Christopher Calleja waħdu** nakkużawh talli:

3) bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku sar ħati ta' reat li hu kellu jissorvelja li ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu kellu id-dmir li jimpedixxi;

U billi fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana ġew akkużati wkoll:

4) talli fis-7 ta' Awwissu 2015, ġewwa l-Malta Freeport Terminal, bil-kompliċità u/jew bil-ko-operazzjoni ta' persuna u/jew persuni oħra, xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu fit-twarrib, depożt, ħabi u ġarr ta' **1,050 kaxxa b'10,000 sigarett kull kaxxa, bla-dazju,** u dan bil-ħsieb li jiffrodaw lill-Gvern minn **dazji** u **taxxa** li jkun imisshom jitħallsu fuqhom:

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, għandhom **valur totali ta' €304,500.00, Dazju tas-Sisa dovut €1,666,875.00, kif ukoll Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €175,392.00 u €386,418.06** rispettivament, fejn liema dazji u t-taxxa dovuta fuqhom ma kienux imħallsa jew kawtelati.

Il-merkanzija in kwistjoni ġiet importata f'Malta fit-24 ta' Lulju, 2015, mal-vapur Northern Jasper bil-*container* CAXU 9139325.

Dan bi ksur tal-Artikli: 62(a)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), paragrafu (a) tal-*Proviso* tal-Artiklu 62, tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37, u kif ukoll tal-Artiklu16(1)(j)(n) tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif ukoll fuq talba tad-Direttur Ġenerali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ġew ukoll akkuzati talli:

5) fis-7 ta' Awwissu 2015, ġewwa l-Malta Freeport Terminal, bil-kompliċità u/jew bil-ko-operazzjoni ta' persuna u/jew persuni oħra, xjentement kellhom b'xi mod x'jaqsmu fit-twarrib, depożt, ħabi u ġarr ta' **1,050 kaxxa b'10,000 sigarett, kull kaxxa, bla-dazju,** u dan bil-ħsieb li jiffrodaw lill-Gvern minn **dazji** u **taxxa** li jkun imisshom jitħallsu fuqhom:

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, għandhom **valur totali ta' €304,500.00, Dazju tas-Sisa dovut €1,666,875.00,** kif ukoll **Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) li jammontaw għal €175,392.00 u €386,418.06 rispettivament**, fejn liema dazji u t-taxxa dovuta fuqhom ma kienux imħallsa u/jew kawtelati, u dan bi ksur ta' artikolu 80 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406).
Il-merkanzija inkwestjoni ġiet importata f'Malta fit-24 ta' Lulju, 2015, mal-vapur Northern Jasper bil-*container* CAXU 9139325.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta'sejbien ta' ħtija tordna l-konfiska tat-trakk abjad tal-marka ERF bin-numru tar-reġistrazzjoni EHQ-103, li bih twettaq ir-reat, a favur il-Gvern ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-**17 ta' Ġunju, 2019,** permezz ta' liema bagħat lill-imputati biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:[1]

**Fil-konfront ta' Malcolm Żammit u Christopher Calleja -**

- Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 23A, 42(d), 267, 268, 269, 281(b), 279(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 62(a)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k), Paragrafu (a) tal-proviso tal-Artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 16(1)(j)(n) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 80 tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta;

**U fil-konfront ta' Christopher Calleja Waħdu**

- Fl-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oġġezzjoni biex il-każ jiġi hekk trattat.[2]

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-prosekuzzjoni.

---

[1] Fol.873
[2] Fol.874

Semgħet it-trattazzjoni finali mill-abbli difensuri tal-imputati.

Ikkunsidrat-

**Preliminari**

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fil-21 t'Awissu, 2018 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi.[3]

i. Illi din il-kawża tmexxiet flimkien ma kawża oħra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**. Diversi kienu l-istanzi fejn saru verbali biex provi li ġew esibiti f'dawk il-proċeduri jkunu jiswew bi prova fil-proċeduri **Il-Pulizija vs Malcolm Zammit et** u *vice versa*:

a). Fl-4 ta' Settembru, 2018, sar verbal li jerga' jfakkar li din il-kawża kienet qed tinstema' sa <u>mill-bidu nett kontestwalment</u> ma dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** u għalhekk l-evidenza w ix-xhieda fi proċediment wieħed tgħodd daqs li kieku instemgħet u/jew nġiebet fil-proċediment l-ieħor.[4] Dan salv ir-regola li dak li jgħid ko-imputat ma jiswiex bi prova kontra ko-imputat ieħor.

b). B'verbal tas-7 ta' Jannar, 2016, kien reġistrat qbil bejn il-prosekuzzjoni w d-difensuri tal-imputati li **Dok.MB, Dok.MBE, Dok.MB1** sa **Dok.MB4** esibiti minn Dr. Martin Bajada kellhom japplikaw anke għall-proċeduri in deżamina.[5] Dak l-esibit, *hard drive* bil-filmati meħuda minn *cctv footage* fil-Freeport[6] u mmarkat minn Bajada bħala **Dok.MB1,** sussegwentement ġie reġistrat bħala l-esibit tal-Qorti numru **KA14/16**.[7] Dawn il-filmati nġabru minn Bajada minn fuq is-sistema tal-Freeport.[8]

c). Issa esibit flimkien ma Dok.MB1 bħala esibit **KA14/16,** hemm *hard drive* mmarkata **Dok.MB4** li tikkontjeni filmati meħuda minn Techworld fil-Ħamrun

[3] Fol.737
[4] Fol.739
[5] Fol.180.
[6] Fol.215. Vide verbal a fol.180. Martin Bajada 7.01.2016
[7] Vide Verbal tas-7 ta' Jannar, 2016 a fol.180. Vide wkoll Elenku ta' "Oġġetti Miġjuba fi-Kumpilazzjoni" (qoxra tal-proċess *tergo* **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** u fol.257 et seq. ta' dak il-proċess.
[8] Fol.215 u Fol.223 ta' **Dok.MAE**

li għalihom jirreferi r-rapport Dok.MB.[9] Dawn il-filmati jirrigwardaw attività f'ħanut il-Ħamrun bejn l-1 u t-8 t'Awissu, 2015, u għalhekk bl-ebda mod ma jittratta l-filmati meħuda mill-Freeport.

Jingħad ukoll li l-Qorti ser tiskarta għal kollox din l-evidenza (**Dok.MB4**) ġaladarba ma tinċidi bl-ebda mod fuq dak li seħħ fil-Freeport nhar is-7 ta' Awissu, 2015. Dan qed jingħad peress li saret riferenza għal dan il-filmat fit-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-imputati fejn donnu ngħata x'jinftiehem li dan il-filmat kellu xi konnessjoni mal-filmat li ttieħed mis-*cctv cameras* tal-Freeport. Irriżulta kjarament mill-Proċess Verbal stess li dan mhux il-każ!

Fil-fatt il-Proċess Verbal Nru. 831/2015 redatt mill-Onor. Maġistrat Dr. Gabriella Vella,[10] juri li l-Maġistrat appuntat lil Dr. Martin Bajada sabiex jiġbor evidenza mill-*cameras* tas-sigurtà installati fil-Freeport kif ukoll minn *cameras* installati f'lokazzjoni oħra (minbarra dawk fil-Freeport) li setgħu jitfgħu dawl fuq dan ir-reat[11]. Sussegwentement fuq rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija, nhar l-14 t'Ottubru, 2015 - xahar u nofs wara li nbdew dawn il-proċeduri - il-Maġistrat estendiet l-inkarigu ta' Dr. Bajada biex jiġbor filmati minn post ieħor peress li kien maħsub li dawk il-liema filmati setgħu jkomplu jitfgħu dawl fuq ir-reat addebitat lill-imputati.[12]

Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li ġie sottomess mill-abbli difensuri tal-imputati, **ma kien hemm xejn irregolari** fit-teħid tal-filmati; la dak meħud mill-Freeport u lanqas dak mill-ħanut Techworld fil-Ħamrun. Kollox sar fuq istruzzjonijiet tal-Maġistrat li ikkonduċiet l-*in genere* u għalhekk skond il-liġi.

Isegwi wkoll li, kuntrarjament għall-impressjoni li setgħet inħolqot, huma il-filmati **interi** li jinsabu esibiti fl-atti ta' din il-kawża u għalhekk **dejjem kienu disponibbli fl-intir tagħhom għall-partijiet**; din hi l-*hard disk* esibita bħala **Dok.MB1**[13] li ngħatat l-*Exhibit Number* **KA14/16**.[14] Il-proċess iżda jikkontjeni *abridged version* ta' dak il-filmat li tinsab fuq CD mmarkata bħala **Dok.MB2**[15] liema verżjoni tiffoka fuq il-mumenti li skond il-pulizija kellhom rilevanza: senjatament il-ħruġ u d-dħul tal-*container* u tat-*truck* (*refrigerated van*) abjad li ser issir riferenza għalihom aktar il-quddiem.

---

[9] Fol.248-252 tal-proċess **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**
[10] Fuq rapport tal-Ispettur Stivala, nhar id-19 t'Awissu, 2015
[11] Fol.3 u fol.4 tal-PV
[12] Fol.9 tal-PV
[13] Fol.215-216. Vide fol.224
[14] Fol.180. Vide xhieda Bajada a fol.215-216. Verbal a fol.213. Xhieda Bajada 2456-247. Rapport a fol. 257-259 **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**
[15] Fol.230

c). Fl-atti tal-proċediment **Il-Pulizija vs Roderick Borg et,** Mauro Anastasi[16] esebixxa d-**dokumentazzjoni oriġinali**[17] dwar il-*bill of lading, packing list* u *invoice* tal-kontenut tal-*container* li rċieva mingħand il-klijent fl-ammont ta' mija u għoxrin elf seba' mija u ħamsin dollaru Amerikan (US$120,750,00) liema *container* kien fi *transit* f'Malta fi triqtu għal Libja.[18] Dakinhar tas-16 ta' Frar, 2017,[19] il-prosekuzzjoni talbet lil Qorti biex dik id-dokumentazzjoni ssir *"vera kopja tagħhom għall-atti l-oħra"* u cioe` għall-fini ta' dawn l-atti. Dan kien dak li seħħ kif jixhdu l-firem fuq id-dokumenti esibiti a fol.406 ta' dawn l-atti.

Għaldaqstant m'hemmx kwistjoni dwar l-awtentiċità tal-istess kif ikkontendiet l-abbli difiża.

d). Fil-verbal tat-18 ta' Frar, 2019, ġie verbalizzat ukoll li l-esibit **KA105/18** kien jifforma parti miż-żewġ proċedimenti, Kump. Nru. 700/2015 **(Il-Pulizija vs Roderick Borg et)** u Kump. Nru. 712/2015, b'dan tal-aħħar ikun il-proċediment in deżamina.[20] Verbali oħra tal-20 ta' Jannar, 2020,[21] u tal-10 ta' Ġunju, 2020,[22] ukoll juru kif provi f'kawża kienu applikabbli bl-istess mod għall-kawża oħra.[23]

e). Ir-relazzjoni **JH1**, rapport u faxxikolu ritratti, ġew esibiti nhar is-17 ta' Frar, 2017, liema relazzjoni ġiet esibita materjalment fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**.[24]

f). B'verbal tal-10 ta' Ġunju, 2020, il-kontro-eżami tax-xhud Pierre Delicata li sar għall-finijiet tal-proċediment **Il-Pulizija vs Roderick Borg et,** ġie reż applikabbli għal dawn il-proċeduri.[25]

g). Imbagħad b'verbal tal-10 ta' Lulju, 2020, ġie maqbul w akkordat li xhieda miġjuba minn ko-imputati għandhom ikollhom rilevanza għal dawn il-proċeduri, fejn ġie determinat li *"Il-Qorti għal kull buon fini tiddikjara li dan huwa l-każ u hekk ilu jsir tul dawn il-proċeduri"*; indikazzjoni ċara li l-provi – salv regoli t'inammissibilita` miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Roderick Borg et,** sabet applikazzjoni għal dawn il-proċeduri.[26]

---

[16] Fol.404-405
[17] Oriġinal mmarkat bħala **Dok.MA3** u esibit a fol.**467** fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**. Kopja ta' liema ġiet esibita f'dawn l-atti bħala **Dok.MA3** a fol.406
[18] Fol.465-466
[19] Verbal a fol.400
[20] Fol.754
[21] Fol.907
[22] Fol.936. Fol.937 tal-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**
[23] Fol.946
[24] Vide verbal a fol.400. L-oriġinal ġie esibit fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** a fol. 467A
[25] Fol.936
[26] Fol.946

h). Fil-fatt tant hu inekwivoku li evidenza tal-proċeduri **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** kellha ssib applikazzjoni għal dawn il-proċeduri, li waqt eżami tax-xhud Conrad D'Anastasi, l-abbli difensur ta' Malcolm Zammit ġustament jerga' jenfasizza dan il-punt *"issa li dak li hemm fil-file l-ieħor,…japplika bħala prova għall-file ta' Malcolm Zammit ….u qed nirrepeti dan il-kliem minhabba biex ma nitgerfxux ghada pitghada, mill-proċess 'Roderick Borg et' foglio 467A li permezz tal-verbal li ghadna kif qrajna dawk id-dokumenti huma prova anke fil-każ Malcolm Zammit et [Il-Qorti: U l-partijiet qed jaqblu]".*[27]

ii. Kawża oħra relatata hi dik fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Patrick Pace (Kump. Nru.906/15)** li għad ta' dokumenti li huma preżentata fiha, fosthom ir-relazzjoni tas-*scene of crime officers* li titratta s-sejbien ta' vetturi b's-sigaretti tal-istess marka bħal dawk indikati fuq l-*invoice* esibita li ġew elevati minnhom flimkien ma *lifters*, ġew preżentati formalment f'dawn l-atti.

iii. Riferenza li ssir minn xhieda għal trakk/*truck* jew *refrigerated van* huma riferenzi għal vann abjad li jidher isegwi it-*trailer*/żiemel li fuqu ġie mgħobbi il-*container* u li ġie misjuq il-barra mill-MF biex sussegwentement reġa' ddaħħal il-MF.

iv. Fl-aħħar nett u għal korrettezza qed jiġi rrimarkat li hemm żball fl-enumerazzjoni tal-proċess fejn wara fol.424 bi żvista l-proċess ikompli jiġi enumerat f'625 et seq.

v. Sakemm mhux indikat mod ieħor, kull fejn f'dan il-proċess isir riferenza għal Malta Freeport, din hi riferenza għal Malta Freeport Terminals (aktar il-quddiem riferit bħala 'MF').

Ikkunsidrat,

I. L-investigazzjoni tal-Pulizija

**L-Ispettur Rennie Stivala** iddeskriva dak li wassal għall-investigazzjoni li pprecediet dawn il-proċeduri. Ġie mgħarraf li kif Alex Montebello, is-CEO tal-Malta Freeport Terminals, irċieva rapport dwar serq ta' *container*: *"Għaldaqstant kien talab illi jsiru checks fis-sistema tal-audio viziva li ghandhom tal-cameras. Marru lura fis-server ….. Effettivament kien irrizulta illi fis-sebgha ta' Awissu tal-elfejn u hmistax (07/08/2015) għal habta tan-nofs siegħa ta' wara nofs in-nhar kien daħal trakk tal-burdnar biex iħott container ta' lewn blu ġewwa l-Freeport u dan minflok ħareġ wara li hattu, jidher fuq il-cameras li mar f'lokazzjoni oħra fejn ġie reach stacker, hdejh*

[27] Fol.960

*qabad container tal-erbghin (40) ta' kulur is-sadid ta' kulur orangjo hekk mitfi, dan il-container kellu n-numru CAXU9139325. Dan ghabbilu dan il-container tal-erbghin fuq it-trakk. Dan it-trakk tal-burdnar deher japrowcja il-gate tal- minn fejn joħorġu l-containers, approwcja l-gate number three (3) minn fejn f'dak iz-zmien kienu joħorġu l-**containers il-battala** wara li tkellem ma' uffiċjali tad-Dwana u anka tas-sigurtà` tal-Freeport corporation li dehru kien hemm fuq il-post jidher li dan **il-container thalla joħroġ**..... Jekk nghaddu ghat-trakk illi jidher dieħel dana fil-filmat sur Maġistrat l-ewwel deher dieħel trakk abjad, mhuwiex iz-ziemel li qieghed bil-container, huwa trakk kbir li jgorr il-merkanzija bil-kaxxa maghluqa, jidher trakk abjad dieħel illi min-number plate tiegħu stajna nitilghu għal persuna li huwa rregistrat fuqu rregistrat fuq George Zammit magħruf bħala tal-qus numru tal-karta tal-identita` 717150 (M) li jirraprezenta jidher f'isem il-kumpanija maghrufa bl-istess laqam l-indirizz uffiċjali ta' dan in-negozju Triq il-Helsien, Hal-Qormi. It-trakk .....li jidher dieħel kien misjuq minn persuna li dak il-hin ma ġiex iddentifikat pero' magenbu deher ..... Christopher Calleja..... Ġie iddentifikat il-persuna li kienet qed issuq ittrakk tal-burdnar illi huwa Malcolm .... karta tal-identita' 575979".*[28]

L-uffiċjal tad-Dwana li avviċina lix-xufier tat-*truck* l-abjad kien Sebastian Zammit filwaqt li l-operatur li ħaddem ir-*reach stacker* kien Roderick Borg, imputati separatament fil-proċeduri **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**.

L-ispettur jiddeskrivi kif sab il-*container* fl-istess post minn fejn kien ittieħed u minn *scan* li għamlu d-Dwana deher mgħobbi kif kien oriġinarjament. Iżda jkompli *"il-container instab b'sigill bl-istess numru u ta' l-istess kumpanija tas-sigill li kien wasal bih Malta u stajna nirrelevaw dan il-għaliex id-Dwana minhabba li kellhom informazzjoni biex izommuh taht għajnejhom kienu iccekjaw is-sigill mal-wasla tal-container malli nizel fuq il-bitħa tal-Freeport pero` infurmawna wkoll illi l-kulur kien inbidel jigfieri s-sigill kien tpogga wara u dan hija haġa evidenti wkoll anka minhabba il-fatt fuq dak li ghadni kif xehedt illi fil-filmat kif jidher li kif inhu dieħel il-container wara li ħareġ u reggha daħal il-bieba tal-container tidher qed tinfetah mal-wasla tal-container fil-Freeport jigifieri ma setax kien hemm sigill jigifieri dan is-sigill reggha tpogga once li l-container daħal fil-bitħa. Once li l-container ftahnih instab go fih li kien hemm hames (5) pellets daqs ta' pellets normali biex niftehmu tal-injam moghbijin bil-ġebel tal-franka fuqhom u dawn il-ġebel tal-franka kienu mdawwrin bi shrink wrapping tal-plastic.".*[29]

L-**Ispettur Carlos Cordina**, filwaqt li jikkonferma d-dettalji mogħtija mill-kollega tiegħu Stivala, jsemmi wkoll li l-*container* ġie mqiegħed fuq miżien w nstab li minn 20 tunnellata li kien jiżen spiċċa b'piż ta' 6 tunnellati biss. Il-knaten kienu fuq tlett *pallets.*[30] Spjega wkoll kif fil-bidu ġew mitkellma, inkluż

[28] Fol.415-416
[29] Fol.417
[30] Fol.675-676

bħala suspettati, diversi uffiċjali minħabba nuqqas wieħed wara l-ieħor li ġew nnotati mill-filmati.[31] Mill-investigazzjonijiet rriżulta li l-*container* in kwistjoni qatt ma ġie reġistrat fir-rekords tad-Dwana meta dan kien il-kompitu tal-koimputat Sebastian Zammit li ***"kif ukoll irriżulta li mill-filmati ....jidher jiltaqa' ma Christopher Calleja".***[32]

II. Proċeduri ta' Kontroll u Sigurtà li Nqabżu rigward it-*trailer,* misjuq mill-burdnar u imputat Malcolm Zammit, u trakk abjad misjuq minn missier Malcolm Zammit.

*(a) Xiehda t' Uffiċjali tal-Malta Freeport Terminals Limited u mill-Malta Freeport Corporation*

**Dr. Duncan Borg Myatt**, Direttur *HR Legal Insurance and Health Safety* fil-Malta Freeport Terminals Limited, taha r-retroxena dwar dak li wassal sabiex isir ir-rapport lill-Pulizija. Wara li Alex Montebello, Kap Eżekuttiv, informah li seta' kien hemm *container* li nħareġ irregolarment mill-MF, inkariga lil *IT section* biex jaraw mis-*CCTV footage* il-movimenti tal-*containers* fil-ħruġ w dħul mill-*Gate*. Ġie nfurmat li kien hemm *container* partikolari li fis-7 t'Awissu, 2015, inħareġ mill-MF mhux skond is-sistemi u cioe` ma ġiex ċċekkjat mis-*security* u **ħareġ mill-*Lane* tal-vojt meta skond ir-rekords kien mimli;** tant li **f'dan il-każ il-*container* kien dikjarat għal *transhipment* li jfisser li qatt ma kellu joħroġ mill-MF.**

L-analiżi tal-filmat żvelat min kien l-operatur in kwistjoni. Spjega li l-operatur ikun jaf fejn irid jiżvolġi xogħolu għaliex fuq l-LXE[33] jirċievi messaġġ mill-Control Tower tal-Head Office li jindikalu fejn irid imur u xi jrid jgħabbi w iħott u fejn hi l-pożizzjoni li jrid ipoġġi il-*container*.[34]Sar magħruf li dan kien qed jaħdem f'sezzjoni totalment differenti minn dik li fiha kellu jkun qed jaħdem: *"li kien jinteressana kien li ghabba container li qatt ma kellu ordni, informazzjoni biex jgħabbi dak il-container.*[35] *......Dan il-container partikolari qatt ma harget ordni mis-sistema taghna, .....qatt m'hu suppost ħareġ, u qatt m'hu suppost ghabba u filfatt mic-CCTV cameras li rajna aħna* ***l-operator jidher car gej minn fejn kien qed jahdem għal sezzjoni totalment oħra....totalment differenti, jiltaqa' ma trukk li wara rrizulat li qatt m'hu suppost kellu jidħol u lanqas taha l-cards biex jidħol,***

[31] Fol.676
[32] Fol.165 tal-proċess **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**
[33]Tip ta' *handheld radio technology equipment*
[34] Fol.157
[35] Fol.150-151

***jigifieri kontra l-proċeduri tas-security wkoll, jiltaqa' u jgħabbi container u jerga' jmur f'postu."*** [36]

L-operatur impjegat tal-MF ġie individwat mill-*punch card number*: *"Kull operator ikollu PC number…rajna l-punch card number assenjat ma dik il-biċċa equipment, għax aħna kif jidħol impjegat u jippunchja u l-impjegat jiġi assenjat ma kull biċċa equipment, rajna li dak l-impjegat għamel log on u log off …. meta l-impjegat jippunchja tohroglu chit fejn irid imur. Issa meta jmur fuq l-equipment irid jerga jagħmel log on u log off għal sistema ta' incentive u hlasijiet ta' allowances, idahhal in-number tiegħu biex is-ssitema tgharfu biex any allowances jithallas bihom hu u kemm ukoll il-log on u l-log off ta' dan l-indiidwu fuq dik il-biċċa equipment tul dak il-hin kollu li ġie wzat…..jirrizulta li* ***qatt ma telqu l-equipment".*** L-operatur in kwistjoni kien l-ko-imputat Roderick Borg.[37]

Mir-ritratti a fol.113-121, Borg Myatt identifika wkoll t***-truck/refrigerated van* abjad li daħal il-MF kontra l-proċeduri w iltaqa' mal-operatur**. Jispjega li l-proċeduri stabbiliti kienu jirrikjedu li kull vettura li tidhol, anke tal-aġenti, kellhom juru l-*visitor's card*, jiġi reġistrat isimhom u kunjomhom mas-*security* tal-*Gate* imbagħad jitħallew jidħlu. **Fil-każ tax-xufier tat-*truck/refrigerated van* ma sar xejn minn dawn il-proċeduri ta' sigurtà la fid-dħul u lanqas fil-ħruġ tiegħu.**[38] Irriżulta li dan it-*truck* jappartjeni lill-burdnara Zammit**, fosthom l-imputat Zammit**. Mill-filmati deher li **ma saru l-ebda verifiki** skond kif stipulat għaliex il-*container* għadda **mingħajr ma ġie verifikat minn ħadd, bit-*truck* wieqaf eżatt wara l-*container*.**[39]

**Karol Muscat**, *Deputy Senior Security Officer* mal-Malta Freeport Corporation, jixhed li fis-7 t'Awissu, 2015 fis-*Shift D* kienu sittax il-ruħ, fosthom l-imputat Christopher Calleja. Kien hemm ukoll Anthony Camilleri (33), Sandro Caruana, Stephen Galea (66) Mario Damato (40) u oħrajn.[40] Is-*senior* tiegħu, Anthony Chetcuti informah li biddel lil Calleja minn fejn kien stazzjonat, fil-*patrol van*, **fuq talba tal-istess Calleja** għax kellu l-morliti.[41] Jispjega l-proċedura mħaddma fil-MF u konsegwentement, b'riferenza għal dak li seħħ fil-każ in deżamina, il-passi **kollha** li nqabżu mill-imputati odjerni w l-ko-imputati biex setgħa jinħareġ il-*container* in kwistjoni minn ġewwa l-MF:

[36] Fol.152
[37] Fol.153
[38] Fol.154
[39] Fol.155-156
[40] Fol.79
[41] Fol.80-81

- *Lane 1*: *Container* vojt tiftaħlu l-bieba biex jiġi aċċertat li tassew vojt. Tiġi *scanned* il-*card* tax-xufier u jinkitbu d-dettalji tal-*pass*, isem ix-xufier, numru tat-*truck* u tara li n-numru tal-*container* jaqbel;

- *Lane 2:* minn fuq *Lane* 2 jidħlu vetturi u trakkijiet tal-kuntratturi. L-uffiċjal tas-sigurtà jieħu l-*card* tax-xufier, tiġi *scanned*, jara li taqbel u wara li jara għandux xi ħaġa x'jiddikjara, jdaħħlu;[42]

- *Lane 3*: Jgħaddu wkoll vetturi u trakkijiet tal-kuntratturi kif ukoll ***containers* vojta**. Meta vettura tkun ħierġa s-*security* jieħu *scan* tal-*card* u jiftaħlu l-bagoll.[43]Bħala dettalji s-*security* għandu jieħu il-*pass*, jikteb isem ix-xufier u jiċċekkja li l-*pass* jaqbel mal-persuna. Jieħu wkoll in-numru tat-*truck*.

  **Vojt biss joħroġ minn fuq *Lane* 3.**[44] F'każ li *container* ikun ħiereġ, jeħodlu l-*pass*, jara li l-*container* jaqbel mal-*pass* u jekk hu vojt għandu jiftħu biex jaċċerta li hu vojt. Għandu jara li tad-Dwana ikun xhud miegħu x'ħin joħroġ il-*container*.**[45]**

- *Lane 4*: joħorġu *containers* mimlijin minn fejn hemm l-*scanner*. Minflok jinfetaħ il-*container*, jiġi **ċċekkjat is-siġill**.

Għaraf lill-imputat Calleja bħala l-uffiċjal tas-sigurtà` li fir-ritratti[46] esibiti deher iwaqqaf u jkellem lix-xufier tat-*trailer*. Mill-filmati murija lilu f**l-ebda ħin ma jidher li ħa l-*card* tax-xufier biex tiġi *scanned***.[47] Iżda fir-rigward ta' vetturi, trakkijiet u burdnara oħra li dehru ħierġin fil-filmati, **għall-kuntrarju** ta' dak li seħħ mal-*container* in kwistjoni, Calleja mexa mal-proċedura w ħadilhom il-*card* u din ġiet *scanned*![48]

Dan ġie **konfermat mill-Qorti** stess li eżaminat b'reqqa il-filmati esibiti.[49]

Dwar il-vann li kien qed jinstaq wara l-*container,* jgħid li normalment jitħalla **spazju ta' xi metru** sabiex il-bieba tal-*container* tkun tista' tinfetaħ sabiex jiġi aċċertat li l-*container* ikun tassew vojt.[50] Mill-filmat meħud minn naħa ta' wara

---

[42] Fol.83
[43] Fol.84
[44] Fol.85
[45] Fol.84
[46] **Dok.RS1** a fol.113-116
[47] Fol.87
[48] Fol.89
[49] Fol.230
[50] Fol.91

tal-*container* – **kif anke juri il-filmat intestat 360 CUSTOMS**[51] - ***"l-bieba ma dehritx tinfetah****…suppost kull container li joħroġ irid tinfetahlu l-bieba u jiċċekkja ruhu......jaraw li hu battal"*.[52] Jixhed *"Hadd ma' ġie jghidli lili li hemm container li ma'jistax jiftħu jew fih xi haġa."*[53] Mill-filmat deher li wara li s-*security* għadda minn ħdejn it-*truck*, Calleja daħal fil-kamra tiegħu bit-*truck* joħroġ warajh ***"Dak it-trakk baqa' ħiereġ mingħajr ma' ġie ċċekkjat u skenjat, la x-xufier u la xejn"***.[54]

Fl-aħħar filmat li ġie muri lil Muscat jidher il-*container* <u>reġa' dieħel lura il-MF</u>, bis-***security*** **li jdaħħlu jkun l-istess uffiċjal l-imputat Calleja** fejn dan jidher jersaq lejn il-bieba, *"Jiftahha ftit, qisu pied, u jaghlaqha……. Skond dak il-filmat li wrejtni inti, l-bieba nfethet ftit, u aħna mitlubin biex il-bieba nifthuha aktar".* Muscat itemm ix-xhieda tiegħu billi jsostni li milli ra mill-filmati **Calleja naqas milli jimxi mal-proċeduri kollha w mhux xi waħda jew l-oħra: kellu jieħu d-dettalji tat-*truck u ma hadhomx;* jikteb isem u kunjom il-burdnar u ma tniżżlux. Lanqas ġie *scanned il-pass* kif kien dovut li jagħmel.**[55]

Dwar l-azzjoni żbrigattiva magħmulha minn Calleja hekk kif il-*container* iddaħħal lura, jingħad li l-Qorti kkonstatat kemm fil-fatt **Calleja aġixxa b'ħarba!** Deher biċ-ċar li Calleja **bilkemm laħaq resaq viċin il-bieba li ma reġax dahar lura.** Bil-mod kif tbexxqet il-bieba minn Calleja, il-viżwali setgħet kienet biss tar-<u>rokna tat-tarf ta' wara tal-*container*</u>!

**Qatt ma seta' jiġi verifikat il-kontenut tiegħu bil-mod kif infetħet il-bieba; fuq dan il-Qorti għandha ċertezza assoluta!!** Il-filmat in kwistjoni – fil-ħin tal-14:30 u 59:18 tal-filmat - jneħħi kwalunkwe dubbji fir-rigward!

**Clayton Fiteni** Chief Security Officer mall-Malta Freeport Corporation, spjega li kien <u>identifika lill-imputat Christopher Calleja (no.58)</u> bħala l-uffiċjal li nhar is-7 t'Awissu, 2015, kien xogħol bħala *security* fuq *Lane* 3. Mid-*detail* ikkonferma li <u>Calleja kellu jkun xogħol *patrol*</u> u mhux fil-*Main Gate.* Sab li Calleja tbiddel mis-*senior security* Anthony Chetcuti wara li ilmenta minn uġigħ tal-morliti. Sar jaf bil-bidla wara u kien ħareġ struzzjonijiet li din ma setgħetx issir mingħajr l-awtorizzazzjoni tiegħu.[56] Fiteni jagħti spjegazzjoni ċara w dettaljata tal-proċeduri ta' sigurtà kif mħaddma: *"**Jien gharaft lil Chris Calleja li kien qieghed xogħol**. ….. <u>Mit-tielet lane (3) jgħaddi biss container li **jkun vojt** u container li jkun mimli jgħaddi minn lane four (4) u **għall-ebda raguni ma jista' jgħaddi minn**</u>*

[51] AVI: [8.1]2015-10-22_22-01-57(1)
[52] Fol.93
[53] Fol.94
[54] Fol.96
[55] Fol.97-98
[56] Fol.196-197

***lane three (3)****…. . Irid ikun lane three (3) vojt, jinfetaħ mill-uffiċjal tad-dwana fil-prezenza tas-security u jaraw li jkun vojt. Umbghad jipprocedu biex jiccekkjalu l-pass ….Rajt illi waqaf hemmhekk. Il-gate kienet miftuha minn qabel u baqa' ħiereġ dritt.* ***U l-bieba ma nfethitx****. Plus hekk meta daħal xi siegħa u nofs wara,* ***ergajt rajt lis-security Chris Calleja din id-darba kien f'lane in [1]****, fejn jidħol il-containers u l-istess, waqaf hemmhekk. Din id-darba rajt illi fetah il-bieba biex jara x'hemm. Jigifieri* ***fetahha ftit, ghalaqha u ma rajtux milli niftakar jiena jieħu passes****."*[57]

B'hekk jirrizulta – u hekk jidher fil-filmat - li għalkemm meta ħareġ il-*container* Calleja kien fuq *lane* 3, meta reġa' daħal siegħa w nofs wara, Calleja konvenjentement kien fuq *lane* 1.[58]

Iżid *"f'każ ta' container vojt ħiereġ il'barra irid jgħaddi* ***minn lane three (3) fejn mhux permess li l-ebda container mimli jgħaddi minn hemm.*** *Il-burdnar irid jagħti l-card tiegħu personali biex tiġi skenjata halli juri li hu ħiereġ mill-Freeport. ... Il-burdnar irid jinżel jiftaħ il-container biex is-security jivverifika li huwa vojt flimkien fil-prezenza tad-Dwana. .... rajt illi l-container kien jidher li kien mimli,* ***kien maghluq sigillat mill-footage u speci ħareġ mill-entry".***[59] Meta *container* dieħel vojt, il-burdnar irid jinżel jiftaħ u dan irid jiġi verifikat mill-uffiċjal tad-Dwana. Is-*security* din id-darba, irid jikteb fuq il-*pass* in-numru tat-*truck*, id-data, ħin isem u kunjom ix-xufier, jiffirma u jikteb in-numru tiegħu. Meta l-*container* vojt ħiereġ il-barra is-*security* irid jiddaħħal fis-sistema LXE, id-dettalji u jikteb li hu *"empty"*. Is-sistema LXE tintuża meta jidħol *container* mimli, meta joħroġ vojt u meta joħroġ mimli. Il-*pass*es jinżammu biex filgħaxija jiġu ċċekkjati w mqabbla man-numri tal-*containers* li jkunu daħlu jew ħarġu. Jekk meta tinħareġ il-*print-out* ma jkunx hemm *pass*, din tiġi investigata.[60] ***"Il-passes ta' dan il-container fid-dħul u l-ħruġ tiegħu ma nstabux".***[61]

Fir-rigward tal-*container* li ħareġ mill-MF ma ġietx segwita l-proċedura w Fiteni jiddikjara: *"Mill-filmat li rajt jiena għax dana għadda minn lane three (3) u heq mhux suppost jgħaddi minn hemm. .. Ra l-container, jekk kien minn lane three (3) jew four (4) kellu jinfetaħ u jiġi ċċekkjat kif suppost, kif isir anke jekk kien vojt, meta* ***deher isigillat****. Kien hemm, jidhru li kien hemm xi karti f'idu fil-filmat pero' kien hemm* ***il-barrier mghollija minn qabel*** *u baqa' ħiereġ dritt u anke ħareġ vann warajh."*.[62]

Ikompli li **għalkemm l-uffiċjal tal-MF deher b'xi karti f'idu, il-permess w informazzjoni rikjesta w relattiva w ma nstabitx lanqas fis-sistema (LXE).**[63]

---

[57] Fol.198-199
[58] Ibid.
[59] Fol.202-203
[60] Fol.204
[61] Fol.205
[62] Fol.207
[63] Ibid.

Anke dan ix-xhud, addett mis-*securities* **jindika l-istess irregolaritajiet li ġew indikati mix-xhieda Hein Chetcuti, Anthony Chetcuti u Pierre Delicata, uffiċjal tad-Dwana.** Bla dubbju dan ikompli jservi bħala prova li kull sezzjoni kienet ben konxja tal-proċeduri w miżuri li kellhom jiġu implimentati minnhom iżda li f'dan il-każ ġew għal kollox injorati minn Calleja u biss fir-rigward tal-*container* u *truck/refrigerated van* abjad.

**Stephen Calleja**, *Operations Manager* mal-Malta Freeport Terminals, spjega li wara li l-MF ikunu rċevew informazzjoni mingħand is-*shipping line*, jippjanaw il-*cargo* li jkun fil-*containers* fil-bitħa. Meta jidħol il-vapur jiġi proċessat u l-*containers* jitgħabbew skond l-istruzzjonijiet li jkunu ngħataw u cioe` skond id-destinazzjoni tagħhom. Dawn jiġu *stacked* fil-bitħa skond *next port of discharge* u jitgħabbew skond il-*loading instructions*. Imbagħad ikun hemm merkanzija intiża għas-suq Malti kif ukoll merkanzija mis-suq Malti għall-esportazzjoni.[64] Jispjega li x-xogħol għall-lokal jiġi *stacked* għalih. Il-burdnar ikun jaf kif irid jaqbad il-*container* malli jidħol mill-*gate checkpoint,* wara li jsir il-proċessar tad-dokumentazzjoni li jkollu f'idu, dan jgħaddi għand is-*security* u jurih id-dokumenti. Hemm jingħata *chit* li fuqha jkun hemm indikazzjoni tal-*container* number u l-*area* li għandu jgħabbi l-*container* minnha.

Fil-bitħa jkun hemm operatur li jgħarraf il-*batch number*[65] li bih jiġu individwati it-trakkijiet nterni tal-burdnara. Għalhekk meta *container* irid jinħareġ mill-MF irid l-ewwel jiġi *inputted* fit-*Terminal Operating System (TOS)* u jittella' fuq il-lista bħala *pending job*. L-*Equipment Control Section* jagħtu *range* (numru li jikkorrispondi mal-*container* number) lil dak l-*equipment* (*reach stacker*[66]) li għandu jmur jiġbor il-*container* biex jitgħabba u dan jintwera` fuq il-*job list* tal-*Equipment Operator*. Kull *reach stacker* fil-bitħa għandha *Radio Data Terminal (RDT)* fejn fuq l-*screen* tidher kull biċċa xogħol li trid tinħatt jew titgħabba mill-*area* partikolari. Malli l-*container* jiġi identifikat, l-operatur iħottu jew jgħabbih skond il-każ u jikkonferma x-xogħol li jkun sar minnu fuq it-TOS. Isegwi li jekk ma jitlax messaġġ fuq il-monitor (RDT), l-operatur ma għandux għalfejn jaqbad il-*container*. F'każ li l-operatur ibiddel il-*location* tal-*container* irid jagħmel *update* fis-sistema.[67] F'każ li *container* jitgħabba fuq *truck* ħażin u/jew jintefa' f'pożizzjoni ħażina, il-*yard inventory clerks* (li xogħolhom hu jiċċekkjaw it-terminal billi jsiru *stack check)s*, jiġbdu l-attenzjoni tal-*Equipment Control*. Is-

[64] Fol.23-24

[65] It-traskrittur erronjament indikata bħala BAT number

[66] https://www.google.com.mt/search?q=reach+stacker&tbm=isch&ved=2ahUKEwjkjfzwupnyAhXMs6QKHc5YCBwQ2-cCegQIABAA&oq=reach+stacker&gs_lcp=CgNpbWcQARgAMgQIABBDMgUIABCABDIFCAAQgAQyBQgAEIAEMgUIABCABDIFCAAQgAQyBQgAEIAEMgUIABCABDIFCAAQgAQyBQgAEIAEOgQIIxAnOgQIABADOggIABCABBCxAzoLCAAQgAQQsQMQgwFQ0MQCWIPUAmDu4AJoAHAAeACAAZABiAGACZIBBDExLjKYAQCgAQGqAQtnd3Mtd2l6LWltZ8ABAQ&sclient=img&ei=yKALYeSJLcznkgXOsaHgAQ&bih=657&biw=1366

[67] Fol.24-26

sistema intera, id-*database*, hi *audited* li tippermetti li tiġi *recorded* kull bidla li sseħħ.[68]

Dwar il-każ in deżamina kien ġie nfurmat minn kollega tiegħu, Hein Chetcuti, biex minn fuq *footage* muri lilu jara jidentifikax il-*reach stacker*, l-*equipment* li jintuża biex jaqbad il-*container*. Dan kien ***Reach Stacker 67 Sany***[69] liema *stacker* kien assenjat fi *stack area R* iżda mill-filmat deher li kien fl-*area* XD**.** Mis-sistema ma rriżultat l-ebda ordni biex dak l-*stacker* jagħmel xi xogħol fl-area XD iżda mir-*records* xogħolu kellu jkun f'area R**.** Dan l-*stacker* kien qed jiġi misjuq minn Roderick Borg kif rriżulta mid-*deployment records* kif ukoll mill-*punch card* u *pin number* tiegħu li jridu jiddaħħlu fid-*database* biex jintuża l-*equipment* u cioe` l-*stacker* partikolari.[70] **Mill-*footage* l-*stacker* deher jgħabbi l-*container* fuq *truck* li kien qed jistenna mingħajr ma kienet ingħatat xi struzzjoni simili għaliex ma kien hemm ebda struzzjoni biex dan il-*container* jiċċaqlaq minn fejn kien miżmum/*stacked*.** Innota wkoll ir-*refrigerated van* l-abjad jieqaf in-naħa fejn hemm l-Engineering (*department*) u baqa' jsegwi it-*truck* lejn il-*gate*.

Immaġini li anke din il-Qorti tikkonfermahom kif ser jiġi muri aktar il-quddiem.

Spjega kif il-proċedura tirrikjedi li *truck* li jkun ħiereġ il-barra mill-MF b'*container* jieqaf ħdejn is-*security* fejn jiġu verifikati d-dokumenti relattivi. F' f'każ li l-*container* ikun **vojt dan jinfetaħ** biex jiġi aċċertat li tassew vojt mis-*security* ma uffiċjal tad-dwana.[71] Mill-filmat li ġie muri, ra *"lix-xufier jinżel mit-truck, mar għal fejn il-wara tat-truck, reggha daħal lura u saqu kemm it-truck u kemm il-vann saqu wara xulxin".* **It-*truck* ħareġ mill-linja dedikata għall-ħruġ ta' *containers* vojta iżda minn informazzjoni li għandha l-MF il-*container* kien għadu siġillat.**[72] In kontro-eżami jispjega **l-*lane* li għadda minnha l-*container* in kwistjoni kienet dik għall-ħruġ ta' *containers* vojta** li ma jkunux issiġillati peress li jridu jinfetħu fil-*gate* biex jiġi verifikat li huma vojta filwaqt li ***containers* mimlijin jibqgħu ssiġġillati.** Is-siġill ġeneralment ikun tax-*shipper;*[73] ***"Il-vojta jridu jkunu niftuhom halli jiġu ccekjati u jkunu bla sigilli"***[74]**.**

Meta joħroġ *container* vojt ma jsir ebda skambju ta' dokumenti iżda kull ma jkun hemm il-*gate out pass* li **s-*security* tal-MF jikteb li ħareġ u x'ħin ħareġ.** Kieku *container* ikun mimli, ikun irid imur fuq *lane* ieħor fejn il-fizzjal jiċċekkja d-

---

[68] Fol.26-27
[69] It-*transcriber* erronjament tikteb Lead Stacker 67 Sonny
[70] Fol.27-28
[71] Fol.28-29
[72] Fol.30
[73] Fol.33
[74] Fol.35

dokumenti u s-*security* jiċċekkja minn naħa tiegħu ukoll[75] Il-burdnar jinħtieġ *pass* biex jidħol il-MF li jiġi preżentat fis-*security gate* u jiġi *logged* fis-sistema. **Din is-sistema wriet li l-burdnar Malcolm Zammit daħal u ħareġ mill-MF.[76]** Jeżistu anke *logs* li juru movimenti ġewwa l-MF biex jiġi aċċertat fejn mar min ikun daħal il-MF. Ma hemm l-ebda metodu ieħor kif wieħed jidħol il-MF jekk mhux bil-*pass*.[77]

Għalhekk kull ħaddiem, uffiċjal u burdnar kien **konsapevoli** tal-fatt li l-*container* ġaladarba kien mimli suppost ħareġ mill-*Lane* 4 u mhux minn *Lane* 3 li hi l-*lane* li minn fuqha joħorġu *container*s vojta![78]

**Hein Chetcuti**, *Corporate Services Manager* il-Malta Freeport Terminals, taha stampa tal-investigazzjoni nterna li ġiet kondotta minnu w minn uffiċjali oħra inkluż l-analiżi li sar tal-*footage* minn fuq *cctv cameras* madwar il-MF. Minn dik l-analiżi rriżulta li kien hemm numru ta' proċeduri li ma ġewx segwiti biex il-*container* jinħareġ u jerga' jiddaħħal bla l-iskrutinju dovut.

Dan jerga' juri li ma nqabżitx merament xi proċedura waħdanija iżda addirittura **bosta kienu il-miżuri** li fil-każ tat-*trailer* bil-*container* **u** tal-*refrigerated van* l-abjad li segwieh, ġew maqbuża.

---

[75] Fol.34

[76] Ibid.

[77] Fol.36

[78] Fol.284-335: **Sandro Caruana**, *security* mal-MF, xehed li fis-7 t'Awissu kien xogħol *afternoon*. Muri r-ritratti esibiti spjega kif inhuma mqassmin il-*lanes*. Fix-*shift* miegħu kien hemm Antoine Camilleri, persuna oħra w l-imputat. Ix-xhud jagħti konferma sħiħ lil dak li xehdu Fiteni u Montebello dwar proċeduri li għandhom iseħħu minn uffiċjali ta' sigurtà fil-każ ta' dħul jew ħruġ ta' *containers* u dwar verifiki u *scanning* tal-*pass*es li jsiru qabel vettura/burdnar jitħalla jidħol il-MF. Jisħaq li *container* mimli kellu jgħaddi minn *lane* 4. *Containers* vojta joħorġu mill-*lane* 3, il-burdnar jiftaħ il-bieb u tad-Dwana jiċċekkjawh. Caruana jagħmel emfasi kbira fuq il-verifiki li jsiru dwar id-dettalji tal-burdnar, l-informazzjoni li tkun trid taqbel bejn il-*pass* u l-identità tal-persuna li tippreżenta ruħha, kif ukoll id-dettalji tat-*truck* u l-ħinijiet li jkun għadda mill-*gate*. Dik l-informazzjoni kollha tiġi *inputted* fil-LXE li jiddeskriviħ bħala computer żgħir, *"Mill-lane 4 johrog il-mimli biss, ma johrog xejn aktar". Security* ieħor li xehed kien **Antoine Camilleri** li wkoll kien fuq ix-*shift* ma Calleja dakinhar tas-7 t'Awissu, 2015. Bħax-xhud ta' qabblu jispjega x-xogħol li jagħmel biex jivverifika d-dettalji tal-burdnar, tal-*container* u tal-*pass*es u jara li jaqblu mal-informazzjoni li tkun fis-sistema. Ukoll jindika li mill-*lane* 3 joħroġ biss il-vojt u anke hemm irid jingħataw kemm il-*pass* kif ukoll dettalji filwaqt li l-burdnar għandu dmir jiftaħ il-bibien tal-*container* biex jiġi verifikat li jkun vojt. L-istess **Stephen Galea,** li wkoll kien xogħol fuq l-istess *shift* tal-imputat. Minbarra li jikkonferma l-proċedura ġa ndikata minn nies addetti mis-sigurtà jisħaq li *lane* 4 hi l-*lane* li minnha jgħaddu *containers* mimlijin w issemmi l-importanza tal-verifiki mal-*pass*es rispettivi. Jindunaw jekk *container* hux vojt jew mimli mill-*pass* li jkollu l-burdnar fejn il-vojt hu abbinat ma *pass blue* u mimli ma *pass* abjad. **Mario Azzopardi** jerga' jikkonferma dak li xehdu l-kollegi tiegħu.

Bla dubbju dan juri li ma kien żball xejn iżda **operazzjoni orkestrata** biex **taġevola w tiffaċilita** l-ħruġ mill-MF tal-*container*.

Hu għalhekk li l-Qorti ser tikkwota f'dettal dak li xehed Hein Chetcuti. Ix-xiehda tiegħu timmanifesta l-passi diversi li nqabżu minn dawk li xogħolhom kien jiddetta li jagħmlu d-dovuti verifiki w josservaw il-proċeduri ta' sigurtà` adoperati ġewwa l-Freeport:

*"Mill-investigazzjonijiet interni taghna, aħna rajna s-CCTV footage u kif ukoll analizzajna d-data li jkun hemm fis-sistemi taghna u ddentifikajna li kien hemm container partikolari illi ħareġ minn fuq it-terminals taghna u **l-passi kollha mehtiega ma kienux fis-sehh**. Bil-passi mehtiega biex joħroġ container ovvjament hemm series, **a series of steps,** hemm passi li jridu jittiehdu.*

[1] *L-ewwel waħda li tieqaf fil-gate taghna u "tinixxjalizza"* ["to initialise"] *transazzjoni fejn allura int qed tiddikjara li ha tohrog dak il-container minn fuq it-terminal u **biex taghmel hekk inti ghandek bzonn ta' certu tip ta' dokumenti**. …. qabel jidħol fizikament fit-terminal hemm booth fejn jieqaf mat-tieqa tagħha fejn ikun jista' jagħmel din it-transazzjoni biex ikun jista' jidħol fit-terminal halli jippikkja jew iħott il-container li jkollu fuqu jew li ha jigbor. …**Fir-rigward ta' dan il-container irrizulta li l-proċedura tal-ħruġ u kif ukoll tad-dhul ġiet kollha by-passed** ….. **Irrizultalna li f'din il-kamra ma kien hemm l-ebda transazzjoni marbuta mal-ħruġ ta' dan il-container. Jigifieri ġiet maqbuża kompletament** …..".* Sar jaf mis-sistema tagħhom li t-*trailer* in kwistjoni (li fuqu nħareġ il-*container*) bin-numru EHQ 103 kien daħal il-MF regolarment. Dan kellu jħott *container* ieħor illi kien mgħobbi bih u waqaf f'din il-*Gate* fejn issir it-transazzjoni, tah il-karti normali u aħna bdejna l-proċedura biex dak il-*container* jinħatt fit-terminal.[79]

[2]. *"Suppost wara li jinħatt dak il-container, x'suppost kellu jigri. Il-burdnar la ma kellux xogħol ieħor jipprocedi biex joħroġ mingħajr container ieħor minn fuq it-terminal. Pero' **ma garax hekk. Gara li l-burdnar baqa' fil-fatt fuq it-terminal** u mis-CCTV ukoll u rrizulta li kien hemm ingenji minn taghna, ingenja partikolari……[recte:] reach*[80] *stacker partikolari. Reach stacker huwa tip ta' equipment li "jihhendilja"* [handles] *l-containers. Dan ir-**reach stacker avvicina dan il-container li mhux suppost ħareġ li kien "stekkjat"*** [stacked] ***f'pożizzjoni fil-bitħa. Ghabba dak il-container fuq it-trakk ta' dan il-burdnar, illi dan il-burdnar umbghad ħareġ, ipproceda lejn il-gate biex joħroġ bih. Imma ovvjament fis-sistema ma kien hemm l-ebda transazzjoni inizzjata.** …..Li rrizulta huwa li fuq dak ir-reach stacker partikolari dak inhar kien hemm **persuna waħda** biss illi, aħna meta jidħlu ghax-xoghol in-nies intuhom l-assignment tal-*

[79] Fol.185-186

[80] It-traskrittur erronjament tikteb Reed Stacker. Kull fejn tirriżulta din qed titniżżel bħala *"reach"*

*equipment. Jigifieri kif jippalmjaw tohrogilhom karta fejn iridu jmorru. Dan ir-reach stacker ġie "mmenjat"* ["manned"] *minn persuna partikolari illi għamel il-ġurnata kollha fuqha, tajjeb? U hemm ukoll fuq dan ir-reach stacker li ddentifikah, li għandu kuluri partikolari…..Għandu l-aħmar u l-isfar illi fil-fatt huwa l-unika equipment tal-generu tiegħu, allura mis-CCTV kienet anke iktar facli biex wieħed jiddentifika dak il-marki partikolari tiegħu. Jigifieri ma tantx kien hemm lok fejn wieħed jitfixkel. ….[*il-ħaddiem ta' dan l-apparat kien*] Il-punch card huwa 800, huwa Roderick Borg.".*[81]

Chetcuti jiddeskrivi f'dettal il-proċeduri kollha li nqabżu fil-**ħruġ** tal-*container* li skond is-sistema kien għadu *recorded* bħala mimli. Ħareġ mill-*Lane* 1, tal-vojt, peress li l-*containers* mimlijin jgħaddu minn *lane* oħra fejn hemm l-*scanners* tad-dwana biex jiġu *scanned, Lane 4.*

[3]. *"Il-proċedura l-ħruġ tal-vojt hija illi once li l-container javvicina s-security jieqaf, il-burdnar jagħti l-karti lil membri tas-sigurtà' taghna. Membri tas-sigurtà' jipprocedu fuq wara tal-container fejn dan* ***il-container jinfetaħ biex jiġi spezzjonat u kif ukoll ikun hemm membri tad-Dwana illi wkoll vizwalment jaraw illi l-container meta nfetah ma kien hemm xejn go fih biex ikun jista' joħroġ bħala vojt****. U s-security umbghad jimla', gieli jimla' xi dettalji fuq il-karta illi jkun hemm il-hin fi x'hin ħareġ it-trakk. Umbghad jinghalaq il-container u tiġi skenjata l-card tal-burdnar li jkun qed isuq it-trakk, umbghad ikun jista' joħroġ il-container il-vojt….* ***f'dan il-każ partikolari, il-container kif ghidna pproceda fuq il-lane tal-vojt. Il-container ma nfetahx. ….. Mis-CCTV irrizulta li ma nfetahx.*** *Apparti hekk kien jidher ukoll li kien hemm vettura oħra li ġiet vicin ħafna ta' dan il-container u allura certu affarijiet qishom riedu jinhbew. …. Kien trakk abjad kbir. …. U dan it-trakk kien mis-CCTV ukoll irrizulta illi segwa, segwa bil-container fil-mixja tiegħu lejn il-gate. Anzi kien hemm punti jekk wieħed janalizza s-CCTV fejn qed jistenna lil burdnar jaqbżu biex umbghad ħareġ għal warajh. Jigifieri kienet tidher evidenti li kien hemm xi tip ta' konnessjoni…[dwar dan it-truck l-abjad] Raguni għalfejn kien fil-bitħa m'ghandniex. Fil-fatt, u m'hemmx raguni għalfejn kellu jkun hemmhekk.*

[4]. *Fil-fatt id-dħul tiegħu wkoll huwa daqxejn anomalu għaliex* ***avvicina l-gate taghna, kien jidher ix-xufier jiddiskuti xi haġa mal-membru tas-sigurtà' li kien hemm fil-gate dak il-hin u minn hemm l'hemm la ġiet skenjata card, la fid-dħul u lanqas fil-ħruġ ta' dan ix-xufier tat-trakk****.".* Indika lill-imputat **Calleja bħala l-uffiċjal li wettaq dawn l-irregolaritajiet.**[82]

Ikompli jamplifika fuq is-serje ta' *pass*i li l-imputati Calleja u Zammit kif ukoll il-ko-imputat Sebastian Zammit **injoraw għal kollox**:

[81] Fol.187
[82] Fol.188-189

*"Fil-ħruġ taz-ziemel bil-container kien hemm nieqes li kif gia' spjegajt,* ***il-container ma ġiex spezzjonat. Ma ġiex miftuh u spezzjonat. Kien hemm nieqes ukoll kull tip ta' dokumentazzjoni*** *li ghandek bzonn biex tohrog container, sija mimli u sija vojt. Kien hemm* ***nieqes ukoll illi l-cards*** *li aħna nuzaw biex ikollok access għal got-terminal ma gewx skenjati. Fil-każ tad-dhul tat-trakk. Mhux tal-burdnar qed nitkellmu,* ***tat-trakk*** **[**ir-refrigeration van**]** ***din id-darba, dan in-nuqqas sehh ukoll ghad-dħul.*** *Jigifieri l-card ma gietx skenjata lanqas fid-dħul, umbghad kien hemm nuqqas ieħor meta l-container reġa'' ngab lura t-terminal.".* X'ħin kienu ħierġin kien hemm l-istess uffiċjal tal-MF, l-imputat **Calleja, bil-burdnar jiġi identifikat bħala l-imputat Malcolm Zammit.**[83]

Jingħad mill-ewwel, u kif ser jintwera aktar il-quddiem, mill-filmati esibiti l-Qorti segwiet u konfermat il-movimenti li jagħmel riferenza għalihom Chetcuti fix-xiehda tiegħu.

**Anthony Chetcuti**, *Senior Security* mal-MF, esebixxa r-*roster* għal dik il-ġimgħa li turi l-postijiet kollha f'kull *shift* li uffiċjali tal-MF ikunu pożizzjonat fihom inkluż Shift D li hu x-*shift* li kien qed jaħdem Calleja.[84] Kienu għall-ħabta ta' 12pm – 12:10pm, madwar 20-25 minuta wara li Calleja beda x-xogħol tiegħu,[85] mar fuqu b'xi pilloli u talbu biex minflok *patrol* imur mal-*gate*.[86]

Dan il-fatt hu ferm importanti hekk kif **Calleja mhux biss talab li jitbiddilu x-xogħol iżda saħansitra għażel x'xogħol ried jagħmel; mal-*Gate!***

Chetcuti spjega kif *container* bis-siġilli ħareġ mill-*lane* tan-nofs meta mhux suppost ħareġ minn hemm għaliex mill-*Lane* 1 jidħol il-vojt u *containers* għall-*export;* mill-*Lane* 2 jgħaddu vetturi; mill-***Lane* 3** joħorġu *containers* **vojta** għaliex *"meta li jkunu bis-sigilli, suppost li joħroġ mill-four (4). Biex jiġi skenjat.".*[87] Uffiċjal tas-sigurtà` li jara *container* ħiereġ irid jieħu l-*pass* tax-xufier, l-isem tal-burdnar, l-isem tat-*truck* u jiskannja l-*card.*[88]
Muri *stills*[89] li nħarġu minn filmati murija lilu fil-kors tal-investigazzjoni, jikkonferma li l-uffiċjal viċin il-*container* hu **l-imputat Calleja li jidher mhu qed jieħu l-ebda dettalji kif obbligat jagħmel u t-*truck: "Jibqa ghaddej….suppost waqfu"*.**[90] Din hija l-proċedura stabbilita fejn l-uffiċjal Calleja suppost *"Waqqfu, jghollilu l-barrier, jgidlu fejn sejjer, jiskenjalu l-card, u jibqa jara fejn sejjer. Jekk hux*

---

[83] Fol.190
[84] **Dok.AC1** a fol.146
[85] Fol.143
[86] Fol.138
[87] Fol.120-124
[88] Fol.125
[89] **Dok.RS1** a fol. 113-116
[90] Fol.127

*ha jistekkjawh, jew kienx sejjer il-warehouse, jgidlu fejn għandu sejjer u….."* minflok iżda ***"Ma' hadlux il-card u.."***.[91]

Muri sett ritratti oħra,[92]mniżżla minn filmat meħud aktar tard dakinhar meta il-*container* jerga' jiddaħħal il-MF, jerga' jidentifika lill-imputat Calleja bħala l-uffiċjal li javviċina it-*truck* bil-*container* fuqu. Jinnota dan: *"Hemm hekk Chris* ***suppost li kien jaralu l-card,*** *jgholli l-barrier, u* ***jara x'hemm. Jekk hux vojt jew mimli.*** *… Jekk hu vojt, mhux joħroġ bil-pass…. Il-proċedura hi li jehodlu l-pass, jiftiehem ma' tad-Dwana, jekk hux issiggillat jew le, u jkompli u."*[93] Biex jara hux vojt irid jiftħu akkumpanjat minn uffiċjal tad-Dwana u jżomm id-dettalji tal-*pass*, in-*number plate* tat-*truck*, l-isem ta-*container* li jkun fuq il-*pass* u isem il-burdnar.[94] Madanakollu mill-filmati **ma ra xejn minn dawn il-miżuri jseħħu minn Calleja.**[95] Mill-filmat muri lilu lanqas ma ra l-bibien tal-*container* jinfetħu, ***"Le"*.**[96]

Ix-xhud ġie muri żewġ *stills* oħra tal-*container* issa li reġa' daħal lura fil-MF.[97] Chetcuti ftakar li fid-dħul lura fil-MF għalkemm ra l-*container* jinfetaħ[98] fil-fehma tiegħu **bil-mod kif infetħet il-bieba l-*container* ma setax jiġi ċċekkjat.** Biex jinfetaħ il-*barrier* l-uffiċjal irid imur fil-kamra fejn jgħaddi l-*pass* u jagħfas il-buttuni tal-*barrier*.[99]

Jiġi emfasizzat kif il-Qorti faċilment ikkonfermat li dawn il-proċeduri w miżuri ta' sigurtà w kontroll ġew segwiti biss fir-rigward ta' vetturi oħra. Konsegwentement hu daqstant ieħor ovvju li **kien biss fil-konfront tal-vann l-abjad u t-*trailer* li nqabżu dawn il-proċeduri!!**

---

[91] Fol.128-129
[92] **Dok.RS2** a fol.117-119
[93] Fol.130-131
[94] Fol.132
[95] Fol.133
[96] Fol.134
[97] **Dok.RS3** a fol.147-148
[98] Fol.135
[99] Fol.141

*(b). Xiehda tal-Uffiċjali Dwana*

**Gerome Azzopardi,** *Customs Inspector* stazzjonat fid-*Detail Office* tad-Dwana, xehed kif nhar is-7 t'Awissu, 2015, kien biddel il-post ta' xogħol ta' Sebastian Zammit biex minflok jaħdem Laboratory Wharf kif kien assenjat, imur il-MF peress li kellu jkun *replacement* għall-uffiċjal Raphael Buttigieg li ħareġ *b'sick leave.*[100]

**Carmel Attard**, Spettur għall-Kontrollur tad-Dwana, kien identifika l-uffiċjali ta' Dwana li kienu xogħol fis-7 t'Awissu, 2015. Mill-filmat setgħa' jara li Sebastian Zammit kien l-uffiċjal tad-Dwana li niżel mal-*container* li kien ħiereġ mill-MF. Dan kien akkumpanjat ma uffiċjal tas-sigurtà` tal-MF u skond il-proċedura tad-Dwana **biex *container* jitħalla joħroġ mill-MF kellu jiġi ċċekkjat**. Wara dan il-*container* kien hemm *box van* li kien issikkat miegħu. Uffiċjal tad-Dwana ieħor baqa' fil-bieb tal-kamra tagħhom.[101] *"Ftit wara ukoll ġejt muri film li kien irreġistrat illi sagħtejn wara li kien ħareġ il-container in kwistjoni u deher dieħel lura mil-grada prinċipali u fejn presubilment kien jidher li kien hemm uffiċjal tas-siġurta' tal-Port Ħieles jiftaħ il-bieba, jittawwal il-container minn ġewwa u l-container pproċeda l-ġewwa fuq it-terminal".*[102]

**Pierre Delicata**, *Senior Customs Assistant,* spjega kif fis-7 t'Awissu kien xogħol ma Sebastian Zammit fil-*Gate* tal-MF. Ħareġ *container* mill-*Lane* tan-nofs u Zammit niżel mill-kamra tagħhom biex jiċċekkjah waqt li hu ħa ħsieb il-karti għad-Dwana li għaddielu x-xufier li mar b'*container* li kien daħal għall-*export*. Minn ***Lane* 3 jgħaddi l-vojt** fejn xogħol il-fizzjal tad-Dwana hu dak li jiċċekkja hux vojt jew mimli. Delicata jixhed li meta resaq *container* għall-*export* f'*Lane* 1 hu kien fit-targa tal-bieb tal-kamra tagħhom biex jieħu l-karti w fl-istess ħin daħal il-*container* fuq *Lane* 3 li ma kellu l-ebda karti. Ma dan il-*container* f'*Lane* 3 kien hemm il-ko-imputat Sebastian Zammit, **uffiċjal tal-Freeport u l-burdnar Malcolm Zammit.**[103] Semma kif tinżamm lista li fuqha jitniżżel il-ħruġ u d-dħul ta' *containers*, in-numru tagħhom, it-*truck* number, jekk hux vojt jew mimli u tiffirma l-*entry* partikolari bl-inizjali. Iżda f'dan il-każ tal-***container* li għadda minn *Lane* 3 *"Ma kienx imnizzel imkien no, no no…No No xejn xejn".***[104]

In kontro-eżami jisħaq li kien raha stramba li l-*container* **ma nfetaħx** u l-*refrigerated van* kien **f'distanza avviċinata miegħu**.[105] Jispjega li dakinhar

[100] Fol.40-44
[101] Fol.345-346
[102] Fol.347
[103] Fol.52-53
[104] Fol.54
[105] Fol.57

xogħolu kien fuq *Lane* 4 minn fejn joħorġu *containers* mimlijin.[106] F'ħin minnhom daħlu żewġ *trailer*s fuq *lane*s separati fl-istess ħin.[107] Meta daħal il-*container* fuq *Lane* 3 Zammit kien qed jieħu ħsieb ukoll *Lane* 1 *"ġie d-driver mill-one…mexa ghat-two, mexa ghat-three, tahom il-karti lil Bastjan u tahom lili Bastjan".*[108] Il-*gate* tal-MF tkun magħluqa bil-*barrier* li malli l-*container* jgħaddi mingħand id-Dwana, l-uffiċjal tal-MF jagħtu ordni biex tittella' w l-*container* ikun jista' jgħaddi.[109] Għall-uffiċjal tad-Dwana *container* fuq *Lane* 3 ifisser li hu vojt w ma jkunx hemm skambju ta' dokumenti. *Containers* mimlija joħorġu ssiġġillati għalkemm il-vojt ġieli jkollu siġill, biex per eżempju ma jidħlux immigranti fih, *"L-importanti imma li **fit-three irid jinfetaħ normalment.** Dik l-importanti".*[110] **Il-*container* in kwistjoni li għadda mill-*Lane* tal-vojt, *Lane* 3, kellu siġilli.**[111]

Mitlub mill-abbli difensur ta' Sebastian Zammit jgħid jekk hemmx xi prassi li meta jkunu mgħobbijin bix-xogħol il-vojt ma jiġix ċċekkjat ix-xhud hu kategoriku: *"Dik **dawgha** dik tkun hekk, tkun **dawgha dik ghad-Dwana**…Inti ħruġ bilfors ticcekjah fl-obbligu inti tieghek".*[112] Iżid li kull *container* irid jitniżżel fuq dokument li jintuża miż-żewġ uffiċjali fejn kull *entry* tiegħu trid tiġi ffirmata mill-uffiċjal inkarigat mill-*container* partikolari.[113]

III. Bidla fil-Pożizzjoni w Kulur tas-Siġill tal-*Container* wara li Nħareġ mill-Freeport

**George Scerri,** li fiż-żmien li seħħ il-każ kien *Chief Inspector* id-Dwana, semma kif l-OLAF kienet talbet id-Dwana Maltija jżommu taħt għajnejhom *container* CAXU9139325 li sa mill-ewwel kien iddikjarat għal *transhipment*. Il-kontenut kien dikjarat bħala sigaretti[114]. L-OLAF għarrfet lid-Dwana li d-destinatarju attwali seta' kien differenti minn dak dikjarat u kien għalhekk li talbu biex il-*container* jiġi *monitored.* Minn żmien għal żmien kienu jmorru uffiċjali tad-Dwana jagħtu daqqa t'għajn kif għamel hu stess ma Mario Cini u ttieħdu xi ritratti tiegħu. Iżid: *"Ir-ritratti li hadtlu dak il-container kienu ritratti tal-faccata u ovvjament ritratt tas-sigill. Xi haġa li ta' min isemmi li dak il-container partikolari bir-ritratt tal-faccata u tas-sigill kellu is-sigilli kuntrarju għal kif forsi naraw b'mod*

---

[106] Fol.940
[107] Fol.58
[108] Fol.57
[109] Ibid.
[110] Fol.59-60
[111] Fol.60
[112] Fol.62
[113] Fol.945
[114] Fol.856

*tradizzjonali,* ***is-sigill kien qieghed mal-latch ta' taht, ta' mal-art*** *u mhux mal-latch tan-nofs.*[115] F'dawn ir-ritratti is-siġill hu ta' **kulur blu** u mqabbad mal-*latch* t'isfel nett, kważi **jmiss mal-art**.

Wara li seħħ il-każ, il-*container* ġie *scanned* u reġgħu ttieħdu ritratti mill-ġdid:[116] *"Issa apparti li skenjajnih hadna r-ritratti ergajna tal-faccata tal-container kif ukoll anke tas-sigill. Wiehed jista' jinnota li s-sigill,* ***il-kulur tas-sigill din id-darba kien isfar mentri l-originali, dak li konna hadna qabel kien blue.*** *Irridu nkomplu nghidu ukoll li is-****sigill l-isfar kien imqabbad fil-latch tan-nofs u mhux fil-latch li qeghda mal-art,*** *dan ovvjament jagħti x'jifhem li dak* ***is-sigill inbidel*** *u terga u tghid mhux inbidel biss imma anke* ***tpogga f'post differenti*** *minn kif kien oriġinali.... n-numru tas-sigill baqa' l-istess għalkemm meta tarah bir-reqqa, tara li anke l-font li ntuża kien daqsxejn waħda differenti ukoll. ....L-iscan*[117] *kienet qed tindika li kien hemm xi tipo ta' pellets li kienu sparsed,"* [118] u nstabu *pallets* mgħobbijin bi knaten tal-ġebel.[119]

**Mario Cini** kkonferma r-ritratti esibiti minn Scerri w ikkonferma li kien hu li għamel *scanning* ta' dak il-*container:*[120] *'Dan l-iscan wera li dan il-container ma fihx sigaretti imma fih xi affarijiet densi li huma jigifieri għall-ewwel ma stajniex li dawn nghidu x'inhuma. Imbaghad is-Sur Scerri ordna l-physical inspection, stennejna lill-Pulizija biex ma jnehhux xi fingerprints u hekk, imbaghad infetah u rrizulta li kien fih dawn il-pellets b'xi knaten fuqhom.".*[121]

Ir-ritratti **Dok.GS2** u **Dok.GS3**[122] juru s-siġill ta' **lewn isfar** li issa, fid-19 t'Awissu, 2015, kien tpoġġa' fuq l-istess *container* ma ***latch*** **differenti** li kienet aktar il-fuq minn fejn kien mqiegħed oriġinarjament is-**siġill blu** fejn kien imiss mal-art.[123]

IV. Il-Filmati

**Dr. Martin Bajada** filwaqt li esebixxa r-rapporti minn tiegħu, jispjega kif il-Maġistrat Gabriella Vella nnominatu jiġbor *cctv footage* mill-MF tas-7 t'Awissu, 2015, dwar żewġ *containers* CAXU9139325 u CMAU454689.

---

115 **Dok.GS** u **Dok.GS1** a fol. 862-863
116 **Dok.GS2** u **Dok.GS3** a fol. 864 u 865
117 **Dok.GS4** a fol.866
118 Fol.846-847
119 Fol.848
120 Fol.868-869
121 Fol.870
122 Fol.852-853
123 **Dok.GS u Dok.GS1** a fol.850-851

Mill-MF inġabret madwar 338GB ta' *data* li tkopri dik il-ġurnata partikolari w dan ġie ppreservat fuq *hard disk*. Din il-*hard disk*, **Dok.MB1**, hi esibita fl-oriġinal tagħha fil-proċess **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** bħala esibit nru. **KA14/16** iżda saret tapplika għal dawn il-proċeduri wara verbal appożitu. Infatti il-verbal tas-7 ta' Jannar, 2016[124] jgħid *"L-espert esebixxa wkoll Dok.**MB1** u MB4. Il-partijiet qed jaqblu illi dawn iż-żewġ dokumenti japplikaw ukoll għal dawn l-atti"*. Dak il-*footage* tal-ġurnata sħiħa tas-7 t'Awissu, 2015, minn *cameras* mferxxa mal-Freeport kollu, ġie *abridged* għal fuq CD li tinkludi l-movimenti taż-żewġ *containers*, u din is-CD tifforma parti mir-rapport minn tiegħu.[125]

Kopja ta' din is-CD jirrizulta ngħatat lill-partijiet li kif ingħad, għall-finijiet ta' kontroll, kellhom aċċess għall-*hard drive* kontenenti l-filmati kollha tas-7 t'Awissu, 2015 li tifforma parti mill-atti bl-**Exhibit No. KA14/16.**[126]

Sussegwentement il-Maġistrat estendiet l-inkarigu tal-espert Bajada sabiex jiġbor *footage* li jkopri 12 il-ġurnata mill-ħanut Techworld li jinsab il-Ħamrun, liema *footage* ilaħħaq 300GB ta' *data* w ġie reġistrat fuq *hard drive* oħra esibita ukoll bħala parti mill-esibit nru. **KA14/16** u mmarkata **Dok.MB4**[127] li, kuntrarjament għall dak maħsub meta oriġinarjament ġie estiż l-inkarigu ta' Bajada, ma tixħet l-ebda dawl fuq il-mertu.

Fir-rapport minn tiegħu, l-abbli espert jikkjarifika li l-filmati li hu rreġistra anke fuq l-*abridged version* huma ta' ħinijiet u movimenti li ġew mgħoddija lilu fl-ambitu tal-investigazzjoni mill-Ispettur Investigattiv bħala siltiet li kellhom rilevanza għall-każ.[128] Skond l-investigaturi dawn is-siltiet wrew is-sekwenza ta' dak li seħħ fil-jum tas-7 t'Awissu, 2015. Li għamel in segwitu kien li fittex dik is-silta mill-filmati kollha li nġabru u daħħalha fl-*abridged version* li ħejja għal Maġistrat Inkwirenti: *"ghaddewhomli [in-notamenti] biex juruni indikazzjoni ta' x'raw huma….jien qed nara event li mill-gate heierg truck f'dak il-hin li qed jindikaw, that's all…qed naghti sekwenza, l-camera u l-hin li qed nara jien….dak li hrigt mis-CCTVs…f'certu hin hemm event u jien capturjajt dak il-hin…x'kien qed jagħmel dak ix-xi hadd jew jekk ghandhiex relevanza mal-każ [ma nistax nghid]…jien ma identifikajtx…jiena hadt il-hinijiet biss…mill-lista tal-hiniiet hrigt is-sekwenza"* li

---

124 Fol.180

125 **Dok.MB2** a fol.230 tar-rapport **Dok.MAE**

126 **Dok.MB1** ta **Exhibit No**. **KA14/16.** Vide Verbal tas-7 ta' Jannar, 2016 a fol.180. Vide wkoll Elenku ta' "Oġġetti Miġjuba fi-Kumpilazzjoni" (qoxra tal-proċess *tergo* **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** u fol..257 et seq ta' dak il-proċess.

127 Fol.219 ta' **Dok.MB**

128 Fol.241-242. Il-*cameras* diversi li minnhom ittieħed il-filmat li jinsab fuq l-*abridged version* huma indikati fis-sommarju elenkat fir-rapport **Dok.MB3** a fol.243

sussegwentement ġiet reġistrata fuq is-CD [129] formanti parti mir-rapport tiegħu.[130]

Jiġi mfakkar li l-Alex Montebello, CEO tal-MF, xehed kif hu flimkien ma nies inkarigati minnu fosthom Hein Chetcuti (tal-IT) u Dr. Borg Myatt, investigaw l-informazzjoni li rċieva billi analizzaw il-filmati tal-MF, *"l-filmati tas-CCTV jiġu "sejvjati" halli nkunu jistghu jiġu esibiti fil-Qorti"*[131] Minn naħa tiegħu Stivala jixhed li kif ġie nfurmat b'dawn il-filmati kien informaha lill-Inkwirenti li sussegwentement ħatret lil Bajada.

Għaldaqstant hija skorretta s-sottomissjoni magħmulha mill-abbli difensuri tal-imputati li l-espert Bajada kien selettiv fil-filmati li ġabar. Għall-kuntrarju, filwaqt li parti mir-rapport ta' Bajada hemm CD bl-*abridged version*[132] tal-**filmat tas-7 ta' Awissu, 2015 (li juri siltiet rilevanti mqiegħda f'sekwenza kronologika),** il-filmat kollu tas-7 t'Awissu, 2015, meħud mid-diversi *cctv cameras* pożizzjonati madwar il-MF kollu jinsab esibit f'dawn l-atti fuq *hard drive* li ngħatat l-**Exhibit No. KA14/16**.

Analiżi tal-Filmati[133]

Il-Qorti eżaminat b'reqqa l-filmati esibiti. Filmati li **jikkorroboraw bi sħiħ** dak li xehdu d-diversi xhieda mill-Malta Freeport kif ukoll Pierre Delicata in kwantu għall-mod kif seħħew l-affarijiet – jew aħjar dak li kellu jseħħ u ma seħħx - fil-ħruġ u dħul lura ġewwa l-MF tat-*trailer* bil-*container* u *l-refrigerated van* l-abjad li jidher jistennih u jsegwieh il-barra mill-MF.

Jiġi nnotat kif il-**miżuri ta' sigurtà jiġu segwiti fir-rigward ta' vetturi oħra iżda mhux għaż-żewġ vetturi suspettużi, it-*trailer* bil-*container* u l-vann l-abjad.**

Jiġi sottolinejat li xi ħinijiet indikati fil-parti li ssegwi huma dawk tal-ħin tal-filmat u mhux ir-*real time*.

- L-ewwel mumenti tal-filmat (00:12) jidher *trailer* wieqaf ma tieqa li ġiet deskritta minn xhieda bħala d-*deliveries* fejn isir l-ewwel waqfa hekk kif *trailer* ikun dieħel il-MF. 00:27-1:09. Il-*container* jidher b'iskrizzjoni CMA CGM b'disinn fuq u taħt. Fil-12:17hrs (00:02- 00:02:35) juri l-verifiki li jsiru meta *container* CMAU 454 685 (li fil-ġenb u fuq wara naħa tax-xellug fuq tidher kitba

[129] Ibid.
[130] Fol.911-915
[131] Fol.184
[132] **Dok.MB2** a fol.230 tar-rapport **Dok.MAE**
[133] Ibid.

CMA CGM) huwa vojt, fejn l-uffiċjal tas-sigurtà` javviċina wara tat-*trailer* jidher jieħu dettalji u l-burdnar jiftaħ il-bieba tal-*container*. L-uffiċjal jidher iħares ġewwa l-*container* u jagħti xi dokument lil burdnar li jibqa' sejjer biha f'idu. Il-burdnar liebes flokk blu bl-abjad minn quddiem, blu fuq wara b'disinn partikolari.[12:19-12:20]

Hawn jidher għalhekk li ġew segwiti il-proċeduri kif dovuti in kwantu għad-dħul tat-*trailer* li jirrizulta jappartjeni lill-imputat Malcolm Zammit. Propju kif irriżulta mix-xhieda senjatament ta' Hein Chetcuti, Karol Muscat u Stephen Calleja.

- 00:04:35 jidher l-istess *trailer* sejjer f'direzzjoni ta' wara ħangar kbir. [12:22]. 00:5:37 jidher *reach stacker* (orange bl-aħmar) ġej minn naħa tal-lemin u warajh 6:30 jidher segwit minn van abjad (il-ħin hu 12:33-12:34pm). Mill-istess *camera* tlett minuti wara 12:37 l-istess reach stacker jidher jinstaq lura fid-direzzjoni li ġie minnha.

- 12:29 jidher Calleja ħdejn *gate*.

  **Jiġi nnotat kif Calleja jagħmel ħinijiet twal fuq saqajh u hu aġili w żvelt. Xejn ma jindika li kien muġugħ jew kellu xi xkiel biex jimxi sew**. Jidher jistenna fil-*gate* iħares lejn id-direzzjoni li minnha jaslu l-vetturi. Irid jitqies li dan kien Awissu w s-sens komun jiddetta li sakemm mhux meħtieġ mod ieħor, wieħed imur għal kenn mis-sħanat tas-sajf mhux jibqa' jitlajja barra fis-sħanat tax-xemx t'Awissu! L-istess sens komun jiddetta li jekk wieħed ibagħti minn morliti tant li jitlob ma joqgħodx bilqegħda f'vettura, lanqas ma għandu jistrappaza ruħu billi jagħmel perjodi ta' waqfien għalxejn. Calleja hu l-uniku uffiċjal jidher jitlajja ħdejn il-*gate*. Jidher Calleja jidher iħares madwaru, speċjalment in-naħa ta' warajh, jistenna waħdu fil-*lane* meta ma għandux għalfejn.

- 12:30 jasal *trailer* aħmar fil-linja opposta w Calleja jmur għal fuqu w jeħodlu xi dokument mit-tieqa. 12:31 jasal van abjad bil-*logo* Salvo Grima u Calleja fuq il-linja li qabel kien qed jistenna fuqha w jmur fuqu u jieħu xi dokument.

- Fl-istess ħin jasal *refrigerated van* abjad (kif tidher ir-*refrigerating system* fis-saqaf tiegħu) eżatt wara l-vann l-aħmar fl-linja opposta iżda, kuntrarjament għal dak li seħħ sekondi qabel max-xufier tat-*trailer* aħmar u dak li jseħħ mal-van ta' Salvo Grima li jasal fejn jiġi *scanned* il-pass, **Calleja ma jieħu l-ebda dokument tal-vann iżda jidher biss jintefa jitkellem max-xufier.** Mill-camera li issa qegħda eżatt fuq Calleja **l-azzjonijiet tiegħu fejn jieħu l-pass tal-vann l-abjad (Salvo Grima) iżda mhux dawk tar-*refrigerated van*** **(00:20:27)** tidher ċara b'dettal.

- Jingħad ukoll li dan il-vann kien fuq il-*lane* maġenb dik li kien fuqha Calleja, dik li fuqha daħal il-van Salvo Grima. Fuq il-*lane* l-oħra kien hemm uffiċjal

ieħor. Jidher ċar *trailer* Iveco jitħalla jidħol bla ebda miżuri ta' *scanning* tal-pass. Il-filmat fil-ħin 23:24 juri dehra aktar ampja ta' dak li seħħ, issa mill-faċċata fejn Calleja jerga' jidher wieqaf jistenna mal-*Gate*, jieħu pass ta' van Salvo Grima (12:31) fuq il-linja tiegħu iżda mhux dak tal-vann l-abjad għaddej fuq linja biswit.

*Abridged Version*: Filmat Kronoloġiku

- 26:30 (12:31:10) jidher idur ma *traffic island trailer* u (26:45 tal-filmat) jieqaf fil-ġenb fil-parti tal-bidu tal-mgħoddija/triq. Fl-12:34:08 jintlemaħ ir-*reach stacker* u warajh fil-12:34:17 van abjad ġejjin minn naħa ta' fuq. Ir-*reach stacker* 12:34:32 idawwar għal fejn hemm it-*trailer*. Il-vann l-abjad jibqa' nieżel u jdur għal wara tal-*container*s. Ir-*reach stacker* jidher jgħabbi *container* fuq t-*trailer* l-abjad (12:34:48). Waqt dan il-ħin il-vann l-abjad nieżel bil-mod (12:35). Ikompli jitgħabba l-*container* 12:35:35. Jispiċċa jitgħabba fil-12:36:15 u t-*trailer bil-container* jinżel fid-direzzjoni li ħa l-vann l-abjad 12:36:53. Ir-*reach stacker* jerga jerħilha l-fuq minn fejn ġie. 32:19 idur fid-direzzjoni tal-vann l-abjad u joħroġ *out of vision*.

- 12:42:20 jidher ħiereġ l-ewwel il-vann l-abjad u warajh fil-12:42:27 il-*container*. Fil-12:42:47 il-vann l-abjad jersaq fil-ġenb biex jgħaddih il-*container* u kif jaqbżu, dlonk jibda jsegwieh issikkat miegħu. **Il-manuvra hi waħda ovvja intiża biex ma jagħtix ċans lil xi vettura tidhol bejniethom!** Jerga' jidher it-*trailer* segwit mill-vann l-abjad f'12:44.

- Jidhru javviċinaw il-*Gate* u jgħaddu mill-*lane* li fuqha għadu wieqaf Calleja; l-istess *lane* li kien fuqha aktar qabel. 12:44:39 Calleja jmur lejn wara tat-*trailer*, joħroġ ix-xufier - liebes flokk simili għal dak li ġie esibit bħala **Dok.JG1** – u jmorru wara tat-*trailer*. 12:46 jirritornaw, bix-xufier jirkeb u jsuq l'hemm **mingħajr l-ebda verifika da parti ta' Calleja** jew l-uffiċjal tad-Dwana Sebastian Zammit.

  **Dan jirrizulta mill-filmat mmarkat 360 CUSTOMS[134] meta l-*speed* tiegħu jiġi mnaqqas biex tinkiseb viżwali fejn il-bibien tal-*container* suspettuż ma jinfetħux.**

  Dawn huma bibien ta' *container* tal-erbgħin (40 *feet*) li kieku infetħu mqar ftit kien jidher fil-filmat imsemmi fejn il-bibien kbar u għoljin tiegħu jidhru **sew. Min dak il-filmat il-bieba tal-*container* ma tidhirx tinfetaħ!!**

- **It-*trailer* ERF fuq id-*dash board* għandu numru kbir 91 fuq sfond abjad**. **Eżatt warajh jidher ħiereġ il-vann l-abjad mingħajr ebda verifiki**. Lanqas presenza ta' uffiċjal 12:46:15 ma hemm

[134] AVI: [8.1]2015-10-22_22-01-57(1)

- Mix-xhieda mgħotija dawn il-movimenti ma ġew reġistrati/*logged* imkien.

- **Kuntrarjament** għal dak li seħħ bit-*trailer* u l-vann l-abjad, l-ewwel vettura li tasal immedjatament wara tiġi mwaqqfa u jittieħdu dettalji tagħhom (12:46:33- 12:46:58).

- Għalhekk jirrizulta li kien biss fir-rigward ta' dawn iż-żewġ vetturi li ġew **injorati il-proċeduri** li kellhom jiġu segwiti kuntrarjament għall-vetturi l-oħra kollha li ġew **mwaqqfa** u tagħhom ittieħdu d-dettalji li ġew **reġistrati.** ***A buon intenditor poche parole!***

- Minn *camera* oħra fuq il-ġenb xellugi tal-vetturi – filmat intestat 360 CUSTOMS[135] **-** tidher id-distanza ravviċinatissima li kienu fiha it-*trailer* u l-vann l-abjad 12:44:28-12:45:59. Għalkemm għal ftit ħin jidhru persuni bejn il-vann u *trailer*, m'hemmx dubbju dwar kemm il-***refrigerated van*** **l-abjad kien marsus mat-*trailer.***

- Il-Qorti reġgħet kkonstatat dak li iddikjarat *seduta stante* waqt li kien qed isir l-eżami ta' Sebastian Zammit; **fil-parti** tal-filmat 12:45:59-12:46 it-*trailer* u l-vann ma jidhrux daqshekk viċini.

- Madanakollu dak il-filmat ittieħed minn Camera 12[136] u minn Camera 15[137] f'ħin meta iż-żewġ vetturi kienu qed jinstaqu l-barra, WARA LI SUPPOST **saret il-verifika tal-*container.*** Dik il-verifika ma saritx u għalhekk **ma kienx baqa' ħtieġa** li jibqgħu issikkati flimkien!

- Konsegwentement jirrizulta li fil-ħin li z-żewġ vetturi jidhru mhux daqshekk viċini – kif ikkonfermat il-Qorti anke seduta stante - hu propju il-**ħin wara li suppost saret il-verifika tal-container**, u b'hekk ma hemm ebda kontradizzjoni fil-konklużjonijiet li wasslet għalihom il-Qorti għaliex jirreferu għall **mumenti differenti fit-traġitt** il-barra mill-Freeport taż-żewġ inġenji.

- Inoltre mill-*camera* pożizzjonata fuq il-ġenb xellugi tal-vetturi, **360 CUSTOMS**[138], jidher ċar li meta iż-żewġ inġenji (il-van u t-*trailer*) huma wieqfa biex SUPPOST jiġu spezzjonati, il-**bieba tal-*container* fl-ebda ħin ma tidher tinfetaħ, la mill-uffiċjali tal-Freeport** u lanqas minn Sebastian Zammit, l-uffiċjal tad-Dwana inkarigat mill-*Lane* 3 li minn fuqha kien qed joħroġ il-vojt.

- Angolu ieħor (00:39 tal-filmat) juri kjarament kif Calleja hu l-uniku uffiċjal jistenna mal-*gate*. Kif it-*trailer* javviċina [12:44:30] u jgħaddi minn miegħu

---

[135] AVI: [8.1]2015-10-22_22-01-57(1)
[136] AVI: [8.3]
[137] [8.4]
[138] AVI: [8.1]2015-10-22_22-01-57(1)

lanqas biss iwaqqfu jew iħares lejh **kuntrarjament** kif jagħmel fir-rigward tal-vetturi l-oħra li jgħaddu mill-*gate*.

- Fil-00:39:58 jibqa' miexi dritt lejn wara tat-*trailer*, mingħajr ma jitlob għal *card* kif jagħmel fil-konfront ta' xufiera oħra. Ix-xufier ta' EHQ 103 (*trailer* ERF) jidher ċar (00:40:50 tal-filmat) jinżel u jsegwi lil Calleja. **Il-*refrigerated van* l-abjad jgħaddi mingħajr ebda verifiki** (00:40:56-00:41:06). Tidher fuq il-vann il-kitba 'Thermo King' (00:45:59-00:46:00).

- **M'hemmx dubbju li Calleja jħalli it-*trailer* ta' Malcolm Zammit u l-*refrigerated van* Thermo King joħorġu bla kontrolli. Il-*gate* hi lesta mtella' ukoll u ma jieħu l-ebda *card* mingħand ix-xufiera –** Vide filmati @ 00:40:07; Cam Point 2 00:40:53-00:41:06; Cam Point 12 00:45:53-00:46:07 u Cam Point 15@ 00:51:04.

- Viżjoni aktar ċara ta' dak li seħħ tittieħed minn *Camera* 12 li tiġi eżatt fuq is-Security 00:42:59.

- Interessanti hu l-fatt li **jinqabad fil-ħin tal-filmat 00:42:57**. Għalkemm il-*barrier* mniżżla (u għaldaqstant mhux il-każ li xi vettura tiżgiċċa mill-kontrolli billi jibqa' għaddej il-barra!!) Calleja xorta jibqa' barra bil-wieqfa fis-sħana qalila t'Awissu **jistenna** mal-*barrier* għal xi ħin sakemm jasal propju l-*trailer* in kwistjoni fl-00:44:18 u Calleja jimxi lejh. Hemmhekk 00:44:19 imur fuqu mingħajr karti. Fil-ħin 00:45:54 jidher ħiereġ it-*trailer* segwit mill-vann l-abjad u Calleja jidħol fil-kamra, issa 00:45:48 b'xi karti f'idu; karti li meta javviċina t-*trailer* ma kellux.

- 00:46:04 joħroġ il-vann l-abjad mingħajr ma jieqaf jew isirulu xi verifiki.

- **B'differenza kif jixhed il-filmat (00:46:20-00:47:53) kull vettura li għaddiet twaqqfet u saru d-debiti verifiki fejn jidher ċar jiġi *scanned pass* (00:46:35; 00:46:52; 00:47:00; 00:47:20 u 00:47:30).**

- Angolu ieħor hu dak li jirrizulta mill-filmat 00:48-00:52:52. L-azzjoni fejn jieqaf il-vann hi dik li ġiet reġistrata fil-00:49:24-00:51:08. Fil-00:50:19-50: jidher ċar il-flokk tax-xufier tat-*trailer* li hu identiku għal dak esibit in atti **Dok.JG1.**

## Id-daħla lura l-Freeport tat-*Trailer/Container*[139]

- Il-filmat fil-ħin 00:52:56 li jikkorrispondi mal-ħin tal-14:29:53-14:31hrs juri l-istess *trailer* ERF dieħel lura l-MF.

[139] 54:54-56:20 hi ripetizzjoni tal-bidu tal-filmat

- Calleja **jerga jidher fil-bieb tal-kamra jistenna b'ħarstu l-quddiem** (14:28). Fil-14:30 jasal *trailer* u Calleja jmur jivverifika l-kontenut meta x-xufier jiftaħ il-bibien. Il-bibien jitbexxqu ftit, u Calleja jħares ġewwa u jidher jirreġistra xi dettalji.

- Fil-ħin 14:30:55hrs (00:59:18 tal-filmat) jasal it-*trailer*. Joħroġ Calleja u x-xufier **ibexxaq il-bieba kemm kemm** tant li **ċertament ma setgħetx tingħata viżwali għal kontenut tiegħu** għajr għar-rokna l-leminija ta' wara nett mal-ġenb tal-istess bieba!!

  Fil-fehma tal-Qorti m'hemmx dubbju li l-**għemil li ma tinfetaħx sew il-bieba biex jiġi verifikat il-kontenut kien wieħed intenzjonat**. Ma seta' qatt ikun mod ieħor, tant li Calleja lanqas biss javviċina l-bieba aħseb u ara kemm ra x'kien hemm meta lanqas biss seta' jara sew il-parti tal-ġenb ta' wara tal-*container*, *multo magis* il-kontenut tiegħu fuq ġewwa!! 14:31:37 it-*trailer* jinstaq lil hemm.

- Fil-14:35:37hrs jidher il-*container* jidħol f'area u jerga' joħroġ minnha. Fil-14:37 javviċina l-post fejn il-*container*, bil-marka CMA fuq il-kantuniera ta' fuq viżibbli, tgħabba fuq it-*trailer* sagħtejn qabel.

- Fil-14:37:35 javviċinah **l-istess *reach stacker* (in kwantu għall-makkinarju użat) li qed jistenna faċċata tiegħu**. Fil-14:38hrs it-*trailer* jitlaq wara li l-*container* jitpoġġa fl-*area* li minnha nġab aktar qabel u r-*reach stacker* jerga lura 14:38:42hrs.

- Fil-14:38:45hrs it-*trailer* mingħajr *container* jidher ħiereġ il-barra mill-MF u joħroġ 14:40:22 fejn issa jidher uffiċjal ieħor li jwaqqfu, jiscannja l-*pass*. **It-*trailer* għadu bin-numru 91 viżibbli** jħalli l-Freeport fl-14:41:13.

Anke hawn jintwera kif kull *trailer* li jinħareġ kellu jitwaqqaf u jiġu reġistrati d-dettalji tax-xufier tiegħu. Kien biss fir-rigward tat-***trailer* mgħobbi bil-*container*** in kwistjoni w fir-rigward tal-*refrigerated van* l-abjad li **dettalji tagħhom ma ttieħdux**!

V. Rapporti tas-*Scene of Crim*e *Officers* u Dwar Impronti Diġitali: L-impronta ta' Malcolm Zammit

**Christianne Borg**, deputat reġistratur, esibit numru ta' dokumenti li kienu jinsabu esibiti fil-proċediment **Il-Pulizija vs Patrick Pace** (Kump. Nru.906/15).[140] Kif jidher mis-silta tal-Ktieb tal-Esibiti, dawn l-esibiti ngħataw

[140] Fol.756.

l-**Exhibit Number KA105/18**.[141] Fost id-dokumenti esibiti hemm numru ta' *lifters* esibiti minn PS659 Jeffrey Hughes.

**PC650 Justin Tabone, PC1362 Niolan Schembri u PS659 Jeffrey Hughes**, lkoll *scene of crime officers*, ippreżentaw kopja tar-rapport konġuntiv tagħhom.[142] Justin Tabone beda biex spjega li l-ewwel li marru kien fil-MF fejn saru tfittxijiet għall-impronti diġitali. PC1362 kien inkarigat mit-teħid tar-ritratti matul il-proċess u cioe` tal-*container*, ftuħ tas-siġilli u tal-kontenut fejn instabu ħames *pellets* ta' knaten tal-ġebel imdawrin bl-*shrink wrapping/plastic*. Ma kienx hemm impronti fuq il-*container* iżda l-*wrapping* ġie elevat kollu flimkien ma biċċiet ta' *tape* u ħbula li kienu fil-*container* fejn gew eżaminati f'dettal.

Tabone jsemmi wkoll kif saru eżamijiet fuq vetturi fosthom Mazda Bongo u Isuzu Gemini relatati mal-każ, fejn mill-Mazda ġew elevati **ħdax il-kaxxa *master cases* ta' <u>sigaretti</u>**. Dan kien fit-3 ta' Settembru, 2015.[143] Il-*lifters* relattivi mal-impronti ġew esibiti fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et.**[144]

Ritratti tal-impronti żviluppati li magħhom ġew mqabbla l-impronti tal-imputati jinsabu f'parti mir-relazzjoni **Dok.JH1** esibita a fol.467A fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et;** fil-faxxikolu mmarkat **Dok.15 BSQ C-F.**[145] Wara inkarigu appożitu, fis-26 ta' Marzu, 2019, Joseph Mallia rtira dan il-faxxikolu kontenenti dawn il-*lifters* u ritratti mill-atti ta' dak il-proċess.[146]

In kontro-eżami Hughes ġie muri r-relazzjoni tiegħu[147] li saret konġuntivament ma PC650 u PC1362, u ġiet esibita fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**[148] (vide verbal tas-17 ta' Frar, 2017[149]). PC1362 kien inkarigat minn xogħol ta' fotografija filwaqt li hu kien inkarigat jiġbed impronti bil-kimika assistit minn PC650. Kull impronta li nstabet ġiet fotografata *"Kollha hadnilhom ritratt"*.[150] Hu daħal f'dettal dwar il-proċedura li intużat u x-xjenza wara l-elevar t'impronti.[151] Il-kimika li intużat fuq il-*plastic* li bih kienu mdawwrin il-*pallets* hi dik tas-*super glue fuming*. Meta wżat dan jifforma *crust* mal-għaraq tal-impronta li tkun ġiet *revived*. Wara tintuża *wet dye* li timmarka biss fejn ikunu ġew żviluppati

---

141 Vide Elenku tad-dokumenti esibiti **Dok. CB** a fol.761-763

142 Vide Rapport **Dok.JH1**. Esibit fl-oriġinal tiegħu a fol.467A fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**

143 Fol.402

144 Fol.403. Vide fol.94-95 ta' **Dok.JH1** fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**

145 Fol.13-95 tar-rapport **Dok. JH1**

146 Vide envelop fl-envelop a fol.467A fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**

147 Fol.918

148 L-oriġinal esibit fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** a fol. 467A

149 Fol.400

150 Fol.919-920

151 Fol.921-924

impronti fil-*fuming*. Ma kienx possibbli jiġi determinat fuq liema naħa tal-plastic instabet l-impronta.[152]

**Joseph Mallia** nħatar biex wara li jieħu l-impronti diġitali w palmari tal-imputati[153], jagħmel *comparative analysis* mal-esibit KA105/18. Fix-xhieda tiegħu filwaqt li ppreżenta r-rapport tiegħu[154], spjega kif għamel eżami komparattiv bejn l-impronti tal-imputati w *lifters* elevati mill-pulizija.[155] **Instabet impronta fuq biċċa mill-*plastic* elevata mis-*scene of crime officers* li qablet ma' parti mill-pala tal-id il-leminija ta' Malcolm Zammit**.[156] Mir-rapport tiegħu r-ritratt tal-impronta li rriżulta *a positive match* kien dak dokumentat mis-*Scene of Crime Officers* bħala **15 BSQ-C-SG8.[157]** In kontro-eżami jispeċifika li għalkemm impronta ta' *palm print* tinħtieġ 16 il-punt ko-ordinati flimkien fil-każ tal-impronta li analizza minn fuq ritratt ta' impronta li ttieħed mis-*scene of crime officers* u li ġiet mqabbla pożittivament ma dik tal-imputat Malcolm Zammit, din kellha bejn <u>49-50 il-punt</u>.

Għalhekk altru li ġiet mqabbla pożittivament mal-impronti diġitali tal-imputat Malcolm Zammit!

Jispjega kif sakemm ir-ritratt tal-impronta jkun tajjeb m'hemmx diffikultà li jaħdem fuqu u jiġi ċċekkjat mal-impronta li huwa l-istess impronta.[158] Peress li *shrink wrapping* m'għandux *porous surface*, print fuq il-*plastic* idum aktar milli fuq karta.[159]Jekk il-*plastic* bl-impronta jkun tħalla f'*container* magħluq dik l-impronta tibqa' hemm.[160] Dan juri li l-wiċċ minn fejn tkun ittieħdet l-impronta għandha *bearing* fuq jekk dik l-istess impronta hix tajba għall-*comparative analysis*.[161]

Dak li jikkonċerna dan il-każ hu r-ritratt tal-impronta żviluppata mmarkat bħala **15 BSQ C-SG-8**.[162] Kien ma din l-impronta li nstabet fuq il-*plastic* tal-*pallett* innumerat bħala numru 3,[163]li magħha **qabblet pożittivament l-marka tal-pala tal-id il-leminija tal-imputat Malcolm Zammit**.[164]

---

[152] Fol.930-932
[153] Dan sar fil-25 ta' Marzu, 2019; vide fol.767
[154] **Dok.JM** a fol.776 et seq
[155] Fol.773
[156] Fol.774
[157] Fol.833
[158] Fol.895-896
[159] Fol.898
[160] Fol.899
[161] Fol.902
[162] **Dok.JH1** a fol.53 u 70
[163] Fol.10, **Dok.JH1**
[164] Fol.833 tar-relazzjoni **Dok.JM**

VI. Xiehda in Difesa: *Warehouse Operators* u *Freight Fowarders*

**Conrad D'Anastasi**, *warehouse manager* fil-*Container* Groupage Complex ta' Hal Far, entita` tal-Gvern, spjega li din tintuża minn madwar 36 kumpanija fosthom dik ta' John Ripard li tokkupa *warehouse* sħiħa. F'dik il-*warehouse* l-burdnara jwasslu *container*s mill-MF li jkunu ta' *multiple clients*.[165] Kull kumpanija jkollha l-burdnara tagħha li jorganizzaw ix-xogħol, iniżżluh mill-*container*, jagħlquh fuq *pallets* biex ma jaqax *b'pallet wrap.* Dan il-*pallet wrap* hu b'xejn u jintuża minn kulħadd skond il-ħtieġa.[166] Malcolm Zammit jirrappreżenta klijenti li jkollhom xogħol magħhom, jiġbor xogħol minn għandhom.[167] Il-*pallet wrap* li ma jintużax jitqiegħed lura f'postu biex jintuża minn ħaddieħor.[168] Dan il-*wrap* hu 1m x 1m u muri r-ritratti tal-ġebel fl-*shrink wrapping* jikkalkula li ntuża man-nofs roll. Importanti ħafna s-segwenti dikjarazzjoni li jagħmel fuq domanda tal-prosekuzzjoni in kontro-eżami: il-*wrapping* li jkun intuża, l-użat, **ma jinsabx lura** sakemm ma jkunx saret xi *claim*.[169]

**David Abela**, *Managing Director* tal-kumpanija *Trailer* Operator, għaraf lil Malcolm Zammit bħala burdnar li kienu jużaw is-servizzi tiegħu biex jikkonsenja merkanzija.[170] Ix-*shrink wrapping* jintuża kostantament u jitħalla għall-użu tal-burdnara u tal-klijent. Wara li jitniehed ammont kemm hemm bżonn, il-roll jibqa' għandhom sakemm **ma jieħdux miegħu il-burdnar/klijent** għax ikollu bżonnu. Jikkonferma li dan ir-*wrapping* ikun anke għand il-**burdnara li jkun fuqhom u jintuża għal bżonn.**

**Kevin Attard,** direttur ta' kumpanija fil-*freight fowarding*, ukoll għaraf lill-imputat Malcolm Zammit bħala burdnar li jiġbor xogħol mingħandu. Ix-*shrink wrapping* hu għodda tal-mestier għaliex xogħol jitgħabba bil-*lifters* fuq *pallets*. Dan jitħalla fuq xkaffa għal bżonn kemm tal-burdnar kif ukoll tal-*loaders* li wkoll jużawh.[171] Normalment ir-roll jibqa' għandhom għalkemm kien hemm okkażjonijiet fejn il-**burdnar jibqa' sejjer bih**.

Tajjeb jiġi sottolinejat mill-ewwel li ma tressqet l-ebda prova sal-grad mistenni mid-difiża li ix-*shrink wrapping* li nstabu mgeżwrin bih il-*pallets* ittieħdu mingħand xi wieħed minn dawn il-persuni jew minn xi *warehouse* tagħhom.

[165] Fol.956
[166] Fol.957
[167] Fol.958
[168] Fol.959
[169] Fol.961
[170] Fol.981
[171] Fol.986

Lanqas ma ngħabret xi ombra ta' prova li dak l-**istess** ***wrapping*** kien min xi *roll* li **preċedentement kien f'idejn l-imputat Malcolm Zammit, jew li kien intuża minnu.** Materjal li ftit li xejn jista' jintuża aktar minn darba u partikularment tenut kont kif kienu mgeżwra fih il-knaten tal-ġebel kif anke jidher mix-xiehda ta' Hughes li spjega il-metodu metikoluża u li ħa ħafna żmien biex dan jitneħħa u jiżżarma minn fuq dawk il-knaten.

Ikkunsidrat,

## VII. Provi Saljenti

Imiss issa li jiġu ikkunsidrati l-provi li jirriżultaw fil-konfront tal-imputati firrigward tal-imputazzjonijiet lilhom addebitati.

Tenut kont li dan il-proċess, flimkien mal-proċess li mexa miegħu, **Il-Pulizija vs Roderick Borg et,** jittratta l-operazzjoni sħiħa li permezz tagħha insteraq mill-MF *container* mgħobbi sigaretti, il-Qorti qed tikkunsidra l-provi miġjuba b'mod olistiku biex wara tiffoka fuq l-rwol tal-imputati odjerni Malcolm Zammit u Christopher Calleja.

Wara kollox kull wieħed mill-imputati u ko-imputati servew ta' ħolqa f'katina li permezz tagħha insteraq il-*container* mill-Freeport u għalhekk hu opportun li tingħata l-stampa intjiera tal-għemil ta' kull wieħed mill-malviventi fil-jum tas-7 t'Awissu, 2015. Fil-verità l-għemil ta' kull wieħed minnhom, *inter alia*, talimputati, huwa prova ċirkostanzjali li torbot lill-istess imputati mar-reati lilhom addebitati:

i. Fis-7 t'Awissu, 2015, inħareġ *container* li kien jirrizulta mimli bilmerkanzija - tant li kien għadu bis-siġilli fuqu - minn *Lane* 3 li minnha joħorġu *container*s vojta minflok minn *Lane* 4 minn fejn joħroġ il-mimli.

ii. L-awtoritajiet tal-MF ma kienux għadhom intebħu b'dak li seħħ u kien biss fuq informazzjoni li waslitilhom jiem wara li nbdew linvestigazzjonijiet li wasslu sabiex jiġi magħruf li kien fis-7 t'Awissu, 2015 meta seħħet is-serqa kif rappurtat.

iii. Sakemm kien għadu l-Freeport, il-*container* kien siġillat kif juru r-ritratti meħuda mill-uffiċjal tad-Dwana,[172] peress li kien intiż għall *transhipment*.

[172] **Dok.GS** u **Dok.GS1** a fol. 862-863

*Containers* għal *transhipments* ma jinħarġux mill-MF. Jikkonferma dan Mauro D'Anastasi għal Pantheon Ship Supplies Limited, il-*consignee* kif tixhed il-*bill of lading* minnu prezentata bil-ġurament.[173]

Wayne Xuereb ukoll jispjega li l-*container* wasal Malta fl-24 ta' Lulju, 2015 u l-*consignee* kien Pantheon Ships Supplies. Għalkemm kien jidher għal Malta, fuqu kien hemm nota li kien *in transit* u dan ġie konfermat mill-*consignee* li anke jkompli li minħabba li dak il-*container* ma kienx ser joħroġ mill-MF lanqas *gate pass*es ma kellu bżonn. Għalhekk saru arranġamenti sabiex jintbagħat għall-*export* iżda ma setgħax jagħmlu dan għaliex ma kienx għad hemm *release* fuq l-*import log* peress li l-*consignee* ma kellux l-oriġinal *Bill of Lading*. **[174]**

iv. Dan il-*container* kien siġillat sakemm kien il-Freeport kif juru r-ritratti meħuda mill-uffiċjal tad-Dwana.[175]

v. Mill-atti ma jirriżultax meta ttieħdu l-ewwel set ta' ritratti mill-uffiċjali tad-Dwana, għalkemm hu ovvju li dan sar wara li l-*container* daħal il-MF fil-24 ta'Lulju, 2015. It-tieni sett jirrizulta li ttieħdu fid-19 ta' Awissu, 2015; l-istess jum li fih anke sar *scan* tal-*container* u dan seħħ appena li l-awtoritajiet ġew informati bil-każ li kien seħħ fis-7 ta' Awissu, 2015.[176]

vi. Dr. Borg Myatt xehed kif f'dan il-każ il-*container* kien dikjarat għal t*ranshipment* li jfisser li qatt ma kellu joħroġ mill-MF. [177] Qatt ma setgħet għalhekk tingħata ordni lil ko-imputat Roderick Borg biex dak il-*container* jitgħabba fuq xi *trailer*!

vii. L-*invoices* u *bill of lading* li esebixxa Mauro D'Anastasi turi l-valur tas-sigaretti tat-tip Business Royal bħala dak ta' **US$120, 750**. [178] Altru` għalhekk li ġie ppruvat il-valur tas-sigaretti.

viii. Tenut kont li ġiet esibita l-*bill of lading* **oriġinali**,[179] m'hemmx dubbju li ġie ppruvat soddisfaċentement il-**kontenut tal-merkanzija fil-*container***

---

[173] Oriġinal mmarkat bħala **Dok.MA3** u esibit a fol.467 fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**. Kopja ta' liema ġiet esibita f'dawn l-atti bħala **Dok.MA3** a fol.406

[174] Fol.374. Oriġinal mmarkat bħala **Dok.MA3** u esibit a fol.467 fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**. Kopja ta' liema ġiet esibita f'dawn l-atti bħala **Dok.MA3** a fol.406

[175] **Dok.GS u Dok.GS1** a fol.850-851

[176] **Dok.GS2** u **Dok.GS3** a fol. 864 u 865

[177] Fol.157

[178] Fol.405

[179] Oriġinal mmarkat bħala **Dok.MA3** u esibit a fol.467 fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**. Kopja ta' liema ġiet esibita f'dawn l-atti bħala **Dok.MA3** a fol.406

in kwistjoni dak CAXU913932 (545G1).[180] Il-valur probatorju ta' polza ta' karigu tiġi kunsidrata aktar il-quddiem.

ix. Wayne Xuereb mill-Grupp ta' Thomas Smith, semma kif il-*container* wasal Malta fl-24 ta' Lulju, 2015. Kienu huma li għaddew il-*manifest* tiegħu lid-dwana.

x. Fuq il-*manifest* kien hemm miktub *"one zero five zero (1050) cases of class folder cigarettes u jidher li kien hemm figura ta' 100,000 cigarettes".*[181] **L-istess numru ta' kaxxi u valuri li nħaddmu l-kalkoli fuqhom tal-ammonti dovuti bħala Dazju tas-Sisa, Dazju ta' Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT).**

xi. Konsegwentement s-sottomissjoni tal-abbli difiża li ma nġabitx prova ta' dak li kien fih il-*container,* lil min kien jappartjeni kif ukoll li d-dwana ħadmet il-kalkoli tagħha dwar ħlas dovut lill-Erarju limitatament fuq informazzjoni mibgħuta lilha mill-OLAF, ma ssibx komfort fil-provi.

Għall-kuntrarju jirrizulta li dawn inħaddmu fuq dokumentazzjoni li ntbagħtet lilha minn Thomas Smith li kienet tikkonsisti anke mill-*cargo manifest* u l-i*nvoice* relattiva.

xii. Xuereb jixhed li l-valur tal-*container* per se kien ta' US$3,500.[182] Sal-jum li xehed il-kumpanija ma kienitx għadha ħadet il-*container* lura.[183]

xiii. Altru għalhekk li ġie pruvat li l-valur tar-*res furtiva,* kemm in kwantu għal-*container*[184] kif ukoll għas-sigaretti, kien wieħed li jeċċedi l-€232.93c u l-ammont ta' €2,329.37 kontemplat bl-artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali, kontemplat bl-artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali ċirkostanza li taggrava ir-reat ta' serq.

xiv. Jirrizulta li l-*container* kien infetaħ minn kif kien siġillat oriġinarjament. Filwaqt li dak il-*container* meta kien għadu fil-MF kien siġillat b'siġill blu fil-*latch* li jmiss mal-art, meta reġa' ġie eżaminat jiem wara li seħħ il-ħruġ tiegħu mill-MF instab li kellu siġill differenti, isfar u mwaħħal aktar il-fuq ma *latch* aktar għolja.

[180] Fol.401
[181] Fol.374
[182] **Dok.WX1** a fol.378-379. *True Copy* fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** a fol.438-439
[183] Fol.377
[184] USD3,500 f'Awissu 2015 kienu ekwivalenti għal €3,191.3. Ir-rata tad-dollaru għas-7 t'Awissu kienet ta' €0.9118.
https://www.exchangerates.org.uk/USD-EUR-spot-exchange-rates-history-2015.html

xv. Mill-filmati deher ċar li l-*container* inħareġ mill-*Lane* 3 – *lane* li suppost joħroġ il-vojt minnha biss **– mingħajr ma ġie verifikat li kien vojt minn Christopher Calleja** u mill-uffiċjal tad-Dwana, il-ko-imputat Sebastian Zammit, l-uffiċjali addetti mal-MF u Dwana rispettivament li kienu l-uniċi bl-inkarigu li jħarsu l-interessi tal-Erarju billi jassiguraw li jsiru d-debiti verifiki minnhom qabel ma container jitħalla joħroġ mill-MF.

L-istess Calleja li mhux biss talab li jitbiddilu xogħolu dakinhar iżda saħansitra **għażel** x'xogħol ried jagħmel billi talab imur mal-*Gate*!

xvi. Fil-filmat jidher biċ-ċar li l-*container* **ma nfetaħx** minkejja li ħareġ mill-*Lane* 3 minflok mill-*Lane* 4, intiża għal-containers mimlija!

xvii. **Dan jirrizulta mill-filmat mmarkat 360 CUSTOMS**[185] **meta l-*speed* tiegħu jiġi mnaqqas biex tinkiseb viżwali fejn il-bibien tal-*container* suspettuż ma jinfetħux. Dawn huma bibien ta' *container* tal-erbgħin (40 *feet)* li kieku tbexxqu wkoll kienu jidhru fil-filmat imsemmi peress li l-bibien tal-*container* huma kbar u għoljin tiegħu jidhru sew. Min dak il-filmat il-bieba tal-*container* ma tidhirx tinfetaħ!!**

xviii. Dak il-*container* tgħabba għall-fuq it-*trailer* tal-**burdnar Malcolm Zammit** minn Roderick Borg u dan meta ma kellu ebda istruzzjoni biex jagħmel dan.

xix. Meta reġa' ddaħħal lura il-MF, kien l-istess Calleja li kellu jivverifika l-kontenut tiegħu. Jidher mill-filmat li l-*container* infetaħ minnu w tenut kont li jiem wara nstab bil-knaten tal-ġebel, jirrizulta ampjament li Calleja naqas milli jivverifika l-kontenut tiegħu kif dovut.

xx. Stephen Calleja jiddikjara li kull burdnar jinħtieġ *pass* biex jidħol il-MF li jiġi preżentat fis-*security gate* u jiġi *logged* fis-sistema. Din is-sistema wriet li Malcolm Zammit, burdnar, daħal u ħareġ mill-MF meta fil-fatt Kien reġa' daħal fil-MF għall-ħabta tal-14:30 meta irritorna bil-*container*.[186]

xxi. Kif anke jixhdu l-ewwel ftit minuti tal-filmati, Hein Chetcuti jixhed li s-sistema wriet li t-*trailer* li fuqu nħareġ il-*container* in kwistjoni kien dak bin-numru EHQ 103 li daħal il-MF regolarment. Dan kellu jħott *container* ieħor illi kien mgħobbi bih u waqaf f'din il-*gate* fejn issir it-transazzjoni, tah il-karti normali u nbdiet il-proċedura biex dak il-*container* jinħatt fit-terminal.[187]

[185] AVI: [8.1]2015-10-22_22-01-57(1)
[186] Fol.34
[187] Fol.185-186

xxii. Ikompli li l-burdnar, ġaladarba ma kellux xogħol ieħor, kellu joħroġ il-barra mill-MF. Gara iżda li Zammit **baqa' fit-terminal** fejn wara li ltaqa ma vann abjad u *reach stacker* operat mill-ko-imputat Roderick Borg, li wara li għabbielu l-*container*, ħareġ mill-Freeport.

xxiii. Chetcuti jispjega kif suppost l-uffiċjal tas-sigurtà kellu l-obbligu jipproċedi fuq wara tal-*container* biex jinfetaħ u jiġi spezzjonat biex jiġi aċċertat li l-*container* ma hemm xejn go fih biex ikun jista' joħroġ bħala vojt. *"U s-security umbghad jimla', gieli jimla' xi dettalji fuq il-karta illi jkun hemm il-hin fi x'hin ħareġ it-trakk. Umbghad jinghalaq il-container u tiġi skenjata l-card tal-burdnar li jkun qed isuq it-trakk, umbghad ikun jista' joħroġ il-container il-vojt....* ***f'dan il-każ partikolari, il-container kif ghidna pproceda fuq il-lane tal-vojt. Il-container ma nfetahx. ..... Mis-CCTV irrizulta li ma nfetahx.*** *..... Fil-fatt* ***id-dħul tiegħu wkoll huwa daqxejn anomalu għaliex avvicina l-gate taghna, kien jidher ix-xufier jiddiskuti xi haġa mal-membru tas-sigurtà' li kien hemm fil-gate dak il-hin u minn hemm l'hemm la ġiet skenjata card, la fid-dħul u lanqas fil-ħruġ ta' dan ix-xufier tat-trakk****."*.[188]

xxiv. Riċerka tal-assi ppreżentata dwar l-imputat Malcolm Zammit tindika li dan hu impjegat ma ċertu George Zammit[189] b'indirizz li fuqha hi reġistrata l-vettura tiegħu jkun l-istess bħal dak li fuqu kien reġistrat it-*truck* l-abjad li deher dieħel u żamm wara l-*container* cioe` Triq il-Ħelsien, Qormi.[190] L-istess indirizz li fuqu saret l-applikazzjoni għall-assikurazzjoni.[191]

xxv. Fil-każ tax-xufier tat-*truck/refrigerated van* **ma sar xejn** minn dawn il-proċeduri ta' sigurtà la fid-dħul u lanqas fil-ħruġ tiegħu.[192] Irriżulta li dan il-van **jappartjeni lill-burdnara Zammit, l-istess bħat-*trailer* li permezz tiegħu nħareġ il-*container*.**

xxvi. Mill-filmati deher li ma saru l-ebda verifiki skond kif stipulat għaliex il-*container* għadda mingħajr ma ġie verifikat minn ħadd, bit-*truck* wieqaf eżatt, għalkemm mhux marsus eżatt miegħu, wara l-*container*.[193]

---

[188] Fol.188-189
[189] Fol.86
[190] Fol.85
[191] Fol.57-58 ta' **Dok. CA2** a fol. 705A
[192] Fol.154
[193] Fol.155-156

xxvii. Kien l-istess ko-imputat Roderick Borg li reġa' inkariga ruħu li jpoġġi l-*container* fil-post li minnu kien ittieħed oriġinarjament, u għal darb'oħra mingħajr ma kien ingħata xi struzzjonijiet simili biex jagħmel dan.

A. Fil-konfront ta' Malcolm Zammit

i. Malcolm Zammit kien essenzjali biex il-*container* mgħobbi bis-sigaretti nħareġ mill-Malta Freeport u konsegwentement timmaterjalizza s-serqa tal-istess. Intwera kif Zammit kien qed isuq it-*trailer* li fuqu tgħabba l-*container*; *container* li kien hu li ħarġu l-barra mill-Freeport mingħajr ma għadda minn proċeduri ta' sigurtà w verifika, mingħajr ma kellu xi xogħol konness mal-imsemmi *container*.

ii. Malcolm Zammit ġie identifikat minn uffiċjali tal-Malta Freeport wara li deher minn filmati iddaħħal regolarment it-*trailer*, iżda li sussegwentement inħareġ u reġa' iddaħħal minnu mingħajr ma sarulu d-debiti verifiki minn naħa ta' Christopher Calleja. Fil-ħruġ tiegħu, l-uffiċjal tad-Dwana Sebastian Zammit għalkemm suppost serva ta' xhud għal Calleja, ma wettaqx id-doveri minn tiegħu biex jivverifika li l-*container* kien tassew vojt.

iii. PS90 Jeffrey Gerada spjega kif għamel tfittxija għand l-imputat Malcolm Zammit u talbu għall-flokk partikolari li kien deher fil-filmati. Dan għaddihulu minn jeddu.[194] Staqsih ukoll għall-*trailer* abjad u qallu li għandu wieħed fil-*parking* tal-Airport f' Ħal-Luqa. Mill-filmat fil-MF dan it-*trailer* deher b'numru **91** fuq id-*dashboard* u numru ta' reġistrazzjoni EHQ 103.[195] Meta sabu dan it-*trailer* ***"bl-istess number kellu 91 fuqu"***[196] w n-numru kien EHQ103.[197]

iv. It-*truck/refrigerated van* l-abjad li jidher jiltaqa' mat-*trailer* bil-*container* u jsuq warajh f'distanza ravviċinata rriżulta li jappartjeni lid-ditta tal-burdnara Zammit, id-ditta tal-familja tal-imputat Zammit.[198]

v. Pierre Delicata jixhed li meta ġie muri l-filmati mis-*cctv* nnota li meta l-*container* daħal fuq *lane* 3 il-burdnar Malcolm Zammit ma għadda l-ebda inkartament lill-uffiċjal tal-Freeport kif kien dovut jagħmel.[199] L-istess

[194] Fol.693. Fol.680 tal-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**
[195] Vide **Dok. JG2** a fol.681 tal-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**
[196] **Dok.JG3** a fol.682-685 tal-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**
[197] Fol.694
[198] Vide xhieda ta' Duncan Borg Myatt u tal-Ispettur Rennie Stivala
[199] Fol.52-53

osservazzjonijiet jagħmilhom **Hein Chetcuti** li wkoll għaraf lill-imputat Zammit bħala l-burdnar li l-ħruġ tal-*container* misjuq minnu tant ġie aġevolat u ffaċilitat mill-imputat Calleja!

vi. Delicata spjega wkoll li fejn kull *container*/vettura kellha tiġi reġistrata fid-dħul w l-ħruġ tagħha, fil-każ tal-*container* li għadda minn *lane* 3 ***"Ma kienx imnizzel imkien no, no no…No No xejn xejn".***[200] Innota wkoll li l-*container* kien għadu bis-siġilli meta dan suppost kellu jkun miftuħ għall-verifiki. [201] Sebastian Zammit naqas milli jivverifika l-kontenut tal-*container* kif ukoll naqas milli jirreġistra l-ħruġ tiegħu fl-inkartament appożitu**.**

vii. Il-flokk ġie esibit bħala **Dok. JG1.**[202] Mill-filmati jidher ċar li l-burdnar li jidher isuq it-*trailer* li fuqu tgħabba l-*container* li daħal, ħareġ u reġa' daħal il-MF, kien liebes flokk identiku għal dak li ġie esibit bħala dak li għadda l-imputat Zammit lil PC90 Gerada.[203]

viii. Hi l-**impronta ta' Malcolm Zammit li nstabet fuq *shrink wrapping* li kienu imdawrin bih il-*pallets* mgħobbija bi knaten tal-ġebel.** Ix-xhieda in difeża jsemmu li dak ir-*wrapping* hu għodda tal-burdnar li normalment jinżamm fuqu. Madanakollu baqgħet ma nġabret ebda prova li Zammit kellu xi kuntatt max-*shrink wrapping* partikolari li nstab imgeżwer mal-knaten.

Bid-dovut rispett dan mhux il-mod kif jinġiebu l-provi u cioe billi issir allegazzjoni. Hu minnu li kien juża ħafna *shrink wrapaing* iżda baqa ma ġiex pruvat li dak li nstabu mgeżwrin fih il-ġebel kien parti minn roll li fi żmien, kien meta seta' kien, kellu kuntatt miegħu Malcolm Zamit. Allegazzjonijiet u ipoteżijiet ma jgħoddu għall-ebda parti. Għandhom jinġiebu provi, dejjem sal-grad rikjest mill-partijiet diversi, li jissostanzjaw dik l-allegazzjoni jew teorija!

Hu fatt li ma tressqet l-ebda prova, imqar sal-grad tal-probabbli, li x-*shrink wrapping* li nstabu mgeżwrin bih il-*pellets* ittieħdu mingħand dawn il-persuni jew minn xi *warehouse* tagħhom. **Lanqas biss ma nġabret farka**

---

[200] Fol.54
[201] Fol.60
[202] Dan jinsab esibit a fol. 680 tal-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et.**
[203] Il-burdnar Zammit jidher liebes flokk blu bl-abjad minn quddiem, blu fuq wara b'disinn partikolari [12:19-12:20]. 12:46 jerga' jidher Zammit liebes identiku għal dak li ġie esibit bħala **Dok.JG1**. Angolu ieħor hu dak li jirrizulta mill-filmat 00:48-00:52:52 fejn fil-ħin 00:50:19-50: jidher ċar il-flokk tax-xufier tat-*trailer* bħala identiku għal dak esibit in atti **Dok.JG1.**

**ta' prova li dak l-istess *wrapping* kien min xi *roll* li preċedentement kien f'idejn l-imputat Malcolm Zammit, jew li kien intuża minnu.**

ix. Daqstant ieħor ma tressqet l-ebda prova li f'xi ħin fil-jum in kwistjoni, il-trailer u l-conatiner ma baqawx il-ħin kollu **fil-<u>pussess u l-kontroll</u> tat-*trailer* tiegħu.** *Trailer* numru EHQ 103 li deher bl-istess numru 91 fuq id-*dashboard* meta l-pulizija ttieħdu minn Zammit stess biex jiġbru t-*trailer*.

x. Għalhekk ġie ampjament ippruvat li **kien Zammit li ħareġ il-*container* mil-MF mgħobbi sigaretti u sagħtejn wara reġa' daħħal il-*container* zvujtat minn sigaretti iżda mgħobbi bi knaten tal-ġebel;** knaten tal-ġebel li kienu mgeżwra bi *shrink wrapping* li fuqha nstabet **l-impronta tiegħu!**

B. <u>Fil-Konfront ta' Christopher Calleja</u>

i. L-uffiċjali tal-Malta Freeport lkoll **identifikaw** lill-imputat Christopher Calleja bħala s-*security* li naqas mid-doveri tiegħu fir-rigward kemm tad-**dħul u ħruġ tal-*<u>vann/refrigerated truck</u>* l-abjad kif ukoll fil-ħruġ u dħul tal-*<u>container.</u>***

ii. Għal xejn anqas minn **erba' (4) darbiet** abdika mir-responsabiltà u dmirijiet tiegħu biex jiffaċilita s-serqa.

iii. **Clayton Fiteni,** Chief Security Officer mal-Malta Freeport Corporation, wara li eżamina l-filmati tal-Freeport jixhed li *container* vojt jgħaddi minn *Lane* 3: *"jinfetaħ **mill-uffiċjal tad-dwana fil-prezenza tas-security u jaraw li jkun vojt. ....U l-bieba ma nfethitx*** [204] ***....Il-burdnar irid jinżel jiftaħ il-container biex is-security jivverifika li huwa vojt flimkien fil-prezenza tad-Dwana. .... rajt illi l-container kien jidher li kien mimli, kien maghluq sigillat mill-footage u speci <u>ħareġ mill-entry</u>".*** [205] Issemmi kif ma ġietx segwita l-proċedura fil-każ ta' dan il-c*ontainer* u jkompli: *"Mill-filmat li rajt jiena għax <u>dana</u> **għadda minn Lane three (3) u heq mhux suppost jgħaddi minn hemm**. ... Ra l-container, jekk kien minn Lane three (3) jew four (4) **kellu jinfetaħ u jiġi <u>ċċekkjat</u>** <u>kif suppost, kif isir anke jekk kien vojt, meta</u> deher **isigillat.** Kien hemm, jidhru li kien hemm xi karti f'idu fil-filmat pero' kien hemm il-barrier mghollija <u>minn qabel</u> u baqa' ħiereġ dritt u anke ħareġ vann warajh."*. Ikompli li għalkemm l-uffiċjal deher b'xi karti f'idu, il-permess ma nstabx lanqas fis-sistema (LXE).[206]

---

[204] Fol.230-231

[205] Fol.235

[206] Fol.239

iv. Ma jridx jintesa li dan kien *container* tal-erbgħin (40 *feet*) b-bibien kbar u kbar sew, fejn kieku l-bieba mqar infetħet bi ftit (kif gara fid-dħul tiegħu meta Calleja taparsi ħa nota tal-kontenut tiegħu iżda ma rax il-knaten tal-ġebel fih!) din kienet ser tidher sew mill-filmat mmarkat **360 Customs.**[207] Għall-kuntrarju, dan il-filmat li juri kjarament il-parti ta' wara tal-*container* u senjatament il-bibien kbar u għoljin tal-*container*, juri li dawn baqgħu magħluqin. **Min dak il-filmat l-ebda bieba tal-*container* ma nfetħet sabiex Calleja setgħa' jagħmel xogħolu kif obbligat jagħmel!!**

**Dan meta, kif jixhdu r-ritratti Dok.RS2 a fol. 117-118, il-vann l-abjad hu anqas għoli mil-*container* mgħobbi fuq *trailer* tant li jħalli viżwali li minnha kien jidher kieku l-bieba tal-*container* infetħet.**

v. Issa f'parti mill-filmat maqbud minn Camera 12[208] u Camera 15[209], għal xi ħin jidher li kien hemm distanza suffiċjenti bejn iż-żewġ vetturi. Iżda meta ġie studjat il-*footage* rilevanti, irriżulta li dak il-filmat kien ta' stadju ieħor u ċioè <u>fil-ħruġ</u> tat-*trailer* u l-van l-abjad tant li kienu qed <u>jinstaqu l-barra</u> mill-Gate tal-Freeport u mhux meta kienu it-tnejn **stazzjonarji** ħdejn il-kamra tad-Dwana li jinqabad perfettament minn Camera 360 Customs.

vi. *Close-up* tal-filmat fuq Camera 360 Customs **taha l-prova neċessarja w kruċjali** biex iddeterminat li l-bieba tal-*container* ma nfetħitx. Għalhekk fejn kienu weqfin il-vetturi (viċin il-kamra tad-Dwana) jiġi qabel il-*Gate* tal-ħruġ mill-Freeport li kien propju f'dak il-ħin li nstaqu f' distanza adegwata bejniethom. Dan propju għaliex f'dak il-mument ma kienx hemm aktar riskji u bżonn aktar li l-*container* jiġi impedut milli jinfetħulu l-bibien, għaliex dak l-istadju kien ġie sorvolat b'suċċess; il-bibien tal-*container* qatt ma nfetħu biex jippermettu li l-*container* jiġi eżaminat mill-uffiċjal tal-Freeport Calleja u mill-ko-imputat Sebastian Zammit, l-uffiċjal tad-Dwana.

vii. Meta ż-żewġ vetturi huma weqfin għall-dik li suppost kienet waqfa sabiex jiġu spezzjonati, u cioe` meta dawn kienu it-tnejn **stazzjonarji** ħdejn il-kamra tad-Dwana (fejn jinqabdu bil-*camera* 360 CUSTOMS[210]), id-distanza turihom **marsusin flimkien**, fejn hu ċertament **impossibbli li f'dik il-pożizzjoni l-bibien setgħu jinfetħu biex ssir spezzjoni minħabba tal-qrubija tal-van l-abjad mat-*trailer*.**

---

[207] **Dok.MB2** a fol.230 tar-rapport **Dok.MAE**
[208] Kif jirrizulta mill-kumplament tal-filmati
[208] AVI: [8.3]
[209] [8.4]
[210] AVI: [8.1]2015-10-22_22-01-57(1).

viii. Iżda ma deher l-ebda moviment ta' ftuħ tal-bieba. Anzi tant kemm il-vann l-abjad issikka mat-*trailer* li, fil-fehma tal-Qorti, kien **impossibbli biex din tinfetaħ.**

Dan mhux biss għaliex il-*container* jidher mill-ġenb (fejn wara l-bibien tiegħu jidhru xi persuni), iżda propju għaliex is-saqaf tal-vann l-abjad kien aktar baxx minn dak tal-*container* jinġarr fuq *trailer* u konsegwentement żgur kien ser iħalli viżwali tal-bieba ferm akbar u għola tal-*container* tinfetaħ.

Għaldaqstant hu il-*close-up* tal-filmat fuq **360 Customs** li jagħti **l-prova determinanti w kruċjali tal-fatt li l-bibien qatt ma nfetħu.**[211]

ix. Hein Chetcuti xehed kif il-*card* tax-xufier tar-*refrigerated van* l-abjad ukoll ma ġietx skanjata minn Calleja. Mela minn dan jintwera **irregolaritajiet fid-dħul u fi ħruġ anke tat-*truck/refrigerated van* l-abjad mhux tat-*trailer* bil-*container* biss:** *"Fil-fatt id-dhul tieghu ukoll huwa daqxejn anomalu għaliex javviċina l-gate taghna, kien jidher ix-xufier jiddiskuti xi haġa ma l-membru ta' sigurtà li kien hemm fil-gate dak il-ħin [Calleja] u minn hemm la ġiet skenjata l-card la fid-dħul u lanqas fil-ħruġ ta' dan ix-xufier tat-trakk"*.[212]

x. Ma kienx hemm *audit trail* tal-*container* in kwistjoni għalkemm kull pass, kull moviment ta' *container* fil-MF jiġi *logged* mill-uffiċjal ta' sigurtà li f'dan il-każ kien dejjem Christopher Calleja: *"Il-passes ta' dan il-container fid-dħul u l-ħruġ tiegħu ma nstabux"*.[213]

xi. Dan juri li ma nqabżitx merament xi proċedura waħdanija iżda addirittura bosta kienu il-miżuri li fil-każ tat-*trailer* bil-*container* u tal-vann l-abjad li ġew maqbuża. Bla dubbju dan juri li ma kien **żball xejn iżda operazzjoni orkestrata biex taġevola w tiffaċilita l-ħruġ mill-MF tal-*container***.

xii. Il-*container*, li kien **baqa' siġillat kif wrew ir-ritratti**[214] **esibiti mid-Dwana, qatt ma seta' jgħaddi minn *lane* 3 – *lane* intiża għall-vojt** – iżda minn *lane* 4 fejn jiġi *scanned* qabel ma jitħalla joħroġ mill-Freeport.

Ix-xhieda tal-uffiċjali tal-MF turi manifestament li kull uffiċjal tas-sigurtà` kien jaf l-rwol preċiż li kien fid-dover jiżvolġi, l-proċedura li

[211] AVI: [8.1]2015-10-22_22-01-57(1).
[212] Fol.190
[213] Per Clayton Fiteni a fol.205
[214] **Dok.GS u Dok.GS1** a fol.850-851

kellha tiġi segwita w kien jgħarraf jiddistingwi *lane* minn oħra skond jekk il-*container* hux vojt jew mimli w jieħu l-azzjoni meħtieġa fir-rigward.

xiii. Mill-filmati iżda jidher biċ-ċar li **Calleja għażel li jiskarta kull miżura ta' sigurtà` w jabbanduna d-dmirijiet tiegħu f'dak li kellu x'jaqsam mal-proċeduri li kien rikjest minnu li jieħu w isegwi**.

Hi x-xhieda ta' Hein Chetcuti li f'dettal elenkat pass wara pass il-proċeduri w miżuri ta' sigurtà li Calleja għażel li jinjora għal kollox in kwantu għal <u>żewġ inġenji</u> partikolari – il-vann l-abjad u t-*trailer* bil-*container* in kwistjoni. Chetcuti hu preċiż fix-xiehda tiegħu:

*"kien hemm container partikolari illi ħareġ minn fuq it-terminals taghna u l-passi kollha mehtiega ma kienux fis-sehh. Bil-passi mehtiega biex joħroġ container ovvjament hemm series, a series of steps, hemm passi li jridu jittiehdu. …. …Fir-rigward ta' dan il-container irrizulta li l-proċedura tal-ħruġ u kif ukoll tad-dhul ġiet kollha by-passed ….. Irrizultalna li f'din il-kamra ma kien hemm l-ebda transazzjoni marbuta mal-ħruġ ta' dan il-container. Jigifieri ġiet maqbuża kompletament …... meta joħroġ container mimli il-burdnar jieqaf fejn il-booth tad-Dwana fejn hemmhekk jiġu ccekkjati xi dokumenti relatati mad-Dwana ....Umbghad jidħol ukoll il-membru tas-sigurtà' li jagħti servizz lilna fejn jezamina d-dokumenti illi marbutin mat-terminal li awtorizzaw il-container illi joħroġ u jghamel ic-checking tas-seals tal-container. Is-sigilli li jkun hemm fuq wara tal-container. Jieħu nota tagħhom biex umbghad dak il-hin jew ftit iktar tard jirregistrahom fis-sistema taghna illi dak il-container mimli ħareġ b'dak is-sigilli. ........... Analizzajna pass, pass l-affarijiet kollha kif sehhew, stajna nivverifikaw illi dawn il-passi kollha li suppost saru ma sehhux fil-każ tal-ħruġ ta' dan il-container. .....Iccekkjajna t-transactions kollha fis-sistemi taghna. Iccekkjajna r-registri tas-security, iccekkjajna l-passes li suppost jintuzaw bħala dokumentazzjoni biex il-container ikun jista' joħroġ u rrizulta li ma kien hemm xejn minn dan. ......*

*Fid-dħul jidher ukoll car illi, l-booth tat-terminal fejn kont qed nispjega l-ewwel, il-burdnar suppost jieqaf biex jghamel initialisation tat-transazzjoni, biex jibda' transazzjoni, ...kompletament jidher li nqabzet. Il-burdnar ipproceda direttament lejn il-lane tad-dhul li hija lane one (1) li din hija gia mhux konformi mal-proċeduri li nadottaw issoltu.....Il-għaliex inti biex iddahhal container fit-terminal, qabel tmur fil-gate trid, fejn hemm is-sigurtà', trid tieqaf fil-booth tat-terminal u tibda t-transazzjoni. Ittih id-dokumentazzjoni illi l-agent iddikjara li ha jdahhal il-container, eccetera, eccetera. <u>Minn hemm tibda transazzjoni biex umbghad ikun jista', is-sistemi jiehdu over biex jipprocedu halli nghalqu dik it-transazzjoni.</u> Fil-każ tar-ritorn ta' dan il-container il-booth tat-terminal fejn hemm stazzjonat in-nies taghna, tqabzet kompletament u l-burdnar ipproceda, ipproceda bil-container direttament fejn hemm, fejn kien hemm il-membru tas-sigurtà'."*[215]

[215] Fol.191-193

xiv. Fid-dħul tat-*trailer* bl-istess *container* reġa' **"inzerta"** li bħala *security* kien hemm l-imputat Christopher Calleja li issa minn *Lane* 3 kien fuq *Lane* 1:*"Il-fatt illi l-container daħal mingħajr ma kien hemm il-proċedura kollha mdahhla, allura s-sistema taghna ma kienitx taf li kien dieħel dan il-container, l-ingenji li ssoltu jircievu struzzjoni fuq il-kompjuter tagħhom, ovvjament dan l-istruzzjoni ma setghu qatt jircievuha għax il-container qatt ma kien iddikjarat li dieħel. Pero' mill-filmat ukoll irrizulta illi l-istess ingenja li ghabbietu fuq it-trakk tal-burdnar, marret u hattitu fil-post fejn umbghad instab il-container u dan nista' nikkonferma mingħajr ma s-sistema bghatet l-ebda messaġġ u struzzjoni lil dik l-ingenja biex tghamel dik it-tip ta' xogħol."*[216]

xv. Dwar l-azzjoni żbrigattiva magħmulha minn Calleja fil-ħin li ddaħħal lura il-*container,* jingħad li l-Qorti kkonstatat kemm fil-fatt Calleja aġixxa **b'ħarba!** Deher biċ-ċar li Calleja **bilkemm laħaq resaq viċin il-bieba li ma reġax dahar lura.** Bil-mod kif tbexxqet il-bieba minn Calleja, il-viżwali setgħet kienet biss tar-<u>rokna tat-tarf ta' wara tal-*container*</u>! **Qatt ma seta' jiġi verifikat il-kontenut tiegħu bil-mod kif infetħet il-bieba; fuq dan il-Qorti għandha ċertezza assoluta!! Il-filmat in kwistjoni –** fil-hin tal-14:30 u 59:18 tal-filmat **- jneħħi kwalunkwe dubbji fir-rigward!**

xvi. Sinifikanti hu dak determinat mill-Qorti meta eżaminat il-filmati: Għal kuntrarju ta' dak li seħħ rigward it-*trailer/container* u l-*refrigerated van* suspettużi, Calleja <u>mexa interament mal-proċedura</u> kemm immedjatament qabel kif ukoll wara fir-rigward ta' ***trailers* u vetturi oħra.**

xvii. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti hu ferm ovvju għaliex Calleja **għażel li ma jaderixxi mal-proċeduri <u>unikament</u> fil-każ tal-van l-abjad u fil-każ tal-*container* in kwistjoni.**

xviii. Bħala difiża tiegħu Calleja jissottometti li kien b'kumbinazzjoni li hu kien fil-*Main Gate* dakinhar u dan għaliex tbiddillu postu minħabba li kien qed ibgħati mill-morliti.

M'hemmx dubbju li t-tabib Mazzola verament kellu vista mal-imputat Calleja nhar is-6 ta' Awissu, 2015 fejn ġie *diagnosed* bi problema tal-morliti u ġie rakkomandat jara *surgeon.*[217] Però <u>ma jirriżultax x'kien l-eżitu</u> ta' din ir-rakkomandazzjoni, jekk rahx speċjalista w kemm kienet tassew severa id-dijanjosi li sallum ma jirriżultax minn kien l-

[216] Fol.194
[217] Fol.952-953

speċjalista/kirurgu li suppost mar għandu Calleja fuq *referral* tat-tabib Mazzola!

Minn imkien ma jirrizulta kemm kienet gravi l-kundizzjoni ta' Calleja meta hu fatt magħruf li każijiet serji ta' attakk ta' morliti jwasslu sabiex persuni jiddaħħlu l-isptar jekk mhux isirilhom intervent kirurġiku. F'dan il-każ ma hemm l-ebda informazzjoni ulterjuri! Kull ma nafu hu li minkejja r-rakkomandazzjoni biex jara speċjalista xorta l-għada daħal ix-xogħol u għażel xogħol aktar ta' strapazz fejn meħtieġ joqgħod fuq saqajh il-ħin kollu meta attakk tal-morliti jirrikjedi mistrieħ u silġ mhux waqfien fis-sħanat t'Awissu!

xix. Ma jirriżultax sal-grad rikjest mill-imputat, li r-raġuni <u>għaliex</u> Calleja **talab** jagħmel xogħol fil-*gate* minflok *patrol* ġo vettura kienet tassew u esklussivament għaliex kien tant batut minħabba l-morliti. Kundizzjoni li mijiet ta' nies jgħixu biha w jissoktaw bil-ħidma tagħhom kwotidjana.

Li hu żgur hu, li min ikollu attakk tal-morliti mhux ser jagħżlu li jidħlu xogħol, jew li jibqgħu fuq saqajhom ġurnata u ma jitolbux li joħorġu fuq *sick leave*!

xx. Tassew il-Qorti tqisha ferm stramba li Calleja, li kien daqshekk ħażin li kellu jirrikorri St. James lejliet meta seħħet is-serqa, ma ħadiex *sick leave* l-għada. Lanqas ma hi raġunata w għandha mis-sewwa li kellu għalfejn jistenna sa 20 minuta wara li beda x-*shift* tiegħu biex talab imur fil-*Main Gate* la <u>kien jaf bil-problema li kellu mil-lejl ta' qabel</u>! Il-verita', fil-fehma tal-Qorti, hi li **stenna sakemm aċċerta ruħu li l-pedini kollha f'din l-operazzjoni kienu f'posthom**! Ma jagħmilx sens li ma rrejalizzax qabel li minħabba 'il-problema tal-morliti' ma kienx ser ikun f'pożizzjoni li joqgħod *patrol* l-għada. Il-Qorti temmen li għamel hekk ukoll <u>propju biex ma jagħtix ċans lil Chetcuti javża lis-superjur tiegħu, Clayton Fiteni, li ċertament kif jirrizulta mix-xhieda tiegħu ma kienx propens li jaċċetta tali bdil.</u>

Għalkemm hu magħruf li bosta huma persuni li jbatu minn din il-problema, hu daqstant ieħor magħruf li din il-kundizzjoni ma timpedihomx milli jkomplu bl-attivitajiet ta' kuljum. Il-filmati ma jagħtu l-ebda indikazzjoni li Calleja kien muġugħ tassew, tant li dan baqa' fil-*lane* jistenna l-wasla ta' vetturi. Fl-ebda ħin ma jidher f'xi diffikultà milli jkompli b'xogħolu, anzi hu ferm proattiv, tant li minflok joħroġ fil-*lane wara li jara li* l-vettura wasslet, għażel li joqgħod jistennihom jaslu u dan meta ma kienx hemm biża li xi vettura tevadi l-kontrolli – jekk mhux bl-

intervent tiegħu – ġaladarba l-barrier tkun mniżżla w b'hekk il-vettura bilfors tieqaf fil-*Gate*.

xxi. Fil-verità l-filmati juru lil Calleja aġili fuq saqajh, mingħajr diffikulta biex jagħmel xogħolu fejn fl-ebda ħin ma jidher aflitt minn xi uġigħ, skomfort jew tbatija. Min tassew ikun muġugħ bil-morliti mhux ser ikun qed iġib ruħu kif jidher tant ċar jaġixxi Calleja fejn qisu mhux hu tant li ma jserraħ ma mkien iżda jibqa' wieqaf jistenna l-wassla tat-trailer kif ġa ingħad.

xxii. Jibqa' l-fatt li baqa' **ma ġie pruvat bl-ebda mod, mqar remotament, li minkejja kellu problemi bil-morliti, dan ma kienx f'pożizzjoni li jaqdi dmiru *on patrol* kif hekk kien ordnat bil-*roster*** li skond l-HR tal-Malta Freeport Corporation Julian Sciberras.

xxiii. Irriżulta li r-*roster* kienet toħroġ sa mill-Erbgħa tal-ġimgħa ta' qabel. B'hekk ifisser li din kienet inħarġet sa mid-29 ta' Lulju, 2015.[218]

Dan ifisser li Calleja kien jaf li kien ser ikun *patrol* sa mid-29 ta' Lulju, 2015.[219] Sciberras esebixxa kopja tagħha[220]u minnha jidher li fix-*shift D* (1pm-9pm) is-*securities* Antoine Camilleri 33, Sandro Caruana 49 u Mario D'Amato 40 kienu mal-*Main Gate* w l-imputat Calleja 58 kien *Patrol.*

xxiv. Din it-teżi ta' Calleja, fejn jipprova jagħti l-impressjoni li ma kienx jaf li kien ser ikun fil-*Main Gate,* tiġi mxejjna wkoll meta jiġi kkunsidrat dak li xehed Anthony Chetcuti.

xxv. Chetcuti fil-fatt isemmi li ma kienx hu li bagħat lil Calleja fil-*Gate* iżda kien **Calleja li speċifikament talab imur fil-*Main Gate*.** Mill-postijiet kollha li jinsabu fuq ir-*roster* fejn seta' jaqdi dmiru minflok *patrol*, Calleja talab imur fil-Main *Gate*, fejn hemm aktar waqfien u strapazz.

xxvi. Iktar importanti għal każ u xxejjen it-teżi difensjonali li Calleja sab ruħu fil-*gate* kumbinazzjoni, hu li din ma kienet kumbinazzjoni xejn iżda **xelta tiegħu u tiegħu biss!**

Minn eżami tad-dokument **AC1**[221] il-Qorti tissottolineja li uffiċjali tal-Freeport minn barra mal-Main *Gate* u *Patrol* setgħu jiġu stazzjonati anke fil-*Pedestrian Gate, FC Reception, CCTV, Warehouses u Cards* iżda **Calleja talab** li jmur fil-Main *Gate* meta hu ovvju li hemmhekk ser jaqa' ħafna

[218] Fol.211
[219] 211-212
[220] **Dok.JS1** a fol.214
[221] Fol.146

mix-xogħol ta' strapazz tenut kont li trid tiġi ċċekjata u *logged* kull vettura/*trailer/container* u jiġu *scanned* il-*pass*es tax-xufiera/burdnara relattivi, kemm fil-ħruġ u kemm fid-dħul tagħhom fil-MF!

xxvii. Jiġi mfakkar li Chetcuti jixhed li Calleja għamel **talba oħra dakinhar;** mhux sempliċiment biex minflok *patrol* imur fil-*Main Gate* biss! Wara li dan kien fuq *lane* 3 - fejn kien u fejn ħalla l-*container* joħroġ mingħajr ma ġie verifikat il-kontenut tiegħu, *container* li suppost kien vojt iżda deher siġillat! – **reġa' talab lil Anthony Chetcuti biex imur fuq *Lane* 1.**[222]

xxviii. *Lane* 1 kienet il-*lane* li minnha **ddaħħal il-*container* zvujtat** mis-sigaretti iżda mgħobbi bil-ġebel sagħtejn wara li kien inħareġ mill-Freeport! **Ma** nġiebet <u>l-ebda raġuni</u> għaliex kellu għalfejn jitlob biex minflok jibqa' fuq *Lane 3* issa jissorvelja *Lane 1*!!

xxix. U jekk l-imputat irid jitwemmen li **għażel** li jmur fil-*Gate* minħabba l-morliti, <u>x'effett terapewtiku setgħa jkun hemm</u> fuq il-kundizzjoni tiegħu biex wara l-ħruġ tal-*container* jitlob imur fuq *Lane 1*. Żgur bdil tal-*lanes* ma kienitx ser iservi biex ttaffi l-uġigħ jew skomfort! L-uġigħ tal-morliti ma jiddistingwix bejn *lanes* tal-Port Ħieles!

xxx. B'hekk irriżulta li Calleja bl-inizjattiva w makkakerija tiegħu rnexxielu:

(i) **jinqala minn *patrol;***
(ii) **talab imur fuq *lane* 3,** *lane* li serviet għall-ħruġ tal-*container* mingħajr ma dan ġie spezzjonat minnu; u
(iii) wara li l-*container* inħareġ b'suċċess mill-MF, **talab li jmur fuq *Lane* 1.** Il-*lane* li fuqha daħal il-*container* <u>mimli knaten tal-ġebel</u>!

**<u>Manuvra waħda wara l-oħra</u> biex il-ħruġ u l-eventwali dħul tal-*container* jseħħ mingħajr ma tiġi interċettata l-operazzjoni tiegħu w tal-malviventi sħabu!**

**L-Imputazzjonijiet**

Imiss li issa, fid-dawl tal-provi li saret riferenza għalihom, jiġu kunsidrati l-imputazzjonijiet li jinsabu addebitati bihom l-imputati bħala kompliċi.

---

[222] A fol.200 jissemma kif Anthony Chetcuti taha l-permess biex Calleja jbiddel il-*lane*s mas-*security*, numru 33, li kien fil *lane* 1 u jmur minfloku.

*L-Rwol tal-Kompliċi u l-Common Design*

(a) Christopher Calleja

L-għemil ta' Calleja, in kwantu għall-aġir u kondotta tiegħu dakinhar, iwassal lil Qorti biex tiddetermina li Calleja kellu l-*common design* mal-malviventi l-oħra involuti fis-serq tal-*container*. Hu lejn dan l-għemil li l-Qorti għandha tħares. Huwa propju f'dawn il-"mankanzi" intenzjonati minn tiegħu li toħroġ stampa ċara tal-involviment tiegħu f'din is-serqa.

Tant kienu numerużi l-proċeduri sħaħ li Calleja naqas milli jaderixxi ruħu magħhom u jinforzahom, li qatt ma jista' jkun li persuna tal-mestier bħalu, kien ser jagħmel żball fuq żball propju fuq żewġ vetturi partikolari BISS mill-volum kostanti w kontinwu ta' vetturi li għaddew mill-*gate* li magħha kien għassa! Kien **biss fil-konfront tat-*trailer*** mgħobbi bil-*container* li safa' misruq **u fil-konfront tal-vann l-abjad** – it-tnejn appartenenti lill-istess burdnara - li Calleja ma segwiex il-proċeduri ta' sigurtà` li kien obbligat jagħmel.

Dan in-nuqqas manifest u lampanti **seħħ kemm fid-dħul u ħruġ tal-vann l-abjad kif ukoll fil-ħruġ u dħul tat-*trailer* bil-*container*.** Il-filmati wrewħ jistenna l-wasla ta' dawn il-vetturi. L-istess filmati jixhdu li Calleja ma qabeż l-ebda targa fil-miżuri u verifiki li kellu jattwa w jagħmel fil-konfront tal-vetturi l-oħra li wasslu qabel, u dawk li segwew, il-vann l-abjad u t-*trailer*!!

Għamel xogħolu kif kien dovut jagħmel għajr għal dawn iż-żewġ vetturi partikolari hekk kif it-tagħbija ta' sigaretti kienet qed tinħareġ mill-Freeport u meta ġew introdotti fil-Freeport knaten tal-ġebel fl-istess *container*.

**L-għemil ta' Calleja kien *conspicuous by its absence* fil-konfront tal-vetturi tal-familja tal-burdnar Zammit**. **Li kieku ma kienx għall-għemil minn tiegħu, din is-serqa ma setgħetx tirnexxi.** Kieku ma għażilx jinjora il-verifiki li kien dovut jagħmel, jirreġistra dettalji tat-*trailer* u tal-burdnar u jivverifika l-kontenut tiegħu kemm fil-ħruġ kif ukoll fid-dħul, il-pjan malinn tiegħu w ta' sħabu l-malviventi l-oħra, din is-serqa qatt ma seta' jirnexxi.

Fil-fehma tal-Qorti l-għemil ta' Calleja juri biċ-ċar kemm kienet ippjanata f'dettal din is-serqa.

Iż-żjara tiegħu fl-isptar St. James lejliet is-serqa kienet biss parti minn reċita elaborata biex fl-eventwalita` li s-serqa tiġi skoperta tkun tista' isservi ta' korroborazzjoni għall-linja difensjonali tiegħu li hu kien estranju għal kollox f'din is-serqa.

Fil-fatt hu eżattament dak li gara tant li din hi parti mit-teżi difensjonali tal-istess imputat u ċioe li kien b'kumbinazzjoni li spiċċa fil-*Gate* minflok fuq *Patrol*. Irriżulta iżda li ma kien minnu xejn li tbiddillu postu anzi **kien hu li esiġa fejn ried jaħdem -** mal-*Gate*; fuq *Lane 3* u wara fuq *Lane 1* - fil-**ħinijiet kruċjali tal-ħruġ u siegħa w nofs wara, fid-dħul** tal-*container*. Kien propju l-għemil ardit u *blatant* li kixef l-rwol tiegħu. Ma kienx biżżejjed għalih jonqos darba, le naqas rigward żewġ vetturi partikolari, u rigward it-trailer mhux biss naqas fil-ħruġ tiegħu iżda kompla jinsisti u jinvolvi ruħu meta naqas ukoll in kwantu għad-dħul lura l-MF tiegħu!

Għamel minn kollox, biex jiffaċilita kemm il-ħruġ kif ukoll il-dħul tal-*container*. Kellu tassew l-attur prinċipali f'din l-operazzjoni li setgħet faċilment tintuża bħala *script* għall-aqwa film! Ir-reċtar ta' Calleja hi *award winning*!

Kif intqal tant wettaq maniġġi li jispikkaw u jixgħelu, tant għamel kutrumbajsi waħda wara l-oħra li minflok ħeba idu aktar servew biex inkixfu ż-żewġt id-driegħ minn tiegħu!

Jirrizulta, u dan mhux kontestat, li nqabżu turġien sħaħ biex ġie faċilitat il-ħruġ u d-dħul eventwali tal-*container*. B'hekk intwera kif **Christopher Calleja kien ħolqa importantissima fil-katina li nħolqot bejn il-malviventi biex is-serqa minnhom proġettata, tirnexxi.** Serqa li setgħet irnexxiet għal kollox kieku ma kienx għal *tip-off* li rċevew il-Freeport aktar minn ġimgħa wara!

Jiġi sottolinejat li għalkemm l-abbli difiża tattribwixxi dan l-għemil għal żbalji ġenwini w negliġenza, baqgħet ma nġiebet lanqas farka ta' prova biex tibda tissostanzja w tikkorrobora din id-difiża.

(b) Malcolm Zammit

Minn naħa tiegħu **Malcolm Zammit kien strumentali biex il-*container* mgħobbi bis-sigaretti nħareġ mill-Malta Freeport u konsegwentement timmaterjalizza s-serqa tal-istess**. Dan l-għemil sar bi ftehim mal-imputat Calleja u l-ko-imputati Borg, li għabba il-*container* li qatt ma ngħata ordni iċaqalqu minn postu u ma Bastjan Zammit li għażel ma jivverifikax li l-*container* ħiereġ mill-*lane* tal-vojt kien tassew vojt.

Tant kien hemm preżenti l-*common design* li Malcolm Zammit, ma jagħmilx bħal burdnara oħra ħierġin fuq *lane 3* (ara **Dok.MB1**, il-*hard drive* bil-*footage* sħiħ) u jiftaħ il-bibien għall-*inspection*. Kif seta' meta l-*container* kellu jibqa' siġillat hekk kif pjanat?

Intwera kif l-imputat Zammit kien qed isuq it-*trailer* li fuq tgħabba l-*container*, *container* li kien hu li ħarġu l-barra mill-Freeport mingħajr ma għadda minn proċeduri ta' sigurtà w verifika, **mingħajr ma kellu xi xogħol konness mal-imsemmi *container*.** Kien l-istess Zammit li ftit tal-ħin wara, reġa' daħal lura l-Freeport bl-istess *container*, fejn ukoll lanqas saru verifiki fuqu jew fuq il-*container* li kien qed jiddaħħal; *container* li issa rriżulta li kien tgħabba bi knaten tal-ġebel. Zammit kien strumentali biex is-serqa isseħħ; biex minn *container* mimli sigaretti jinstab *container* bi knaten tal-ġebel!

Irriżulta li l-ħruġ u dħul ta' Zammit sar mingħajr ma *audit trail*. Ma issottomettiex il-*cards* tiegħu biex jiġu scannjati.

Ftit huma każijiet fejn il-*common design* hu daqshekk manifest u rifless fl-għemil u l-aġir tal-malviventi li ħadmu mal-imputati biex ir-reat, is-serqa, titwettaq.

Fid-dawl ta' dawn ir-riżultanzi proċesswali, hi l-fehma tal-Qorti li bejn kull wieħed mill-personaġġi nvoluti f'din is-serqa altru' li kien hemm il-*common design* rikjest. Huma l-fatti, in-nuqqasijiet individwali, fejn ċertament ma jistawx jiġu attribwiti għal xi serje ta' koinċidenzi kozmiċi.

Għall-kuntrarju, **kull imputat, kull għemil minn tagħhom, serva ta' ħolqa fil-katina li nħadmet biex dan il-pjan ġie attwati.**

Tajjeb jingħad li għalkemm ma jirriżultax b'mod dirett li l-imputati kienu assoċjaw wriehom għall xi tul ta' żmien, ilkoll kemm huma kellhom rwol speċifiku w determinat.

Il-Malta Freeport kien jopera b'numru ta' *checks and balances*. Eżempju ta' dan tasal mix-xiehda ta' Karol Muscat fejn spjega l-rwol essenzjali w importanti tal-uffiċjal tad-Dwana li jservi ta' xhud għall-uffiċjal tal-Freeport. Jixhed li f'każ li *container* ikun ħiereġ, **l-uffiċjal tal-Freeport jeħodlu l-*pass*, jara li l-*container* jaqbel mal-*pass* u jekk hu vojt għandu jiftħu biex jaċċerta li hu vojt. Għandu jara li tad-Dwana ikun xhud miegħu x' ħin joħroġ il-*container*.**[223]

L-azzjonijiet ta' kull wieħed mill-malviventi kienu pjanati sal-inqas dettal. Filwaqt li kien Roderick Borg li ħa ħsieb jgħabbi l-*container* fuq it-*trailer* ta' Malcolm Zammit u wara jerga' jħottu lura f'postu, kien propju Sebastian Zammit li ma vverifikax li l-*container* kien vojt. Kien Sebastian Zammit li għażel

[223] Fol.84. Hein Chetcuti ukoll jsemmi l-importanza ta' dawn ic-*checks and balances* meta jiddeskrivi kif membri tas-sigurtà tal-MF jipproċedu fuq wara tal-*container* fejn dan il-*container* jinfetaħ biex jiġi spezzjonat. Magħhom ikun hemm membri tad-Dwana illi wkoll viżwalment jaraw illi l-*container* meta nfetaħ ma kien hemm xejn go fih biex ikun jista' joħroġ bħala vojt.

ma jirreġistrax (jagħmel *log*/jirreġistra l-ħruġ ta') dak il-*container* fi-ħruġ tiegħu. Kien hu li flimkien ma Calleja għamel il-parti tiegħu biex il-*gate* tal-Freeport tinfetaħ u tippermetti l-ħruġ tal-*container*.

Kull imputat involut f'din is-serqa serva skop speċifiku fl-operazzjoni. Kull għemil minn tagħhom jifforma parti mill-katina ta' ċirkostanzi li abbinati flimkien jippuntaw lejn l-involviment dirett ta' kull wieħed minnhom fis-serqa. Mingħajr l-egħmil ta' xi wieħed minnhom, din l-operazzjoni kienet ser tisfaxxa. Dan ma seħħx, u l-operazzjoni kienet suċċess propju għaliex Christopher Calleja, Malcolm Zammit, Roderick Borg u Sebastian Zammit segwew l-funzjonijiet tagħhom f'din is-serqa b'perfezzjoni liema bħala.

Dan il-każ wera kif kull il-malviventi akkużati b'kompliċita f'din is-serqa kellhom rwol partikolari. Bħal biċċiet individwali ta' *jigsaw puzzle*, l-għemil individwali tagħhom ġie flimkien biex ġiet esegwita operazzjoni meqjusa w metikoluża, li ħadet ħsieb kull aspett.

Kien tassew propizju li l-OLAF talbet lid-Dwana Maltija iżżomm il-*container* taħt għajnejha għaliex dan wassal sabiex jittieħdu ritratti tas-siġilli kif kienu qabel ma nħareġ il-*container* mill-Freeport. Ċertament il-malviventi ma kienux qed jistennew din l-żvolta li wasslet sabiex kienu ttieħdu ritratti tal-*container* u b'hekk seta' jiġi konfermat li dan kien infetaħ u tbiddlulu s-siġilli wara li nħareġ mill-Freeport! Il-fatt li l-*area* tal-Freeport huma mgħammra b'*cameras*, ma jnaqqas xejn mid-diffikultà kbira li jiġi identifikat mill-istess filmati *trailer/container* partikolari li dwaru ma jkun ġie reġistrat l-ebda inkartament. Tant hu hekk li din is-serqa saret magħrufa biss jiem wara u dan wara informazzjoni kunfidenzjali li wasslet għand l-awtoritajiet tal-Freeport.

Ikkunsidrat,

**Ġurisprudenza**

L-rwol tal-kompliċi ġie spjegat b'mod elokwenti mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech**:[224]

> "Naraw x'inhuwa l-komplici. Il-komplici huwa dak li għalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa ... jagħmel xi ħaġa, bi ftehim maghhom, jigifieri jkun hemm il-ftehim minn qabel maghhom, biex **jghinhom** jew fil-preparazzjoni tas-serqa, per eżempju biex jaslu fuq il-post, għax dik hija parti mill-preparazzjoni tas-serqa għax biex tisraq post trid tmur f'dak il-post, jew fit-twettiq tas-serqa, waqt li qed issir is-serqa, wieħed imur jagħmel ħaġa, l-ieħor imur jagħmel oħra, ieħor

[224] Per Onor. Imħallef Joseph A. Filletti, Onor. Imħallef David Scicluna u Onor. Imħallef Joseph R. Micallef; Deċiża 24 ta' Settembru, 2004; Appell Numru 37/1996

jiffirma lil dak, ecc. anke min ikun qieghed … **jghinhom** fit-twettiq tas-serqa per eżempju billi joqghod ghassa barra, sewwa …. Dan ikun qieghed **jghinhom** fit-twettiq għax waqt li tkun qeghda ssir is-serqa ġewwa, ghandhom il-guard barra li qieghed ghassa. Jew inkella, dejjem bi ftehim maghhom mela, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq tas-serqa, jew jghinhom, pero` dejjem bi ftehim minn qabel maghhom, biex wara s-serqa jaharbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm il-ftehim minn qabel. ….

Allura f'dan il-każ, jekk jirrizultalkom illi kien hemm xi hadd li, bi ftehim mal-hallelin li kienu ġewwa, fil-bank, jekk jirrizultalkom illi kien hemm hallelin ġewwa għax din hija kwistjoni taghkom, pero` jekk jirrizultalkom illi kien hemm hallelin fil-bank u dan bi ftehim maghhom mhux mar fuq il-post u pprezenta ruhu, imma ġie wara apposta biex jipprovdilhom il-mezz tat-trasport biex jaharbu, sewwa, dak huwa l-figura tal-komplici. Jew inkella, jekk din il-persuna per eżempju, għalkemm marret fil-vicinanzi, intom ma tistghux tghidu li pprezentat ruhha fuq il-post tad-delitt għax tghidu ma kinitx vicin bizzejjed biex din **taghti l-ghajnuna** lill-hallelin jew halliel ġewwa dak il-hin. Dik il-persuna tkun ukoll ilkomplici, mhux il-ko-awtur, sinjuri gurati."1 (enfazi ta' din il-Qorti)

Għalhekk, u tenut kont tar-riżultanzi proċesswali li ġa` saret riferenza għalihom, magħdud ma dan it-tagħlim ġurispridenzjali, fil-fehma tal-Qorti m'hemmx dubbju li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad mistenni l-ewwel żewġ imputazzjonijiet ta' kompliċità fis-serq tal-*container* u tas-sigaretti fil-konfront taż-żewġ imputati Malcolm Zammit u Christopher Calleja.

M'hemm l-ebda dubbju dwar il-*common design* taż-żewġ imputati, bejniethom u mal-malviventi l-oħra, li l-fatti riżultanti jagħtu xiehda inkonfutabbli tiegħu.

F'sentenza riċenti tal-Qorti tal-Appell Kriminali ġie kunsidrat:[225]

Ix-xjenza u l-common design mhux ser jirriżultaw biss minn xi dokument imma wkoll <u>miċ-ċirkostanzi tal-każ</u> li ma jħallu ebda dubju f'min irid jiġġudika dwar il-mens rea.

Fl-istess sentenza jingħad:

Professur Mamo fin-Noti tiegħu "Notes on Criminal Law Part 1" jikteb hekk (a fol. 60):

"It might seem (Kenny goes on to say, p. 40) that rule thus rendering the existence of a complex mental element necessary to create this legal liability would, usually, cause the prosecutor much difficulty in obtaining evidence of it. For, to borrow the saying of a medieval judge, which Sir Frederick Pollock has made familiar to modern readers, "the thought of man is not triable, for the Devil himself knoweth not the thought of man." But this difficulty seldom arises in practice: for in most cases the law regards the criminal act itself as sufficient 'prima facie' proof of the existence of criminal intent. [...] In England, the settled principle in this matter is that "Every sane adult is presumed to intend the natural or necessary consequences of his wilful conduct." The law treats as intentional all consequences which the actor foresees as the probable results of his wrongful act. The known consequences of an illegal act are imputed by the law as intentional. No man

[225] **Il-Pulizija vs. Vincent Xuereb Noel Vella**. Per Onor Imħallef Dr. Neville Xuereb. Deċiża 20 ta' Marzu 2023; Appell Nru.166/2018

who knows that certain results will flow from his illegal act will be suffered to say that he did not intend them." .......

Dwar il-common design, fin-Noti tiegħu hawn fuq imsemmija l-Professur Mamo jgħid hekk (a fol. 125):

"There cannot be a 'concursus delinquentium' without a common design to commit a specific offence. The general principle that a man is responsible for an offence only if the act was voluntarily and knowingly committed by him applies to each of the parties to the offence. Therefore a merely physical participation in the act without a participation in the criminal design cannot be the ground of criminal liability. In other words, no matter how effectively the act of one person may have helped another in the commission of an offence, the former is not responsible as a co-principal or an accomplice, unless it can be shown that he did the act with the purpose of assisting the perpetration of that offencce. Thus if a man does an innocent act of which another takes advantage to commit an offence, that man does not in any legal sense participate in the offence: as when, for instance, A lends a sporting gun to B for shooting birds, but B uses the gun to shoot a man; or A, decieved by plausible pretexts, supplies in good faith a poisonous substance to B who uses the same to commit a murder."

### (i.). L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjoni: Serq tas-Sigaretti w l-*Container*

L-ewwel żewġ imputazzjonijiet jittrattaw ir-reati ta' serq. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Andy (Andre) Żammit** tenniet:[226]

Issa ghalkemm il-ligi ma tipprovdi ebda definizzjoni tas-serq, il-qrati dejjem segwew id-definizzjoni tal-gurista Carrara sabiex fasslu l-elementi mehtiega sabiex tissussisti r-reita' u cioe' it-tehid doluz ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor akkwistat b'mod frawdolenti minghajr il-kunsens tas-sid, bil-ħsieb li jsir qliegħ[227]. Illi il-prova dwar dan it-tehid doluz minn naha tal-appellant filfehma tal-Ewwel Qorti kien jistrieh fuq provi indizzjara u ukoll diretti li taghhom taghmel rassenja dettaljata. Illi:

Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikand sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-

[226] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Nru: 43/2019. Seduta 27 ta' Novembru, 2020

[227] *'La contrattazione doloza della cosa altrui fatta in vito domino con animo di farne lucro.'*

raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel linterpretazzjoni w apprezzament tagħha.[228]

Il-**Professur Mamo** jelenka l-elementi kostituttivi għar-reat ta' serq:

An analysis of this definition discloses no less than five ingredients necessary to constitute the crime of theft namely:-

1. The *contrectatio* of a thing.
2. belonging to others.
3. made fraudulently.
4. without the consent of the owner.
5. *animo lucrandi*.

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Paul Stephen Debono** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) intqal:[229]

With regard to the first ingredient listed above being the "contrectatio" or the taking of the object, it is clear that the intention of the person taking the object must be a permanent one, meaning that the intention of the thief must be to appropriate himself of an object belonging to another without the intention of returning it to him.

In a judgment delivered on the 30th January 2003 by the Court of Criminal Appeal in its inferior jurisdiction[230] , the said Court emphasized the importance of the last ingredient necessary which constitutes the crime of theft, in default of which no guilty verdict may be delivered against the person being accused. In delivering its judgment the Court makes a detailed exposition of the opinions given by various jurists including amongst others Carrara, Crivellari and Professor Mamo in his Notes on Criminal Law. Quoting Carrara the Court stated:

"Il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui … per lucro qui non s'intende un effettivo locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."
Quoting Crivellari the Court further added:

"l'elemento intenzionale nel furto non si cotruisce gia col solo animo di prendere ma' coll'animo di lucrare."

---

[228] **Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Superjuri nhar il-5 ta' Lulju 2002
[229] Per Onor. Maġistrat Dr. Edwina Grima; Deċiża 7 t'April, 2011
[230] **The Police vs John Galea and Paul Galea**

Dwar l-element tal-*animo lucrandi* insibu:[231]

> L-appellant jargumenta illi huwa ma ha xejn minn dan it-tbaghbis peress illi l-kont tad-dawl kien f'isem is-socjetà u se mai kienet l-istess socjetà illi hadet xi beneficcju. Ovvjament dan l-argument ma jistax ireggi. Meta l-awturi jitkellmu dwar profitt gej mis-serq dan qed jghiduh bl-aktar mod wiesgha tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji iżda bizzejjed ikun fl-aktar termini generici ta' gwadann, liema gwadann m'ghandux ghalfejn ikun personalment tal-persuna koncernata iżda anke għal haddiehor inkluz socjetà ta' responsabiltà limitata bhalma hu f'dan il-każ.

Imbagħad f′ **The Police vs Anne Downer:**[232]

> The Court makes reference to the case **Il-Pulizija vs Martin Dimech** decided by the Court of Criminal Appeal on the 10th July 1998 wherein it was stated that :
>
> > Mill-kumpless tal-provi din il-Qorti hi sodisfatta li kien hemm l-elementi kollha ghar-reat ta' serq tal-Wild Turkey, u cjoe: (i) l-impossessament ta' l-imsemmi yacht; (ii) li kien proprjeta ta' haddiehor; (iii) bil-konsapevolezza fl-agent li qed jiehu oggett ta' haddiehor; u (iv) mingħajr il-kunsens tas-sid jew tal-posessur ta' l-istess oggett; u finalment (v) bil-hsieb ta' gwadann. Dan il-hsieb ta' gwadann - animus lucrandi - fis-serq mhux necessarjament ikun gwadann pekunjarju dovut ghar-reciklagg ta' l-oggett misruq. Il-gwadann maghmul mill-uzu tal-haga huwa bizzejjed. Infatti dak li jissejjah furto d'uso hu furto, serq, fejn proprju l-gwadann hu maghmul jikkonsisti mill-uzu, ankorke temporanju, ta' l-oggett (ara l-artikolu 288 tal-Kodici Kriminali)

Fil-fatt:

> Il-gurisprudenza taghna tqis ja fuq il-lukru jew l-animus lucrandi rriteniet illi l-qliegh jista' jiehu diversi forom u mhux necessarjament wieħed li jissarraf fi flus[233].

M′hemmx dubbju mix-xiehda ta′ Mauro D′Anastasi, id-direttur ta′ Pantheon Ship Supplies Ltd., il-*consignee* tal-merkanzija misruqa (kif fil-fatt tidher indikata fuq il-polza ta′ karigu ***oriġinali***) li ma kienx hemm il-kunsens la tagħhom u wisq anqas tal-klijent tagħhom, Mohammed Montesir, sid il-merkanzija. Kif ser jintwera meta jiġi kunsidrat il-funzjoni ta′ polza ta′ karigu, fil-mument tas-serqa s-sid kienet propju is-soċjetà Pantheon, il-*consignee* tas-sigaretti.

---

[231] Qorti tal-Appell Kriminali Per Onor. Imħallef Dr. Michael Mallia; Deċiża 26 ta' Marzu, 2015 Appell Kriminali Numru. 335/2014. **Il-Pulizija vs Anthony Balzan**

[232] Qorti tal-Maġistrati (Malta), Per Onor. Maġistrat Dr. Aaron Bugeja. Deċiża 27 ta′ Settembru, 2017

[233] Ċitat fis-sentenza tat-28 t′ April, 2022**Il-Pulizija vs Ludwig Bugeja; Per Onor** Qorti Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera fejn il-Qorti tal-Appell kriminali għamlet eżami *funditus* dwar l-elementi tar-reat ta′ serq. Hemm jiġi ċitat **Il-Pulizija vs Gianluca Carabott** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta′ Ġunju, 2020

L-istess jingħad rigward il-*container* innifsu li jappartjeni lis-Seago u li dwaru xehed Wayne Xuereb mill-Grupp Thomas Smith, ix-*shipper*. Xuereb isemmi kif il-valur tal-*container per se* kien ta' US$3,500.[234] Sal-jum li xehed il-kumpanija ma kienitx għadha ħadet il-*container* lura.[235]

Dwar il-valur ta-sigaretti D'Anastasi xehed li dan kien fl-ammont ta' US$120,750.00 b'Unit Price ta' US€115.00. Il-*Packing List* imbagħad tindika *"1050 Cases….Unit Stick 10,500,000.00"*.[236] Altru għalhekk li ġie pruvat li l-valur tar-*res furtiva*, kemm in kwantu għal-*container*[237] kif ukoll għas-sigaretti, kien wieħed li jeċċedi l-€232.93c u l-ammont ta' €2,329.37 kontemplat bl-artikolu 279(a) tal-Kodiċi Kriminali ċirkostanza li taggrava ir-reat ta' serq.

Kunsidrat dan, jirrizulta li l-imputati ipparteċipaw bi sħiħ sabiex **bl-għemil tagħhom ġie faċilitat il-ħruġ, is-serq, it-teħid** il-*contrectatio* tal-*container* mgħobbi sigaretti, appartenenti għal-terzi, mill-Freeport. Il-gwadann altru li ġie pruvat tenut kont li minflok sigaretti nstabu knaten tal-ġebel!

Eżaminati l-atti u l-provi kompilati, magħdud ma dan it-tagħlim ġurispridenzjali, fil-fehma tal-Qorti m'hemmx dubbju li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad mistenni l-ewwel żewġ imputazzjonijiet ta' kompliċità fis-serq tal-*container* u tas-sigaretti fil-konfront taż-żewġ imputati Malcolm Zammit u Christopher Calleja.

### (ii.) Ir-Raba w Ħames Imputazzjoni: Ksur tal-Ordinanza tad-Dwana, Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u Att dwar Dazju tas-Sisa

#### A. Il-Merkanzija: Prova li kienet fil-*Container*

In kwantu għar-raba u l-ħames imputazzjonijiet issir riferenza għal dak li xehdu Mauro D'Anastasi u Wayne Xuereb.

**Mauro D'Anastasi** f'isem Pantheon Ships Supplies, *ship chandlers*, li jissupplixxu vapuri w jagħmlu *exports* għall-Libja, spjega li klijent Mohammed Montesir xtara *container* sigaretti minn Dubai mingħand Anta Travel & Tourism. Il-kumpanija Libjana Alzejn International kienet ser tilqa' dawn is-sigaretti. Il-*container* kien Malta *in transit* u nżammu il-MF biex eventwalment

[234] **Dok.WX1** a fol.378-379. *True Copy* fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** a fol.438-439
[235] Fol.377
[236] **Dok.MA3** a fol.406. Dokumenti oriġinali fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** a fol. 467
[237] USD3,500 f'Awissu 2015 kienu ekwivalenti għal €3,191.3. Ir-rata tad-dollaru għas-7 t'Awissu kienet ta' €0.9118.
https://www.exchangerates.org.uk/USD-EUR-spot-exchange-rates-history-2015.html

permezz tas-*shipping line* Seago rappreżentata minn Thomas Smith, jiġi esportat lejn Misurata. Kien għalhekk li **l-*container* inżamm gol-Free Zone fejn kellu jibqa' intatt**.[238]

Ix-xhud [239] esebixxa l-*bill of lading* tal-*container* in kwistjoni, CAXU913932 (545G1),[240]li tispeċifika li kien hemm 1,050 Cases Total 100,000 Cigarettes. L-*Invoice* tindika l-valur tal-merkanzija bħala dak ta' US$120,750.00 b'Unit Price ta' US€115.00. Il-*Packing List* imbagħad tindika *"1050 Cases….Unit Stick 10,500,000.00"*.[241]

Din l-*invoice*[242] mibgħuta lilu b'email mingħand Anta Travel & Tourism, l-esportaturi f'Dubai – li sussegwentement nhar is-16 ta' Frar, 2017,[243] ġiet esibita *animo ritirandi* fl-oriġinal tagħha w konfermata bil-ġurament tal-istess xhud fil-proċeduri analogi **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**, **b'vera kopja tiġi inserita f'dawn l-atti**[244]. Din id-dokumentazzjoni turi li kien hemm elf u ħamsin (1,050) kaxxa sigaretti tad-ditta Business Royal. Ix-xhud ma kienx f'pożizzjoni jgħid jekk dawn is-sigaretti kienux *counterfeit* iżda semma kif ġewwa Dubai hemm *Hub* għal *cheap cigarettes*, ta' marka inferjuri li tinsab f'Jebel Ali. F'dan il-*hub* jeżistu *bond warehouses* li fihom issib dawn il-Business Royals kif ukoll sigaretti ta' *brands* li jinsabu fl-Ewropa bħala Philip Morris u Rothmans iżda ta' kwalità inferjuri.[245]

Il-Qorti tosserva li kif jixhdu r-ritratti fir-rapport tas-*scene of crime officers* li nstabu f'vetturi li ġew eżaminati minnhom, il-marka fuq il-kaxex ta' dawn is-sigaretti[246] hi dik ***Business Royal 20S***[247]**l-istess marka indikata fuq l-*invoice.*** Dawn is-sigaretti jiġu deskritti wkoll l-imsemmi rapport: *"fuq wara tal-vann kien hemm hdax il-kaxxa tal-kartun lewn abjad bil-kliem "Business Royals."*[248] Is-sigaretti sussegwentement ġew elevati u mogħtija Kodiċi tal-Laboratorju Forensiku kif indikat fl-imsemmi rapport a fol.5 tiegħu.

---

238 Fol.362
239 Fol.404-405
240 Fol.401
241 **Dok.MA3** a fol.406. Dokumenti oriġinali fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** a fol. 467
242 **Dok.MA1** a fol.369-370. **Dok.MA2** a fol.371 (*invoice*)
243 Fol.404-405
244 Fol.406
245 Fol.368
246 Fol.42-48 u fol.138-140 tar-rapport **Dok. JH1** esibit a fol. 467A tal-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** u dan b'verbal tas-16 ta' Frar 20117 a fol.400
247 Fol.48-49 hemm immarkat*"**20S**"* u a fol.140 *"**10000 Cigarettes in 20s**"* fir- rapport **Dok. JH1** esibit a fol. 467A tal-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** u dan b'verbal tas-16 ta' Frar 20117 a fol.400.
248 Fol.5 ta' **Dok.JH1** a fol.467A tal-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**

*Viva voce* **PS650 Tabone** jixhed kif wara li fit-3 ta' Settembru, 2015 saru eżamijiet fuq vetturi fosthom Mazda Bongo u Isuzu Gemini li kienu relatati mal-każ, mill-Mazda ġew elevati ħdax il-kaxxa *master cases* tal-imsemmija marka ta' sigaretti.[249]

L-*invoices* u *bill of lading* li esebixxa D'Anastasi meta riprodott, kienet turi l-valur tas-sigaretti tat-tip Business Royal bħala dak ta' US$120, 750.[250]

Altru` għalhekk li ġie ppruvat il-valur tas-sigaretti kif ukoll tenut kont li ġiet esibita l-*bill of lading* **oriġinali**,[251] ġie ppruvat il-kontenut tal-*container* in kwistjoni dak CAXU913932 (545G1).[252]

Din il-*bill of lading* issemmi speċifikament lil Pantheon Ship Supplies Limited bħala l-*consignee* tal-merkanzija; kumpanija li xehdet permezz tad-direttur tagħha Mauro D'Anastasi li kien hu li kkonferma w esebixxa *animo ritirandi* l-*invoice* u *bill of lading* **fl-oriġinal**.

***(i) Il-bill of lading tikkostitwixxi il-prova l-iktar b'saħħitha** tal-kontenut tal-container.*

Ikkunsidrat ulterjorment,

Id-difiża tissottometti li l-kontenut tal-*container* baqa ma ġiex pruvat. Ma dan il-Qorti ma taqbilx tenut kont li inġabet il-prova li tissodisfa sal-grad rikjest mill-prosekuzzjoni l-prova li l-*container* kien mgħobbi b'merkanzija konsistenti f' 1050 kaxxa sigaretti.

Tali prova temana mill-fatt li ġiet preżentat l-***bill of lading*** **fl-oriġinal** tagħha w konfermata bil-ġurament minn D'Anastasi, il-*consignee* tal-merkanzija.[253] Minn naħa tiegħu Wayne Xuereb, għal-*carrier/shipper* Seago, ippreżenta (kif kien ġa ippreżenta l-*cargo manifest* lid-Dwana biex ħadmet il-kalkoli tagħha) il-*cargo manifest* u kkonfermah bil-ġurament tiegħu. F'dan l-aħħar dokument jerga jiġi indikat l-ammont ta' sigaretti li kienu qed jinġarru mill-kumpanija li tagħha

[249] Fol.402
[250] Fol.405
[251] Oriġinal mmarkat bħala **Dok.MA3** u esibit a fol.467 fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**. Kopja ta' liema ġiet esibita f'dawn l-atti bħala **Dok.MA3** a fol.406
[252] Fol.401
[253] Oriġinal mmarkat bħala **Dok.MA3** u esibit a fol.467 fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**. Kopja ta' liema ġiet esibita f'dawn l-atti bħala **Dok.MA3** a fol.406

Wayne Xuereb kien qed jirrappreżenta, *"1050 Cases….Unit Stick 10,500,000.00"*[254] **l-ammont indikat fuq il-*letter to prosecute*.**

Il-polza ta' karigu tikkostitwixxi l-prova per eċċellenza tal-ammont ta' sigaretti li kienu tgħabbew fil-*container* u fil-fatt jiġi definit bħala *"Dokument li jirrappreżenta l-kuntratt ta' trasport bejn l-ispeditur u t-trasportatur. Dan jikkostitwixxi wkoll prova tas-sjieda tal-oġġetti".*[255]

Il-forza probatorja ta' *bill of lading* hi konfermata minn ġurisprudenza u mill-liġi stess fejn fl-artikolu 326 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Kapitolu 13 tal-Ligijiet ta' Malta insibu:

> 325.Il-polza ta' kargu tagħmel prova bejn il-partijiet kollha interessati fit-tagħbija, kif ukoll bejniethom u l-assiguraturi, bla ħsara tal-prova kuntrarja.

**Christopher Hill**[256] jikteb li

> …*a bill of lading has a three-fold purpose*:
>
> (i) *it is a document of title with negotiable characteristics5;*
> (ii) *it is a receipt of goods shipped on board a named carrying vessel;*
> (iii) *it is the best available evidence of the terms and conditions of the contract of carriage of goods as between shipper and carrier.*

Il-forza probatorja ta' polza ta' karigu u l-funzjoni tagħha bħala prova ta' pussess kif ukoll titolu tal-merkanzija, ġiet kunsidrata fis-sentenza **Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited:**

> In tema legali hi disposizzjoni espressa tal-Kodici tal-Kummerc, ex-Artikolu 325, illi l-imsemmija polza tal-kariku taghmel prova tar-rapport intercedenti bejn il-partijiet kollha interessati fit-taghbija. Kif jinghad, imbghad, fl-Artikolu 321 ta' l-istess Kodici tali polza tkun moghtija lill-karikatur. Jispjega l-Carter ("**Carriage by Sea**", Vol. 1, 12th Edition, 1971, pagna 54) bir-rikjam ghas-sentenza "**Hathesing -vs- Laing**" (1873) L.R. 17 Eq. 92), "ordinarily that is the person who has shipped the goods. He is generally the contracting party and the shipowner, if he has no notice to the contrary, may treat him as entitled to the possession of the goods, and to the Bill of Lading which represents that possession".[257] [sottolinejar minn din il-Qorti]

Il-House of Lords trattat *bills of lading* u l-funzjoni w sinifikat tagħhom f' ***JI MacWilliam Company Inc (Respondents) v. Mediterranean Shipping Company S A (Appellants).*** Fl-*Opinion* tiegħu Lord Nicholls of Birkenhead qal:[258]

---

[254] **Dok.MA3** a fol.406. Dokumenti oriġinali fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** a fol. 467
[255] Bill of lading | Access2Markets (europa.eu)
[256] Maritime Law. Fifth Edition.
[257] Qorti tal-Appell; Per Onor. Imħallef Philip Sciberras. Seduta 9 ta' April, 2008; Appell Ċivili Numru. 289/2006/1
[258] https://publications.parliament.uk/pa/ld200405/ldjudgmt/jd050216/mac-2.htm

37. One must start with the function of the bill of lading in international trade. Through the centuries that role has changed. What started as a bailment receipt of goods developed into a receipt containing the contract of carriage, and in the course of time acquired a third characteristic, that of a negotiable document of title. .....

38. In modern commercial usage the bill of lading is one of the pillars of international trade, providing the credit necessary for the financing of mercantile trade. The principal characteristics of the modern bill of lading are threefold. It operates as:

(a) a **receipt by the carrier acknowledging the shipment** of the goods on a particular vessel for carriage to a particular destination;
(b) a memorandum of the terms of the contract of carriage, which will usually have been concluded before the signing of the document;
(c) **a document of title** to the goods which enables the consignee to take delivery of the goods at their destination or to dispose of them by the endorsement and delivery of the bill of lading.

The sequence of events in the life of a bill of lading has been usefully summarised in Bills of Lading, Report by the Secretariat of UNCTAD, a United Nations publication published in New York, 1991, as follows [para 21]:

> "(a) The shipper's **description of the goods**, with his own name and that of the consignee inserted on the carrier's form; particulars of the total gross weight and the measurement, for freight calculation purposes, and where necessary, the **value** of the goods, are also inserted by the shipper;
> (b) The lodging of the bill of lading at the office of the shipowner or his agent or broker;
> (c) The completion and checking of the contents of the bill of lading by the shipowner or broker against tallying details taken at the time of loading the cargo;
> (d) The **freight calculation**;
> (e) The signature of the bill of lading by or on behalf of the carrier or the ship's master and by such other parties as may by law be required to do so in different countries;
> (f) The release by the shipowner or his agent of the signed bill of lading to the shipper against payment of freight if the freight is prepaid; and, where appropriate, a mate's receipt or equivalent document;
> (g) The dispatch of the bill of lading by the shipper to the buyer or consignee or its lodgement with a bank when a letter of credit is involved;
> (h) The surrender of the bill of lading by the consignee to the shipowner's agent at the port of discharge in order that he may obtain delivery of his goods."
> [sottolinejar u emfasi minn din il-Qorti]

Fis-sentenza **Atlas Insurance Agency Limited noe v. Gollcher Company Limited noe** il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) qalet:

> ...fil-kamp marittimu u l-ligijiet li jirregolaw it-trasport ta' merce minn destinazzjoni ghall-ohra jikkomprendi, di solitu, tlett fazijiet distinti. Jigifieri fazi anterjuri ghat-taghbija tal-merce abbord il-vapur, il-fazi relattiva ghat-trasport bil-bahar u l-fazi posterjuri ghall-iskarikazzjoni tal-merce minn fuq il-vapur. Dawn it-tlett fazijiet huma sew regolati bil-Konvenzjoni ta' Brussels, 1924, ahjar maghrufa bhala l-Hague Rules, kodifikati fil-Ligi taghna fil-Kap.140 – Att dwar il-Garr ta' Merkanzija bil-Bahar. **............il-prova tat-taghbija fuq il-vapur hi kostitwita mill-polza tal-**

**kariku**. Dan kif ahjar precizat fl-Artikolu 325 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap.13) li a propozitu jiddisponi li "l-polza ta' karigu taghmel prova bejn il-partijiet kollha interessati fit-taghbija, kif ukoll bejniethom u l-assiguratur, bla hsara ta' prova kuntrarja". ...[259]
[Emfasi ta′ din il-Qorti]

Mill-provi prodotti jirriżulta li kemm il-*consignee* kif ukoll ix-*shipper* ikkonfermaw l-merkanzija meta ppreżentaw bil-ġurament tagħhom il-polza ta′ karigu w il-*cargo manifest* rispettivament. Għalhekk il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-abbli difiża li f′dan il-każ (i) ma kienx hemm prova ta′ dak li kienet tikkonsisti fih il-merkanzija li ġiet misruqa, u (ii) daqstant ieħor, lil min kienet tappartjeni.

It-titolu hu kostitwit <u>mill-pussessur</u> tal-polza ta′ karigu - fejn f′dan il-proċess din ġiet konfermata bil-ġurament mill-*consignee* tal-merkanzija Mauro D′Anastasi għal Pantheon Ship Supplies Limited.

Kif tenniet il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri):

**41.** Huwa ghalhekk importanti li min jikkonsenja l-merkanzija jassigura li min jitlob ir-rilaxx tal-merkanzija **jkollu titolu validu billi jipprezenta l-poloz ta' karigu oriġinali.**[260]
[Emfasi ta′ din il-Qorti]

Għalhekk m′hemmx dubbju dwar il-valur probatorju ta′ polza ta′ karigu. Kif tenna it-Tribunal Għat-Talbiet Żgħar fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Gasan Mamo Insurance Agency Limited bħala aġenta u mandatarja tas-soċjetà estera CGU ta′ Perth, Scotland, kif surrogata fid-drittjiet ta′ l-assigurata tagħha Gasan Enterprises Limited vs Sullivan Maritime Limited bħala aġenti u mandatarji tas-soċjetà estera Grimaldi Compagnia di Navigazione spa u bħala aġenti tal-vapur MV Malta Express:**[261]

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi l-clean bill of lading, igib mieghu il-presunzjoni illi l-merkanzija li tkun ġiet ricevuta abbord, hija f'kundizzjoni tajba u allura huwa mistenni illi hekk tigi skarikata.
.....
Illi kif gie deciz f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Noel ellul noe vs James Gollcher et.noe.et.noe**.; "Il-polza ta' kariku <u>tirrapprezenta l-merkanzija u taghmel prova tal-karikazzjoni,</u> kif hekk del resto jistabbilixxi l-Artikolu 325 tal-Kodici tal-Kummerc. Konsegwentment in kwantu prova tat-trasport permezz ta' dan id-dokument il-kaptan tal-vapur jobbliga ruhu li jikkonsenja l-merkanzija fil-port tad-destinazzjoni fl-istess kundizzjoni li tghabbiet u lil <u>min ikollu dritt ghaliha skond it-termini ta'l-istess polza</u>."

---

[259] Deċiża fit-23 ta′ Ġunju 2004: Appell Ċivili Nru. 514/02
[260] **Patrick Pillon għan-nom u in rappreżentanza tal-bank BNP Paribas (Suisse) S.A. u b′nota tal-15 ta′ Marzu 2004, Dr. Carmel Chircop assuma l-atti bħala mandatarju speċjali ta′ BNP Paribas (Suisse) S.A. minflok Patrick Pillon v. Smarta Navigation Ltd (C 29236).** Seduta tat-3 ta' Frar, 2012; Appell Ċivili Numru. 1359/2003/1.
[261] Ġudikatur Dr. Edwina Grima. Seduta tat-23 ta' Settembru, 2004 Talba Numru. 1445/2002/1

Kunsidrati dawn il-provi m'hemmx dubbju li l-merkanzija kienet tikkonsisti **f'sigaretti.** Ix-xiehda tal-*consignee* indikat fuq il-*bill of lading* hi determinanti.

F'dan il-kuntest issir riferenza għall-deċiżjoni riċenti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Xuereb, Noel Vella**[262] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet:

> Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li minkejja dak li ngħad fis-sentenza mogħtija fil-15 ta' Jannar 2019 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Michael Borg et (Numru 312/2018), li din il-Qorti ġiet mistiedna tieħu konjizzjoni tagħha mill-appellanti, din il-Qorti ma tikkondividiex il-linja ta' ħsieb imsemmi fiha fir-rigward ta' inkarigu ta' espert u tinnota li <u>m'hemmx għalfejn jitqabbad espert biex jgħid li oġġett huwa sigarett għax m'hemmx bżonn li ssir prova ta' affarijiet li jitkellmu minnhom infushom</u>. Għandu jingħad li espert jitqabbad meta jkun hemm bżonn xi ħadd tas-sengħa f'xi qasam partikolari li l-Qorti jkollha bżonn ħa jiġu ċċarati l-affarijiet. Mhux meħtieġ anqas li tiġi maħtura Inkjesta Maġisterjali pero' xejn ma jnaqqas li din tiġi maħtura. Illi, b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, jekk tkun ikkunsidrata x-xiehda tal-Valuation Officer waħidha u r-reqqa li biha wasal għall-valutazzjoni huwa biżżejjed li dan kien jaf biżżejjed dwar xiex kellu jagħmel il-valutazzjoni. M'hemmx dubju dwar l-ammont ta' sigaretti nvoluti u ta' liema brand kienu. Il-Prosekuzzjoni ppruvat dan kollu 'l hemm minn kull dubju raġonevoli b'dan illi l-prova xjentifika ta' espert li qed jinsistu fuqha l-appellanti ma kienx hemm bżonnha f'dan il-każ.
> [sottolinejar minn din il-Qorti]

B. <u>Kalkoli fuq Dazju, VAT u SISA Dovuti:</u>

**Joseph Borg**, f'isem id-Direttur Ġenerali tad-Dwana, ikkonferma żewġ *letters to prosecute* fil-konfront taż-żewġ imputati.[263]**Paul Scicluna** f'isem il-Kummissarju tat-Taxxi ikkonferma *letters to prosecute* mill-*VAT Department* fil-konfront tal-imputati, maħruġa minnu.[264]

*(i) Il-Valutazzjoni*

**Carmel Attard**, spjega kif il-valutazzjoni normalment issir fuq il-fattura iżda ġaladarba fil-mument li nħarġet il-*letter to prosecute*, kien il-Ħadd u din ma kienitx disponibbli, uża l-prassi mħaddma mid-Dwana: *"illi biex tagħmel valutazzjoni tas-sigaretti ...... tittieħed il-medja tal-prezzijiet tas-sigaretti li jiġu mpurtati legalment u li dik hija l-medja, jiġifieri l-valutazzjoni ma ttieħditx fuq l-ogħla sigaretti li jiġu mpurtati. Fil-fatt dik il-marka tas-sigaretti li ġiet, li kienet f'dak il-container, mhijix, ma ssibhiex fis-suq lokali b'mod legali"*. Filwaqt li normalment il-valutazzjoni issir mill-Excise Department din kien għamilha hu: *"L-uffiċjali tal-[recte] Excise section kienu ippreparaw formola bir-rati tad-dazju ta' dak li kien applikabbli dak iż-żmien u jiena kemm indaħħal id-dettalji u awtomatikament is-sistema tagħtini d-dazji u t-taxxi involuti, jiġifieri dina imbagħad* ***ġiet ivverifikata u***

[262] Per Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri; Deċiża 20 ta' Marzu 2023
[263] Fol.258-259. Vide **Dok.JB1** u **JB2** a fol.17 u 18 rispettivament
[264] Fol.260-261. Vide **Dok.PS1** u **PS2** a fol.19 u 20 rispettivament

***kkonfermata mill-uffiċjali l-għada*** *għax kellna nressqu. .... It-taxxa tad-dazju tas-sisa tinħadem fuq retail price, bil-prezz bl-imnut; jiġifieri jekk dat-tip ta' sigaretti ma ġewx, m'għandiex minnhom fis-suq lokali allura ma nimpurtawx minnhom, l-iskeda tal-Att dwar id-Dazju u Is-Sisa tagħtina illi nieħdu l-ogħla prezz biex tinħadem il-valutazzjoni."*[265] Din ġiet kalkolata bħala dik ta 0.58c kull pakkett.[266]

Ikompli li d-dazji li kienu applikabbli għas-sigaretti huma tlieta; (i) id-dazju tal-importazzjoni li huwa dazju li dak irid jingħata lill-Unjoni Ewropea peress li għandha d-dazju tas-Sisa, (ii) dak li huwa dazju ta' Malta, kif ukoll (iii) it-taxxa addizzjonali tal-VAT. Id-dazju tal-importazzjoni ġie kalkulat li jammonta għal €175,392.00[267] li ġew mgħoddija lill-Kummissjoni Ewropeja skond regoli tal-UE.[268]

In kontro-eżami jsemmi kif il-kalkoli nħaddmu mingħajr ma kellu l-fattura iżda **nħaddmu kemm fuq *bill of lading* li tkun ġiet mgħoddija lid-Dwana** kif ukoll fuq informazzjoni li kien ġiet mgħoddija d-Dwana mill-OLAF bħala parti minn skambju ta'informazzjoni fejn il-*container* ġie *flagged* tant li kellu jibqa' sorveljat.[269] L-iskop tas-sorveljanza kien sabiex kif jitlaq minn Malta, jinfurmaw lill-awtoritajiet konċernati wara li jiġu ċċekkjati s-siġilli tiegħu.[270] Jikkonferma li ġaladarba l-fattura ma ħarġitx minn Malta w lanqas kellu opportunita` jivverifika li fil-*container* kien hemm sigaretti, li għamel kienet biss **stima fuq il-*bill of lading***.[271]

Din hi t'importanza tenut kont li l-kalkoli li saru minn Attard saru propju fuq l-ammont ta' kaxxi li jidhru fil-*bill of lading*, il-*packing list* u l-*invoice* –"**1050 Cases of a Class Filter Cigarettes, Total 100,000 Cigarettes"**[272]**.**

M'hemm l-ebda arbitrarjetà dwar kif inħadmet il-komputazzjoni fuq taxxi u dazji. Fil-fatt għalkemm Attard jgħid li kellu informazzjoni dwar il-kontenut tal-*container* mingħand l-OLAF, madanakollu **l-kalkolu nħadem abbażi tal-*bill of lading***: *"dokument li juri li dak il-container kellu dan l-ammont ta' kaxxi tas-sigaretti....jezisti dokument nitolbuh minghand l-agent nghidulu Bill of Lading"*.[273]

---

[265] Fol.348.
[266] Vide **Dok.CA1** a fol.357
[267] Fol.357
[268] **Dok.CA2** a fol.358-359 jinkludi id-dazju tal-*container* fir-rendikont għax-xahar ta' Lulju.
[269] Fol.411-412
[270] Fol.415
[271] Fol.416
[272] Oriġinali huma **Dok.MA3** a fol. 467 tal-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg** et. Kopja f'dawn l-atti a fol.406
[273] Fol.353

Dan isib korroborazzjoni minn **Wayne Xuereb** mill-Grupp ta' Thomas Smith, li semma kif il-*container* wasal Malta fl-24 ta' Lulju, 2015. Thomas Smith jirrappreżentaw ix-*shipping line* Seago. Il-*consignee* kien Pantheon Ships Supplies. **Il-*manifest* tiegħu ġie mgħoddi lid-Dwana.** Għalkemm kien jidher destinat għal Malta, fuqu kien hemm nota li kien *in transit* u dan ġie konfermat mill-*consignee* li anke ġie mistoqsi kellux bżonn il-*gate pass*es biex jidħol il-Freeport. Għalhekk saru arranġamenti sabiex jintbagħat għall-*export* iżda ma setgħax jagħmlu dan għaliex ma kienx għad hemm *release* fuq l-*import log* peress li l-*consignee* ma kellux l-oriġinal *Bill of Lading.* Fuq il-manifest kien hemm miktub ***"one zero five zero (1050) cases of class folder cigarettes u jidher li kien hemm figura ta' 100,000 cigarettes".***[274]

Bħala parentesi jiġi osservat li din l-insistenza għall-*original bill of lading* tkompli temfasizza l-importanza enormi w l-valur probatorju ta' dan id-dokument strumentali għall-ġar ta' merkanzija fis-settur marittimu.

Minn naħa tiegħu, D'Anastasi esebixxa l-*bill of lading* **oriġinali** tal-*container* in kwistjoni, CAXU913932 (545G1), li tispeċifika li kien hemm 1,050 Cases Total **100,000 Cigarettes.** [275] L-*Invoice* maħruġa minn Anta Travel & Tourism tindika l-valur tal-merkanzija bħala dak ta' US$120,750.00 b'Unit Price ta' US€115.00. Il-*Packing List* imbagħad tindika *"1050 Cases….Unit Stick 10,500,000.00".*[276]

Dawn huma **l-istess numru ta' kaxxi w ammonti** li nħaddmu l-kalkoli tal-ammonti dovuti bħala Dazju, Sisa u VAT minn Attard u għalhekk dawk il-kalkoli huma korretti għaliex jirrispekkjaw ir-rati kontemplati bil-leġislazzjoni fis-seħħ f' Awissu, 2015.

Għaldaqstant d-dazji w taxxi dovuti komputati mid-Dwana ma jistax jingħad li saru b'mod arbitrarju. **Inħaddmu fuq il-*bill of lading*, fuq il-*cargo manifest* u fuq l-*invoice*** mgħoddija lilhom minn Thomas Smith, liema dokumenti kellhom fuqhom deskrizzjoni tal-merkanzija li sussegwentement ġiet **konfermata wkoll mill-*bill of lading*** li l-*consignee* tal-merkanzija, D'Anastasi, ippreżenta l-oriġinal tagħha flimkien ma, *inter alia, invoices* relattiva**.** Mhu tassew xejn dak allegat fis-sottomissjonijiet magħmulha mill-imputat Calleja li Dwana straħet fuq xi informazzjoni li waslitilha mill-OLAF biex għamlet il-komputazzjoni tagħha dwar dak dovut lil Erarju!

---

[274] Fol.374
[275] Oriġinal mmarkat bħala **Dok.MA3** u esibit a fol.467 fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et**. Kopja ta' liema ġiet esibita f'dawn l-atti bħala **Dok.MA3** a fol.406
[276] **Dok.MA3** a fol.406. Dokumenti oriġinali fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** a fol. 467

*(ii)* *L-Artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana*

Fl-aħħar nett u biss ai fini ta' kompletezza - ġaladarba ħadd mill-imputati mhu qed jallega li xi dazju dovut tħallas, iżda biss sabiex jiġi sottolinejat li f'każijiet simili l-liġi lanqas biss tirrikjedi x-xjenza tal-awtur - issir riferenza għall-pożizzjoni legali li temana mill-artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana in relazzjoni mal-artikoli 60 u 62 tal-istess Ordinanza, b'dan l-aħħar artikolu jikkontempla r-reat imputati bih Calleja u Zammit.

Sentenza li trattat din il-materja *funditus* indubbjament kienet dik fl-ismijiet **Il-Pulizija Vs Andrew Ellul Sullivan Joseph Ellul Sullivan Carmel sive Charles Ellul Sullivan Philip Azzopardi:**[277]

> "Min jimporta oggetti li l-importazzjoni tagħhom hi projbita , **min jizbarka tali oggetti**, min iwarrab oggetti mportati qabel jigu ezaminati mill-ufficjal inkarikat mid-Dwana , huwa **awtomatikament passibbli mingħajr il-htiega tal-prova tax-xjenza**." ......

L-artikolu 77 tal-Kap.37 jsib applikazzjoni għal reati kontra l-***Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud***. L-artikolu 80 tal- jipprovdi:

> (2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 77 tal-Ordinanza tad-Dwana għandhom japplikaw dwar dawk l-oġġetti li l-importazzjoni tagħhom tkun suġġetta għat-taxxa taħt dan l-Att bħallikieku kull riferenza li tinsab f'dik l-Ordinanza għad-dazju msemmi f'dik l-Ordinanza kienet ukoll riferenza għat-taxxa li għandha titħallas taħt dan l-Att.[278]

*(iv). Il-Komputazzjoni*

Issa l-artikolu 78 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> 78. Fil-każi kollha fejn il-valur tal-oġġetti huwa relevanti biex tiġi determinata xi penali, dak il-valur, fejn jirrigwarda proċeduri fil-qorti, għandu jkun determinat skont ir-regoli li jinsabu fit-Tielet Skeda u l-Annex tagħha, li hemm mal-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni.

Mill-banda l-oħra fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 382 u fl-artikoli 18 et seq tal-Kapitolu 406, Liġijiet ta' Malta, hemm stipulat x'għandhom ikunu l-valuri li għandhom jitħallsu bħala dazju fuq sisa u VAT rispettivament.

---

277 Qorti tal-Appell Kriminali, Per Onor. Imħallef Dr. Joseph Galea Debono. Deċiża 20 ta' Marzu, 2003; Appell Kriminali Numru. 80/2001/1

278 (3) L-importazzjoni ta' oġġetti suġġetti għat-taxxa taħt dan l-Att għandha titqies, għall-finijiet kollha ta' kull liġi, bħala importazzjoni projbita kemm-il darba ma titħallasx it-taxxa imsemmija jew, meta il-ħlas tat-taxxa jkun ġie pospost skont xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, il-kundizzjonijiet imposti dwar dak il-posponiment ma jkunux tħarsu kif imiss

Fid-dawl tax-xiehda appena kunsidrata (senjatament dik mogħtija anke minn rappreżentanti tad-dipartimenti tal-VAT u Dwana), mill-*bill of lading* abbinata mal-*invoice*, ilkoll dokumenti awtentikati, ġie pruvat li l-merkanzija kienet tikkonsisti f' *"1050 Cases….Unit Stick 10,500,000.00"*[279] **ta' sigaretti tat-tip Business Royal b'Unit Price ta' US€115.00 u bil-valur totali indikat bħala dak ta' US$120, 750.**[280]

Għaldaqstant il-Qorti issib li l-kalkoli ta' dazji w taxxi li xehdu dwarhom rappreżentanti tad-Dwana[281]. u tal-VAT[282] (li ssir ukoll riferenza għalihom fil-*Letters to Prosecute*[283]rispettivi u f'Dokument mmarkat **CA1,**[284] inħaddmu skond ir-rati kontemplati fl-Ordinanza dwar id-Dwana, fl-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u Fl-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitoli 37, 382 u 406 tal-Ligijiet ta' Malta) u jirriflettu l-ammonti dovuti lil Erarju Malti fiż-żmien tar-reati addebitati lilhom.

Għalhekk tenut kont li l-valur totali tal-merkanzija ġie stmat bħala dak ta' €304,500.00, l-ammont ta' dazju tas-Sisa dovut hu dak ta' €1,666,875.00, l-ammont ta' dazju t'importazzjoni hu €175,392.00 u taxxa fuq il-valur miżjud hi dik fl-ammont ta €386, 418.06.

B'hekk ġew soddisfaċentement ippruvati r-raba u l-ħames imputazzjonijiet fil-konfront taż-żewġ imputati.

**(iii.). It-Tielet Imputazzjoni: L-Aggravju t'Uffiċjal jew Impjegat Pubbliku Adebitat lil Christopher Calleja**

Calleja hu adebitat bl-aggravju kontemplat bl-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali:

> Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull **uffiċjal jew impjegat pubbliku** li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.

Issa l-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi:

---

[279] **Dok.MA3** a fol.406. Dokumenti oriġinali fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** a fol. 467
[280] **Dok. E u F** a fol.406. Dokumenti oriġinali fl-atti **Il-Pulizija vs Roderick Borg et** a fol. 467
[281] Fol.258-259. Vide **Dok.JB1** u **JB2** a fol.17 u 18 rispettivament
[282] Fol.260-261. Vide **Dok.PS1** u **PS2** a fol.19 u 20 rispettivament
[283] **Dok.JB1** u **Dok.JB2; Dok.PS1** u **Dok.PS2** a fol.17-20
[284] Fol.357

Taħt il-frażi ġenerali "uffiċjal pubbliku" jidħlu mhux biss l-awtoritajiet kostitwiti, ċivili u militari, iżda wkoll dawk il-persuni kollha li huma maħtura skont il-liġi sabiex jamministraw xi parti tas-setgħa esekuttiva tal-Gvern, jew biex jesegwixxu xi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

Dwar il-Korporazzjoni insibu:

*"When the operation of the container terminals was privatised in 2004, Government had kept this function under the arms of the Malta Freeport Corporation.....*

*The Corporation today employs a compliment of 100 Security Controllers whose training is on-going. They are well versed with the requirements of the International Ship and Port Facility Security Code (ISPS Code). Their main duties include controlling access at all gates leading to the separate facilities, patrolling the area on a regular basis to make sure containers are not tampered with, handling of crews leaving and joining vessels in collaboration with Immigration Police and monitoring of all areas through an extensive CCTV Control Room.....*

*Malta Freeport Corporation constantly liaises with Malta Customs Intelligence in relation to any suspect containers and/or any other crime related issues that may arise from time to time."*[285]

Hein Chetcuti, *Operations Development Manager* fi hdan il-Malta Freeport Terminals Ltd., jixhed li l-uffiċjali tas-sigurtà` huma impjegati mal-Malta Freeport Corporation**, entita` governattiva li** tagħti servizz lil Malta Freeport Terminals.[286]

Tant l-Korporazzjoni hi entita governattiva li din tinsab elenkata bħala ***"Entita tal-Gvern"*** u preżentement taqa' fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u Artijiet.[287] F'Awissu 2015 din kienet taqa' taħt il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar.[288]

Sentenza riċentement mogħtija li trattat id-definizzjoni ta' impjegat pubbliku, issib ukoll applikazzjoni għal dan il-każ, in kwantu l-aggravju adebitat lil Calleja jittratta kemm l-rwol tiegħu bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku. Il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni **Il-Pulizija vs Edward Caruana,** każ li jikkonċerna impjegat mal-Fondazzjoni Għall-Iskejjel t'Għada ikkunsidrat:[289]

---

[285] Security - Malta Freeport (gov.mt)
[286] Fol.194
[287] https://www.gov.mt/en/Government/Government%20of%20Malta/Ministries%20and%20Entities/Pages/Ministries%202022/Economy.aspx
[288] https://www.gov.mt/mt/Government/Government%20of%20Malta/Ministries%20and%20Entities/Pages/Lista-ta%27-Kuntatt---.aspx
[289] Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Nru: 475/2017. Seduta 29 ta' Marzu 2023

.....Il-Kapitolu 595 tal-Liġijiet ta Malta, li l-Avukat Ġenerali jistrieħ fuqu fl-appell minnu ntentat sabiex isaħħaħ il-fehma tiegħu dwar in-natura tal-impjieg tal-appellat, daħal fis-seħħ fis-sena 2019.

Dan ifisser illi fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni, u ċioe' dak ta' bejn Jannar 2015 sa Ottubru 2016, kien għad hemm fis-seħħ il-Kapitolu 497 u ċioe' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, li permezz ta'l-Att III tal-2019 kien sostitwit u aġġornat permezz ta' Kapitolu ġdid, u ċioe' il-Kap.595. ....

Illi jibda biex jingħad illi l-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada hija entita' governattiva, .... u ċioe' illi l-Gvern għandu interess ewlieni fit-tmexxija tal- Fondazzjoni u kontroll effettiv fuq l-istess, tant illi l-Bord tat-tmexxija tal-Fondazzjoni huwa maħtur unikament mill-Ministru responabbli għall-Edukazzjoni u wkoll il-Fondazzjoni tirċevi fondi pubbliċi sabiex tamministra u tmexxi l-proġetti tagħha kif approvati mill-Ministeru għall-Finanzi u fejn allura għandhom ikunu seġwiti ir-regoli tal-public procurement fl-għoti ta' tenders ta' xogħolijiet2 Fil-fatt il-Fondazzjoni hija elenkata bħala waħda mill-entitajiet tal-Gvern fis-sit uffiċjali gov.mt.

Illi l-Kapitolu 497 (u ukoll il-Kapitolu 595) tal-Liġijiet ta' Malta jagħtu is-segwenti definizzjoni ta' entita' tal-Gvern:

> "entità tal-Gvern" tfisser organizzazzjoni, li ma tkunx dipartiment tal-Gvern, aġenzija tal-Gvern jew soċjetà kummerċjali, li fiha l-Gvern ikollu kontroll effettiv, sew jekk dik l-organizzazzjoni tkun jew ma tkunx imwaqqfa b'liġi."

L-artikolu 3 ta'l-Att, imbagħad, jiddisponi illi:

> "Id-dipartimenti, aġenziji u entitajiet tal-Gvern huma korpi li jamministraw riżorsi pubbliċi u li jipprovdu servizzi lill-pubbliku jew **jaqdu funzjonijiet oħra f'isem l-Istat**."

Illi għalkemm ma tirriżultax mill-provi in atti, madanakollu, huwa fatt fid-dominju pubbliku illi l-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' għada ma hijiex entita' imwaqqfa bil-liġi, iżda kienet imwaqqfa b'deċizjoni tal-Kabinett u kostitwita permezz ta' att pubbliku ippubblikat fl-10 ta' Mejju 2001. L-għan tal-Fondazzjoni kien u għadu li tieħu f'idejha il-manutenzjoni u xogħolijiet oħra in konnessjoni mal-iskejjel tal-Istat. Illi l-uffiċjali impjegati mal-Fondazzjoni jiġu magħzula mill-istess Fondazzjoni u ingaġġati permezz ta' kuntratt tal-impjieg milħuq bejn l-impjegat u l-Fondazzjoni. Issa din il-prassi ta' inġagg hija regolata bil-liġi u anke bil-Kostituzzjoni, tant illi L-Att dwar l-Impjieg u t-Taħriġ jistabbilixxi illi hija l-korporazzjoni Jobsplus li għandha f'idejha l-ingaġġ ta' impjegati mill-Gvern jew minn entitajiet u kumpaniji ikkontrollati mill-Gvern[290]....

Illi l-Kapitolu 497 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi bħala "impjegat pubbliku" bħala li tinkludi "uffiċjali pubbliċi u impjegati ta'aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern, ……

Illi dan huwa mnissel minn direttivi nterni mill-People and Standards Division fil-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti tal-Gvern fejn fid-Direttiva numru 7 hemm hekk stabbilit:

> *This Directive applies to all Public Administration organisations which are not government departments, and which have a distinct legal personality and are authorised*

[290] Ara artikolu 15 tal-Kapitolu 343 tal-Liġijiet ta' Malta li kienet applikabbli fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni, liema liġi llum ġiet trasposta fil-Kapitolu 594 tal-Liġijiet ta' Malta

*by law to recruit and enter into contracts (herein after to as Public Sector entities) and to their respective Permenent Secretaries.*

Illi minn din id-Direttiva huwa evidenti allura illi l-entitajiet tal-Gvern, inkluża allura l-Fondazzjoni, taqa' fi ħdan l-Amministrazzjoni Pubblika. Illi l-Kapitolu 497 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi bħala "impjegat pubbliku" bħala li tinkludi "uffiċjali pubbliċi u impjegati ta'aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern, ……

…… bl-artikolu 2 tal-Kapitolu 497 jagħti s-segwenti definizzjoni ta' dak li jikkostitwixxi l-amministrazzjoni pubblika u ċioe' "tfisser il-Gvern ta' Malta inklużi l-ministeri u d-dipartimenti tiegħu, u l-aġenziji, l-entitajiet tal-Gvern, il-kummissjonijiet u l-bordijiet imsemmija f'dan l-Att." Illi l-liġi stess tagħti is-setgħa lill-organiżazzjonijiet u entitajiet tal-Gvern li għandhom personalita' ġuridika indipendenti li jieħdu ħsieb l-inġagg ta' uffiċjali fi hdanhom tramite il-korporazzjoni tal-Jobsplus. Dan ma jfissirx illi dawn l-impjegati ma humiex inġaggati fl-amministrazzjoni pubblika billi l-liġi stess tqies dawn is-soċjetajiet kummerċjali bħala entitajiet governattivi. …..

Illi dan ifisser illi l-awtur tar-reat mhuwiex biss l-uffiċjal pubbliku, iżda l-liġi tinkludi firxa aktar wiesgħa meta tinkludi fis-sanzjoni tagħha kull impjegat fl-amministrazzjoni pubblika. Similment, fid-dritt penali taljan12 fil-fatt l-awtur tar-reat huwa mhux biss "il pubblico ufficiale", imma ukoll "l'incaricato di un pubblico servizio". Illi allura din il-Qorti ma tistax taqbel mal-fehma milħuqa mill-Ewwel Qorti illi fl-atti ma hemmx provi biżżejjed li jindikaw illi l-appellat huwa impjegat fl-amministrazzjoni pubblika u lanqas ma tara li kien hemm il-ħtieġa illi titressaq bħala prova mill-Prosekuzzjoni l-Att li bih twaqqfet il-Fondazzjoni jew inkella 12 Articolo 317 Codice Penale 9 rappreżentant mill-People and Standards Division fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim'Ministru billi huwa evidenti mill-atti illi, kif ingħad, l-appellat kien u baqa' impjegat ma' entitajiet governattivi, ……

….d-definizzjoni mogħtija ta'l-Amministrazzjoni Pubblika fil-Kapitolu 497, illum il-Kapitolu 595 tal-Liġijiet ta' Malta, li tagħti **definizzjoni aktar wiesgħa minn dik imħaddna fil-Kapitolu 490, u li allura tinkludi l-entitajiet governattivi** bħalma hi il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Illi allura stabbilit il-qafas leġislattiv regolanti l-amministrazzjoni pubblika u meqjusa l-provi li hemm fl-atti huwa indubitat illi l-appellat kien fiż-żmien indikat fiċ-ċitazzjoni impjegat fl-amministrazzjoni pubblika u allura jaqa' taħt is-sanzjoni tal-liġi għar-reat imfassal fl-artikolu 112 tal-Kodiċi Kriminali, b'din id-disposizzjoni tal-liġi tinkludi persuni lil hinn mid-definizzjoni tal-"uffiċjal pubbliku" mogħtija fl-artikolu 92 tal-Kodiċi Kriminali. Illi finalment fit-termini tad-definizzjoni mogħtija ta' impjegat pubbliku jaqgħu dawk il-ħaddiema kollha li huma "uffiċjali pubbliċi u impjegati ta'aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern", sabiex b'hekk anke minn din iddefinizzjoni għandu jirriżulta illi l-appellat jaqa' fid-definizzjoni ta' impjegat fl-amministrazzjoni pubblika, kif ingħad.

Issa fil-waqt li l-FTS ma kienitx kostitwita b'liġi, fil-każ tal-Malta Freeport Corporation, din twaqqfet bl-***Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta*** li ma jħalli l-ebda dubbji dwar l-iskop, funzjoni ta', u s-servizz li jingħata lil Gvern Malti minn, din l-entita governattiva li hi msejjħa Awtorità dwar Portijiet Ħielsa.

L-artikolu 5 tal-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, Kapitolu 334 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

5.(1) Il-Malta Freeport Corporation Limited, kumpannija b'responsabbiltà limitata (Nru. C9353) reġistrata taħt l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali fil-25 ta' Jannar, 1988, għandha titqies

li **ġiet kostitwita taħt dan l-Att u għandha tikkostitwixxi l-Awtorità dwar Portijiet Ħielsa**, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejħa "l-Awtorità".

Fl-artikolu 16 tal-Att insibu kif l-Awtorità hi responsabbli għas-sigurtà tal-MF u aktar minn hekk taqdi l-funzjoni li tipproteġi u tħares l-interessi tal-Erarju:

16.(1) L-Awtorità għandha –

(a) tassigura illi kull Port Ħieles ikun mgħammar b'sistemi adegwati ta' kontroll biex ma titħalliex issir evażjoni mid-dazji tad-dwana u tas-sisa li jkunu jridu jitħallsu lill-Gvern ħlief għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att;

(b) tassigura li kull area dikjarata bħala Port Ħieles skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att tkun magħluqa kif għandu jkun; u

(ċ) tistabbilixxi l-punti ta' dħul u ħruġ tiegħu, u f'kull materja bħal dik l-Awtorità għandha tikkonforma mal-ħtiġiet kollha tal-Kontrullur[291] dwarhom, kemm-il darba l-Prim Ministru ma jordnax xort'oħra.

(2) Il-persuni kollha li jidħlu f'Port Ħieles minn kull post f'Malta 'l barra minn żona ta' Port Ħieles jew iħallu Port Ħieles ħlief għal destinazzjoni barra minn Malta b'xi oġġetti għandhom iwieġbu dawk il-mistoqsijiet li l-Kontrullur jista' jagħmlilhom għar-rigward tal-oġġetti msemmija u għandhom, jekk ikunu mitluba mill-Kontrullur, jippreżentaw dawk l-oġġetti biex jiġu eżaminati f'dak il-post li l-Kontrullur jista' jordna.

(3) Fil-ħin li vettura tkun dieħla jew ħierġa minn Port Ħieles, il-Kontrullur jista' jitla' fuq il-vettura u jagħmel tfittxija f'kull parti tagħha.

(4) L-Awtorità ma għandha tħalli lil ħadd jirrisjedi ġewwa Port Ħieles.

(5) L-Awtorità tista' tiċħad dħul għal Port Ħieles lil kull persuna li ma tipprovdix dawk il-garanziji li jkun jidhrilha meħtieġa dwar l-applikazzjoni kif imiss ta' xi regoli, regolament ijew ordnijiet dwaru.

(6) Kull kumpannija b'liċenza għandha tagħmel disponibbli lill-Awtorità dawk ir-records bil-miktub li jkollhom x'jaqsmu mal-oġġetti li tkun qed timporta jew li tkun sejra timporta f'Port Ħieles skont kif ikun meħtieġ għall-identifikazzjoni tax-xorta, kwantità u pajjiż ta' oriġini, konsenja u destinazzjoni tagħhom, liema records għandhom ikunu disponibbli biex jiġu spezzjonati mill-Kontrullur.

(7) Il-Ministru jista', bil-parir tal-Awtorità, b'regolament ippubblikati fil-Gazzetta, jagħmel provvedimenti għar-rigward tad-dħul ta' oġġetti fi u l-ġarr ta' oġġetti minn Port Ħieles, u ż-żamma, protezzjoni u t-trattament ta' oġġetti li jkunu ġewwa Port Ħieles.(8) Bla ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (7), ir-(7) Il-Ministru jista', bil-parir tal-Awtorità, b'regolamentippubblikati fil-Gazzetta, jagħmel provvedimenti għar-rigward tad-dħul ta' oġġetti fi u l-ġarr ta' oġġetti minn Port Ħieles, u ż-żamma,protezzjoni u t-trattament ta' oġġetti li jkunu ġewwa Port Ħieles.

---

[291] Artikolu 2 tal-Att: "Kontrullur" tfisser il-Kontrullur tad-Dwana .....

(8) Bla ħsara għall-ġeneralità tas-subartikolu (7), ir-regolamenti li jsiru taħtu jistgħu jagħmlu disposizzjonijiet –

(a) biex titħalla ssir id-distruzzjoni ta' oġġetti f'Port Ħieles mingħajr il-ħlas ta' dazji tad-dwana u tas-sisa,f'dawk iċ-ċirkostanzi u suġġett għal dawk il-kundizzjonijiet li l-Awtorità tista' tistabbilixxi;
(b) li jitlob li operazzjonijiet speċifikati ġewwa Port Ħieles għandhom isiru b'dak il-mod u suġġett għal dawk ir-restrizzjonijiet li jistgħu jiġu mposti bi jew taħt ir-regolamenti;
(ċ) li jistabbilixxi l-piena li tista' tingħata minn xi qorti f'każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' xi kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet imposti bis-saħħa tal-paragrafu (b):.....

Altru li l-Korporazzjoni tamministra setgħa eżekuttiva tal-Gvern, u teżegwixxi dmir ieħor pubbliku impost mil-liġi, sew ġudizzjarju kemm amministrattiv, kif ukoll tax-xorta l-waħda u l-oħra.

Għaldaqstant Christopher Calleja, bħala impjegat tal-Malta Freeport Corporation, entita` governattiva, indubbjament hu uffiċjal pubbliku w impjegat pubbliku.

Isegwi li l-addebitu lil Calleja tat-tielet imputazzjoni, l-aggravju kontemplat bl-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali, ġie soddisfaċentement pruvat.

**Il-Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura serjissima ta' dawn ir-reati; reati li raw l-Erarju Malti jiġi misruq minn mijiet t'eluf kbar ta' Ewro. Qieset l-rwol ta' Calleja li bħala uffiċjal inkarigat mis-sigurtà tal-Freeport, minflok jipproteġi dak li kien dovut u mħallas biex iħares, sfrutta għal kollox il-fiduċja mposta fih għall-rgħiba u gwadann. Calleja bla dubbju kien l-uffiċjal li l-aktar ħadem u stinka biex din l-operazzjoni makakka w malinna tirnexxi. Naqas intenzjonalment fid-doveri tiegħu kemm fid-dħul kif ukoll fil-ħruġ ta' xejn anqas minn żewġ vetturi, it-*trailer* misjuq minn Zammit kif ukoll tal-van l-abjad li jappartjeni lill-istess familja tal-burdnar. L-inizjattiva tiegħu hi notevoli kieku ma kienitx biex isir il-ħażin. Jidher kemm ippjana sew tant li anke mar l-Isptar St. James jgħid li kien qed ibagħti mill-morliti. Ħa ħsieb l-inqas dettal.

Ittieħed kont tal-fatt li fil-konfront ta' Calleja jsib applikazzjoni l-aggravju kontemplati bl-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali. L-għemil persistenti kriminuz ta' Calleja qed jiġi rifless fil-piena għaliex dan l-uffiċjal għamel l-almu tiegħu sabiex f'xejn anqas minn **żewġ okkażjonijiet** u fir-rigward ta' **żewġ vetturi** serva taċ-ċavetta sabiex il-katnazz ta' proċeduri ta' sigurtà mħaddma fil-Freeport jingħelbu f'tebqa t'għajn!

Malcolm Zammit mill-banda l-oħra mhux talli ħareġ bil-*container* mimli sigaretti iżda saħansitra reġa' daħal lura bil-*container* issa mimli knaten tal-ġebel; b'atteġġjament ta' sfida u nuqqas assolut ta' biża għall-konsegwenzi tal-għemil kriminali tiegħu. L-rwol tiegħu, bħal dak ta' Calleja, kien mill-iktar strumentali biex seħħet din is-serqa.

Ġiet ikkunsidrata l-fedina penali tal-imputati minn fejn jirrizulta li mhumiex xi *first-time offenders*. Calleja fil-fatt kien ġa nstab ħati ta' reati diversi u ma tgħallem xejn mil-opportunitajiet li ingħata.

Ma jistax jonqos li jiġi kunsidrat ukoll kif sal-aħħar l-ebda wieħed mill-imputati, ma wera xi rimors għal dak li seħħ.

Ma ħabblux rashom għal fatt li minn dawk id-dazji w taxxi, li pparteċipaw bi sħiħ biex jiġu evażi, jintefqu mijiet *inter alia* f'assistenza soċjali, fil-qasam tas-saħħa u bħala *unemployment benefits* għal min jixtieq li bħalhom kellu impjieg jew jista' jgħix hajja mhux dipendenti fuq għajnuna mill-Istat Malti!

Ġew ikkunsidrati wkoll ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ mhux anqas tal-fatt li, kif spjega Attard, Malta ġa kellha tħallas ammonti kbar ta' dazji dovuti lil Kummissjoni Ewropeja. L-ammont tar-*res furtiva* kellha piż sinifikanti fil-konsiderazzjonijiet tal-Qorti: aktar minn għaxar miljun sigarett b'valur totali tal-fuq minn tlett mitt elf ewro.

Għalkemm ma jirriżultax li l-imputati huma ta' xi periklu għas-soċjetà Maltija, il-Qorti hi fid-dmir li bis-sentenza tagħha tgħaddi messaġġ li għemil simili għandu jiġi kundannat bis-severità mistennija.

Aġir simili jimmina l-bżulija w l-onesta ta' negozjanti li jagħżlu li jeżerċitaw in-negozju tagħhom b'ħarsien tal-liġi, billi jħallsu d-dazji w taxxi dovuti lil Erarju. Irid jingħadda l-messaġġ li *crime doesn't pay!*

Kemm il-darba l-Istat ma jiġborx taxxi w dazji dovuti lilu, fl-aħħar mill-aħħar huma l-iktar vulnerabbli w dawk fil-bżonn ta' assistenza soċjali, ta' pensjoni, ta' benefiċċji tal-mard li ser isofru l-konsegwenzi. L-għemil tal-imputati wera kemm kienu jiġu jaqaw u jqumu mill-konsegwenzi tal-azzjonijiet tagħhom, l-aqwa li jħaxxnu buthom u l-miskin jibqa' miskin u jfendi għall-rasu hu!

Finalment ittieħdet konsiderazzjoni tal-fatt li s-serq tal-*container,* l-ewwel imputazzjoni, serva bħala mezz ai fini għas-serq tas-sigaretti, it-tieni imputazzjoni.

Fis-sentenza ġa ċitata[292] l-Qorti osservat dan dwar il-multi kontemplati fil-liġijiet li jittutelaw l-interessi tal-Erarju:

> Il-Qorti ma jirriżultalhiex li l-Ordinanza tad-Dwana (Kapitolu 37), l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kapitolu 406) u l-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kapitolu 382) b'xi mod imorru kontra dan il-prinċipju. Huwa minnu li l-multi jitilgħu imma din il-miżura hija meħtieġa sabiex l-erarju ma jitlifx mid-dħul tiegħu. Wara kollox terz mill-multa huwa ekwivalenti għal dik it-taxxa li kellha titħallas u l-multa trid tkun imposta fuq kull wieħed li kiser il-liġi u mhux tinqasam. In fatti, il-multi ma jinqasmux imma jkunu imposti in toto fuq kull persuna li tkun kisret il-liġi.
>
> Illi fir-rigward tat-terz tal-multa li d-Dipartiment tad-Dwana huwa ntitolat li jirċievi għandu jingħad li ma jirriżultax li ser ikun hemm l-arrikament għad-Dipartment imsemmi kif jisħqu l-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħhom u dana stante li din it-terza parti xorta tibqa' parti mill-multa u d-Dipartiment għandu dritt li jiġborha.

**Decide**

Għall dawn il-motivi, wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 20, 31, 42(d), 261(c)(d), 267, 268, 269, 279(b), 280(1) u 281(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 62(a)(c)(e)(f)(g)(h)(i)(k) u l-Ewwel Skeda tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta[293], l-artikolu 16(1)(j)(n) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta[294] u l-artikolu 80 tal-Att Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud, Kapitolu 406 tal-Liġijiet ta' Malta[295], kif ukoll fil-konfront ta' Christopher Calleja waħdu l-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha w tikkundanna lil **Christopher Calleja għal piena ta' erba (4) snin priġunerija w lil Malcolm Zammit għall-piena ta' tlett (3) snin priġunerija** kif ukoll tikkundanna lil <u>kull imputat</u> għall-multa komplessiva[296] ta' **sitt miljuni, sitt mija w sitta w tmenin elf, ħamsa w ħamsin ewro u tmintax il-ċenteżmu tal-ewro (€6,686,055.18).**

Minn dawn it-termini ta' priġunerija għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputati għamlu taħt arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-każ.

---

[292] **Il-Pulizija vs. Vincent Xuereb Noel Vella**. Per Onor Imħallef Dr. Neville Xuereb. Deċiża 20 ta' Marzu 2023; Appell Nru.166/2018

[293] Kif kienet taqra l-Liġi fiż-żmien li seħħew ir-reati addebitati. Il-proviso indikat mill-AG fin-nota għar-rinviju ta' ġudizzju iddaħħal b'dan l-Att fl-2018 u għalhekk ma jsibx applikazzjoni.

[294] Kif kienet taqra Liġi fiż-żmien li seħħew ir-reati addebitati.

[295] Kif kienet taqra Liġi fiż-żmien li seħħew ir-reati addebitati.

[296] **Dazju tas-Sisa €1,666,875 + Dazju ta' Importazzjoni €175,392.00 = €1,842,267.00 X 3 + €<u>5, 526, 801.00</u>**. L-alternattiva l-oħra ravviżata bl-artikolu 62 hi dik ta' multa li tirrapreżenta ħames darbiet l-ammont ta' dazju perikolat u cioe' 1,842,267.00 X 5 = <u>€9, 211,335.00</u>. **Dazju fuq il-Valur Miżjud €386, 418.06 X 3 = €1,159,254.18.** Għalhekk **€<u>5, 526, 801.00 + €1,159,254.18 =</u> €<u>6,686,055,18</u>**

Terz ta' dan l-ammont, jiġifieri żewġt miljuni, mitejn u tmienja w għoxrin elf sitt mija u ħamsa u tmenin ewro (**€2,228,685.00**[297]) għandu jitqies bħala dejn ċivili u jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, u dan ai termini tal-Artikoli 18 u 62 tal-Kapitolu 37, tal-Artikolu 16 tal-Kapitolu 382 u tal-Artikolu 80 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fin-nuqqas ta' ħlas għandha tiskatta l-konverżjoni ta' tali multa skond il-liġi.

Bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tordna lill-imputati jħallsu l-ammont ta' **€1, 123.58**[298] kull wieħed rappreżentanti l-ispejjeż peritali.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali u tal-Artikolu 68 tal-Ordinanza dwar id-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tat-*trailer* EHQ 103.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

---

[297] Terz ta' **€5, 526, 801.00 = €1,842,267.00; Terz ta' €1,159,254.18 = €386, 418.06.Ghalhekk €1,842,267.00 +€386, 418.06 = €2,228,685.06**

[298] Dan l-ammont jinkludi ¼ tal-ammont ta' €757.40 dovuti bħala spejjez peritali tas-*scene of crime officers*, Rapport **Dok.JH1** a fol.467A tal-Proċess **Il-Pulizija vs Roderick Borg et.** Ma jinkludix **Dok.MB** u r-rapporti tar-Reġistratur tal-Qrati rigward riċerka tal-assi tal-imputati.